# Għaqda Mużikali Imperial

# Festa Maria Bambina 2012

## Mellieħa



who cares if you're looking for the best cover for your home,
or protection for your family?

who cares if you need to plan for the future,
or that there is value in the simple things in life?

who cares if you have a dream,
and getting somewhere without stress is key?

who cares?

**we do.**

From insurance, to financial planning
and booking your next holiday, we're a family that cares.

Talk to us to find out more.

ROCS group

one group | your group

insurance | invest | travel | media | retail | property

**Call us on 2015 1515**
**or email info@rocsgrp.com**

**Mellieħa**: 19-23, ROCS House, Main Street, MLH 2310
**Floriana**: Development House, St. Anne Street, FRN 9010

www.rocsgrp.com

# Werrej

Merħba– Josef Borg - President ... 4
Ix-Xogħol Huwa Sors ta' Sodisfazzjon – Robert Cutajar - Sindku ... 9
Ingawdu l-festa sħiħa – Fr Joe Caruana - Kappillan ... 12
Stabilità u Progress – Spiro Grech ... 13
Festa mill-Isbaħ f'Armonija ta' Ħbiberija – Norbert Vella ... 16
Kontribut Siewi – Anthony Schembri ... 18
Żmien ta' Ħidma – John Schembri ... 19
Kumitat Ġdid – Carmen Cini ... 20
Il-Viżjoni tal-Għaqdiet Mużikali – Mro Anthony Borg ... 21
The Imperial Ladies Choir 2012 – Shirley Helleur ... 22
Ħidma Kontinwa – Philip Schembri ... 25
Djarju 2011-2012 ... 28
Nifirħu… ... 34
Niftakru f'dawk li ħallewna ... 36
Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Banda ... 37
Wirja t'Arti u Kollezzjonijiet – Clayton Vella ... 38
Limitations only go so far – Pippa Roberts ... 40
Rajt il-Mellieħa Tinbidel – Anthony Caruana ... 41
Lil Marija Bambina – Sunett ta' Mons. Ġużeppi Farrugia ... 44
Biografija Mons. Giuseppe Farrugia (1887-1969)
Patri Dijonisju Mintoff ... 44
Programm 2 ta' Settembru 2011 ... 48
Ittra mill-Awstralja – Sam Vella ... 49
That's Show Business For You – Brian Roberts ... 52
Is-Surmast John Mamo – Kitba tas-Sur Daniel Vella ... 56
George Fenech: Il-Pittur u Karmnu Muscat: Il-Kaptin – Paul P. Borg ... 58
Programm tal-Festi organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial ... 70
Tisbiħ fil-Każin ... 73
Activities organised by The Imperial Band Club ... 75
'Saċerdot Eżemplari' u 'Żiffa Ħelwa'
Dr Joanne Vella Cuschieri ... 76
Xi tfisser għalik il-Fidi Kattolika? – Mons. Dun Mosè Debono ... 80
Bis-sehem tagħna lkoll dejjem ikollna festa sabiħa – Christopher Bartolo ... 82
Tkomplija ta' xogħol fuq il-Planċier ... 84
L-A.R.P. u l-Qagħda tal-Melliħin fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija Marzu 1942
– Jimmy Muscat ... 85
Apprezzament Is-Surmast John Mamo – Cecilia Borg Sammut ... 89
Il-Funeral ta' Mro John Mamo ... 92
Gwalia From Llanrwst to Mellieħa – Geoffrey Thomas ... 96
Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial ... 98
Għotjiet mill-Emigranti lill-Għaqda Mużikali Imperial ... 99
Sehem l-Għannejja fil-Festa – Anthony Fenech ... 101
Il-Kavallier Fra Wolfang Philip Von Guttenberg (1647-1733)
– David Bartolo ... 105
Il-Baned Maltin – Clayton Bartolo ... 109
Qalb tad-Deheb – Maria Grima ... 110
George Fenech Tassew iben Mellieħi – Evarist Bartolo ... 112
Il-Mellieħa – David Muscat ... 114
Banda Ġermaniża fil-Mellieħa ... 117
Qassis, li ħafna ħabbew – Sammy Borg ... 118
Il-Parroċċa tal-Mellieħa maż-Żmien – Clifford Galea ... 121
Marċi Brijużi 2012/2013 ... 123
Viva San Fermin – Jos. F. Cachia ... 124
Il-Kwadru tat-twelid tal-Madonna fil-Knisja ta' San Publiju Floriana
– Mario Fenech ... 127
Keiko Holmes Mara Ġappuniża tagħmel ġid kbir – Eddie Camilleri ... 128
Tislima lil Dun Nazzarenu Caruana – Eddie Camilleri ... 130
Kemm Nixtieq! – Ġanni Camilleri ... 131
Attivitajiet ... 133
Frankie Waberitta – Sor Emma Camilleri ... 134
Il-mibki J.J. Camilleri – Philip Borg ... 136
It-Tixrid tat-Talba tar-Rużarju mid-Dumnikani – Raphael Micallef ... 138
Attakki Mill-Ajru fuq il-Mellieħa matul l-1941 u l-1942 – Charles Debono ... 141
Inċident relatat maċ-ċerimonja tal-George Cross fil-Mellieħa – Charles Debono ... 147
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ... 148

*Pubblikazzjoni:*
Ghaqda Mużikali Imperial
Pjazza tal-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
Tel.: 21523467

*Korrispondenza:*
Il-Bord Editorjali
Lehen l-Imperial
Ghaqda Mużikali Imperial
Pjazza tal-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
info@imperialbandclub.com
*webpage:*
www.imperialbandclub.com

*Bord Editorjali:*
Josef Borg, Joseph Bartolo,
Anthony Borg, Carmen Schembri,
Anthony Schembri

*Nota Editorjali:*
Il-Bord Editorjali jfakkar illi l-opinjonijiet u l-fehmiet espressi fl-artikli u fl-ittri ppubblikati f'dan il-magazin huma opinjonijiet u fehmiet tal-awturi nfushom, u m'ghandhom qatt jinftehmu bhala l-fehma tal-Bord Editorjali jew tad-Direzzjoni tal-Għaqda Mużikali Imperial. Il-fehma tad-direzzjoni hija riflessa fil-messaġġi tal-uffiċjali u fl-editorjal.

**Typing:**
Carmen Schembri,
Doreen Micallef
Ann Marie Vella
Norbert Vella

**Disinn tal-Faċċata:**
Conrad Fenech

**Ġbir tar-Riklami:**
Anthony Schembri

**Qari tal-Provi:**
Carmen Schembri
Grazio Barbara
Jimmy Muscat

**Ritratti tal-Faċċata:**
**Il-Banda Pinto ssellem lil Marija Bambina – Festa 2011**

*Disinn u Stampar:*
BEST Print CO. LTD
Żurrieq Road, Il-Qrendi
Tel: 21 680789, 9925 9084
E-mail: bestprint@maltanet.net




Discover our world of tailor made travel

ROCS travel

www.rocsholidays.com

Development House, St. Anne's Street, FRN9010, Floriana, Malta, Europe | IATA 50200883
19-23 ROCS House, Main Street, MLH 2310, Mellieha, Malta, Europe | IATA 50209994
Tel: +356 20 15 15 15 | Fax: +356 2152 3869 | Email: travel@rocsgrp.com

IATA

# Kumitat Direttiv

***President***
Josef Borg

***Viċi President***
Spiro Grech

***Segretarju Ġenerali***
Norbert Vella

***Ass. Segretarju Ġenerali***
Steven Fenech

***Segretarju Finanzjarju***
Anthony Schembri

***Ass. Segretarju Finanzjarju***
Carmen Cini

***Direttur***
John Schembri

***Ass. Direttur***
Charles Debono

***Membru Anzjan***
Anthony Caruana

***Surmast Direttur***
Mro Anthony Borg

---

# Kumitat Nisa

***Chairperson***
Carmen Cini

***Membri***
Mary Bartolo, Jane Caruana, Angela Grech, Anita Grey, Cecilia Sammut, Vivie Schembri, Victoria Stellini, Ann Marie Vella, Maria Vella

# Merħba



**Josef Borg**
**President**

Nagħtikom merħba u nistedinkom li tieħdu gost b'din il-pubblikazzjoni annwali, li ta' kull sena, l-Għaqda Mużikali Imperial tipprepara għall-Festa ta' Marija Bambina. Bħala bord editorjali aħna nagħmlu l-almu tagħna biex f'dan l-annwal ikun hemm tagħrif varjat b'avvenimenti li seħħew fis-soċjetà matul din is-sena u artikli oħrajn li jkunu mill-aktar interessanti.

Fis-seduta ġenerali tal-25 ta' Frar 2012, kien elett Kumitat Direttiv Ġdid li tiegħu jien kont maħtur bħala President, wara li l-ħabib tiegħi Ġużepp Bartolo ma reġax ikkontesta minħabba raġunijiet personali, għalkemm xorta waħda għadu jagħti l-għajnuna tiegħu mill-aħjar li jista'. Mhux faċli li nissostitwixxi bniedem b'aktar minn ħamsa u ħamsin sena esperjenza fil-kumitat, żmien twil bħala kaxxier, direttur u f'dawn l-aħħar tlettax-il sena bħala President. Min-naħa tiegħi ser nagħmel ħilti kollha biex l-Għaqda Mużikali Imperial tkompli miexja 'l quddiem u tilqa' fi ħdanha l-akbar numru ta' persuni biex titkattar aktar il-kultura mużikali għall-ġid tal-Mellieħa.

Fil-ħajja jkun hemm waqtiet li jagħtuk sodisfazzjon u kuraġġ u oħrajn li jnikktuk. Matul din is-sena l-mewt ħasdet minn fostna persuni li fil-ħajja tagħhom taw kontribut siewi lil każin. Ftit qabel il-festa tas-sena li għaddiet miet il-pittur Ġorġ Fenech, bniedem li ma għandu bżonn tal-ebda introduzzjoni. Il-pittur Ġorġ Fenech kien Membru Onorarju tas-Soċjetà tagħna, ħadem xogħlijiet diversi fis-soċjetà matul is-snin. Fost dawn insemmi, il-Karru Dekorattiv fl-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni tar-Reġina Elizabetta II fl-1953, id-disinn tal-palk matul is-snin li kien jiġi organizzat il-festival tal-kant bl-isem ta' Vokalissima. Il-karru u l-kostumi tal-Banda fil-karnival tal-1972 'Rigali u Xewqat Karnivaleski' fejn il-Banda rebħet l-ewwel post u fl-1973 b' 'Qis Mitt Darba u Aqta' Darba' fejn intrebaħ it-tieni post. Sa ftit taż-żmien ilu kien jiddisinja ukoll l-palk fil-Programm ta' Ħadd il-Palm. Barra minn dan fil-każin insibu numru ta' xogħlijiet ta' dan l-artist fosthom il-kwadru li juri l-evuluzzjoni tal-Banda Imperial, il-Kwadru tal-Qalb ta' Ġesù u l-Qalb ta' Marija u diversi kwadri oħra. Għal snin twal Ġorġ Fenech kien responsabbli mid-disinn tal-faċċata ta' din il-pubblikazzjoni li b'sodisfazzjon ngħid li dan ix-xogħol issa qed ikun fdat f'idejn ibnu Conrad.

Fil-bidu ta' din is-sena tħabbret il-mewt għall-għarrieda tas-Sur John Stellini, Membru Onorarju tas-Soċjetà, ġewwa l-Istati Uniti tal-Amerika. John jibqa' mfakkar għall-imħabba li kellu lejn il-Każin Imperial u kważi ta' kull sena kien ikun fostna fil-ġranet tal-festa. Fil-kontinent l-ieħor tal-Awstralja tlifna żewġ t'iħbieb oħra. Qed nirreferi għas-Sur Frank Borg (ta' Kejjillu) u s-Sur Mosè Vella (tal-Barkun) li qabel ħallew Malta t-tnejn kienu jdoqqu mal-banda. L-imħabba għall-każin qatt ma naqset u dan kienu juruh fid-diversi drabi li huma żaru Malta biex jiċċelebraw magħna l-festa tal-Vitorja.

Fis-16 ta' Mejju 2012 tħabbret il-mewt tas-Surmast Mellieħi Carmelo Muscat (il-Kaptin). Il-Kaptin kien mużiċist ta' klassi fuq l-istrumenti tal-korda u kompożitur mill-aqwa. Jien kelli x-xorti li ndoqq taħt id-direzzjoni tiegħu meta huwa kien Surmast Direttur tal-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina. Għal snin twal il-Kaptin kien d-direttur mużikali tas-sala Dun Edgar ġewwa l-Imġarr u kien f'ħin qasir jikkomponi l-mużika ta' diska li kien jisma' fuq xi *recording* ta' *tape* jew saħansitra tkun kantata mill-kantant stess quddiemu. Dan meta ma kienx hawn it-teknologija tal-lum. Il-mużika tiegħu żgur li ser tibqa' tindaqq mill-banda Imperial.

Fil-bidu ta' Lulju miet Dun Nazzareno Caruana, qassis mill-Mellieħa u eks Direttur Spiritwali tal-Każin. Dan is-saċerdot kwiet u ta' ftit kliem ħalla impatt qawwi fil-parroċċi li fihom serva bħala kappillan fejn bil-kwiet u l-perseveranza rnexxielu jagħmel tibdil li żgur l-ebda kappillan qablu ma

rnexxielu. Il-Banda Imperial flimkien mal-Banda La Vittoria tawh l-aħħar tislima fl-aħħar vjaġġ tiegħu ġewwa l-Mellieħa.

F'inqas minn ġimgħa wara l-funeral ta' Dun Nazzaren il-banda kellha tieħu sehem f'korteo funebri ieħor din id-darba tas-Surmast John Mamo eks Surmast tal-Banda u Surmast Onorarju. Għadni niftakar kont tifel ta' madwar 10 snin, meta missieri, Ġużepp Bartolo, Toni Caruana u John Vella marru jkellmu lis-surmast biex jieħu d-direzzjoni minħabba r-riżenja tas-Surmast Anthony Sammut. Jien minħabba l-età tiegħi kont bqajt fil-karozza quddiem il-garaxx tiegħu f'Birkirkara nistenna bil-ħerqa x'ser jiġri. Għalkemm kien lest li jaċċetta din il-kariga huwa qal lill-membri tal-kumitat li l-ewwel ser imur ikellem lis-Surmast Sammut biex jivverika jekk kienx hemm xi disgwid imbagħad jagħtihom risposta. Fil-fatt huwa aċċetta li jieħu f'idejh il-Banda Imperial bl-ewwel programm tiegħu ikun il-programm fl-għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Banda Imperial li kien ukoll l-ewwel programm li jien daqqejt mal-Banda meta ħriġt indoqq. Is-Surmast Mamo kien maħbub ħafna, ta kontribut siewi lill-Banda Imperial u ħallielna wirt kbir mużikali b'diversi marċi imma l-aktar għal qalbna huwa l-marċ popolari 'Tal-Iljun' li jindaqq ħafna fil-festa ta' Marija Bambina. Żgur li l-ħbiberija mal-familja Mamo li ssawret, matul is-snin ser tibqa' u l-memorja tas-Surmast ma ninsewha qatt. Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-funeral tiegħu b'daqq ta' marċi funebri flimkien mal-Banda San Nikola tas-Siġġiewi u Sant'Elena ta' Birkirkara li sar ġewwa Birkirkara. Il-ġid li għamlu dawn il-persuni f'ħajjithom ser nibqgħu ngħożżuh u ngawduh matul il-ħajja tagħna. Nixtieq insellem ukoll il-memorja ta' Ġużeppi Azzopardi, Victoria Caruana u John Grima, membri tas-soċjetà li ħallewna matul din is-sena.

Fl-ewwel diskors tiegħi bħala President, fil-programm ta' Ħadd il-Palm, kont għidt li ser naħdem fuq miri żgħar iżda li konvint li eventwalment dawn ser jagħmlu differenza kbira fi ħdan is-soċjetà u li kulħadd għandu jħossu kburi li huwa parti minn din is-soċjetà. Ħdimna u qegħdin naħdmu fuq proċess li minnu ser tgawdi s-soċjetà b'mod speċjali l-banda. Konvint li fi żmien il-festa naraw il-frott ta' din il-ħidma. Hawn nixtieq nirringrazzja lill-kumitat li unanimament aċċetta l-proposta li jien ressaqt kif ukoll lill-persuni kollha konċernati talli aċċettaw l-istedina li saritilhom. Nemmen li waqt dawn id-diskussjonijiet is-sens komun rebaħ u l-partijiet kollha konċernati għandhom għax iħossuhom kburin.

Nixtieq nirringrazzja lill-Viċi President Spiro Grech li ħdimna flimkien f'dawn id-diskussjonijiet u l-kumitat tal-appoġġ kontinwu tiegħu, kif ukoll lil persuni kollha li tkellimna magħhom għal maturità li ntweriet u d-disponibilità min-naħa tagħhom. Dawn l-esperjenzi jagħmluna kburin u għandna nitgħallmu ħafna minnhom għaż-żmien li ġej.

F'dawn il-ftit xhur kien imwaqqaf Kumitat Nisa biċ-*Chairperson* tinħatar is-Sinjura Carmen Cini. Saret stedina lin-nisa membri fi ħdan is-soċjetà u kien hemm numru sabiħ li aċċettaw li jkunu membri ta' dan il-kumitat. Dan il-Kumitat huwa ta' għajnuna kbira lil Kumitat Direttiv fix-xogħol tiegħu. Il-Grupp taż-Żgħażagħ ukoll qed jagħti s-sehem tiegħu ġewwa l-każin. L-għajnuna tagħhom hija siewja u bħala kumitat ser ntuhom l-appoġġ tagħna fil-ħidma tagħhom. Fiż-żmien li ġej hemm ħsibijiet biex nsaħħu l-istrutturi tat-tagħlim mużikali fi ħdan is-soċjetà u diġà hemm pjan dwar dan.

Fil-preżent qed isir xogħol ta' tisbiħ fil-każin u dan għandu jkompli wara l-festa ta' Marija Bambina. Matul is-snin sar ħafna tisbiħ u rranġar f'ħafna partijiet tal-każin u li issa wasal iż-żmien li nagħtu dehra aħjar lid-dħul prinċipali tal-każin jiġifieri fejn hemm il-Bar.

Ix-xogħol fuq il-planċier miexi b'ritmu tajjeb u sal-festa ser naraw aktar xogħol li nħadem matul din is-sena. Dan ix-xogħol seta' jkun possibbli biss b'għajnuna kbira volontarja ta' diversi persuni li ma għandhiex kliem biex nirringrazzjhom.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nagħmel appell lil kulħadd li jien dispost nisma' u nitkellem ma' kulħadd, għalkemm wieħed jifhem li finalment irid ikun il-kumitat li mbagħad jieħu d-deċiżjoni finali. Ħajr imur lejn sħabi tal-Kumitat, Kumitat Nisa, Grupp taż-Żgħażagħ, Surmast Direttur, Assistent Surmast, Direttriċi tal-Kor, sħabi bandisti u membri tal-Kor għal ħidma tagħhom, lin-nisa u l-irġiel għall-appoġġ u l-paċenzja tagħhom, lill-membri u benefatturi tal-appoġġ tagħhom. Il-ħidma tagħna għandha tkun li nkabbru l-isem tal-Għaqda Mużikali Imperial. Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li bagħtu l-awguri tagħhom għall-ħatra tiegħi bħal President u ser nagħmel ħilti biex naħdem għal iktar għaqda fost il-poplu Mellieħi.

Nawgura l-Festa ta' Marija Bambina t-tajba lil kulħadd b'mod speċjali lil dawk li minħabba raġuni jew oħra ma jistgħux jiċċelebraw il-festa fiżikament magħna.

# JOSEPH DEBONO
TIED INSURANCE INTERMEDIARY

T: 21520552, 27520552
insurance@jdebono.com

**GREAT DISCOUNTS WHEN YOU INSURE THROUGH US!**



**€25 DISCOUNT** FOR EVERY NEW CLIENT
ON A MOTOR INSURANCE POLICY*

**FREE Roadside Assistance 24x7 *on all motor policies in Malta & Europe***



**€25 DISCOUNT** FOR EVERY NEW CLIENT
ON A BOAT INSURANCE POLICY*



**€15 DISCOUNT** FOR EVERY NEW CLIENT
ON A HOME INSURANCE POLICY*



**€25 DISCOUNT** FOR EVERY NEW CLIENT
ON A HEALTH INSURANCE POLICY*

MIDDLESEA
A MEMBER OF THE MAPFRE GROUP

MSVLIFE

*Conditions apply

**Joseph Debono is an enrolled Tied Insurance Intermediary for Middlesea Insurance p.l.c. (MSI) and Middlesea Valletta Life Assurance Co Ltd (MSV) MSI is authorised by the Malta Financial Services Authority (MFSA) to carry on Long Term and General Business under the Insurance Business Act 1998, while MSV is authorised to carry on Long Term under the Insurance Business Act 1998. All are regulated by the MFSA. com 030812 111**

# KARIZIA
TRAVEL AGENCY

T: 21520552, 21525117
kariziatravel@jdebono.com







**INDIVIDUAL TRAVEL**

**HONEYMOON PACKAGES**

**CRUISES**

**GROUP TRAVEL TOURS** organised by Malta's best tour operators
**Brittania Tours, Europa Tours, Euro Tours, Hamilton Travel, SMS/Mondial, Joe Micallef Travel**
*(Same agent rates. No extra or hidden charges)*

**LOW-COST AIRLINE TICKETS**

**We will ensure that your travel is just perfect by taking care of all your travel related needs.**

***join us on facebook for latest offers & cruise deals***




# Over €200,000 in bingo prizes paid out monthly

FAIRPLAY Bingo

- ✔ Great Prizes
- ✔ Excellent service
- ✔ State-of-the-art comfortable setting
- ✔ Free transport to all areas
- ✔ Seperate smoking areas
- ✔ Open Monday to Saturday evenings from 18:30 till late
- ✔ Sundays and public holidays we are open from 13:00 till late
- ✔ Coffee Mornings on Mondays, Wednesdays and Fridays from 9:00am

St Paul's Bay

Fairplay Bingo
Dolmen Street
Qawra Seafront, St Paul's Bay
e-mail: info@fairplay.com.mt
Tel: 2157 7677, 2157 7678

Minimum age of entry: 18 years. Don't gamble unless you know the facts. Being responsible about gambling means knowing whether to gamble and how much money or time to spend. For further information visit our website: www.fairplay.com.mt

Fairplay Bingo is licensed by the Malta Lotteries and Gaming Authority


B. Grima & Sons Ltd
BUILDING, TURNKEY &
ROAD MARKING CONTRACTORS
Importers & Suppliers of :
Traffic Signs, Road Marking Paint
Plastic Barriers
Crash Barriers
Road Safety Equipment
Solar Powered Signs
Illuminated Bollards
Plastic Barriers
Car Park Markings
Playing Ground
Markings
B. Grima & Sons, Jean De La Cassiere Street,
St. Paul's Bay - SPB 3138 - Malta - Europe Tel: +356 21582659
Mob: +356 79477682/3/4/5 Fax: +356 21579597 - www.bgs.com.mt - E-mail: info@bgs.com.mt



# Ix-Xogħol Huwa Sors ta' Sodisfazzjon



**Robert Cutajar**
**Sindku**

Is-Soċjetà Mużikali Imperial hija waħda minn dawk l-għaqdiet li għandna fil-Mellieħa li taħdem bla heda b'risq il-membri tagħha u anke għall-ġid tal-mużika fil-Mellieħa. Nistħajjel li d-dirigenti ta' din is-soċjetà jimxu ħafna ma' dak li qalet darba Anne Frank: "L-għażż jista' jidher sabiħ, imma huwa x-xogħol li jagħtik is-sodisfazzjon."

Fil-fatt kien ta' sodisfazzjon għalija wkoll li tul dawn l-aħħar ħames snin bħala Sindku ħdimt mill-viċin mal-Għaqda Mużikali Imperial. Snin li rawna flimkien immexxu l-isem tal-Mellieħa 'l quddiem. Din is-soċjetà dejjem ipparteċipat b'impenn kull meta ntalbet tkun parti minn xi attività jew oħra. Insemmi L-Iljieli Melleħin, Il-Milied Mellieħi, l-inawgurazzjoni ta' ġonna madwar il-Mellieħa, il-Festa ta' San Ġwann kif ukoll il-Festival tan-Nar, li għall-ewwel darba sar fil-Mellieħa.

Il-Banda Imperial kienet mistiedna anke barra minn xtutna. Fl-aħħar snin ingħatat il-possibilità li tirrappreżenta 'l-Mellieħa f'attivitajiet popolari fi Sqallija.

Bħalma qalet Anne Frank, ix-xogħol huwa sors ta' sodisfazzjon. Għalhekk ma stajtx ma nagħtix is-sehem doveruż tiegħi, kif għamilt ma' għaqdiet oħra, biex din is-soċjetà tgawdi minn fondi speċjali tal-Gvern permezz tal-Fond għall-Kawżi Ġusti. L-Għaqda Mużikali Imperial ingħatat flus minn dan il-fond li qed jintużaw biex itaffu l-ispejjeż tal-bini tal-planċier. U dan kien ta' sodisfazzjon kemm għalija u anke għall-Għaqda.

Mument importanti li esperjenzajna flimkien matul l-aħħar xhur kien il-bidla fil-presidenza ta' din l-Għaqda. Fil-fatt din ser tkun l-ewwel Festa tal-Vitorja għall-President il-ġdid is-Sur Josef Borg li permezz ta' dan il-messaġġ nixtieq nawguralu ħidma sfiqa b'risq is-Soċjetà Imperial u l-membri tagħha kif ukoll b'risq il-Mellieħa għażiża tagħna. Fl-istess waqt irrid insellem u nirringrazzja lill-eks President, is-Sur Ġużepp Bartolo li kien ta' gost u pjaċir għalija li ħdimna flimkien tul l-aħħar erba' snin. Ad multos annos Sur Bartolo.

Minn hawn u sena oħra, il-poplu Mellieħi jkun ġie mitlub jagħżel Kunsill ġdid. Jekk inkunx qed nerġa' nikteb messaġġ bħal dan fil-pubblikazzjoni ta' sena oħra ma jiddependix minni. Però, jien dejjem lest li, safejn nista', nibqa' nagħmel ħilti kollha sabiex nara lill-Mellieħa u dak kollu assoċjat magħha dejjem aħjar. Persważ li dan huwa l-għan tal-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial ukoll u nirringrazzjakom talli tagħmlu ħilitkom kollha biex tkomplu tmexxu din l-għaqda 'l quddiem.

Jalla bħas-snin ta' qabel ikollna festa sabiħa ad unur il-patruna għażiża tagħna Marija Bambina. F'ismi, f'isem sħabi l-Kunsilliera u f'isem l-istaff tal-Kunsill Lokali nawgura lill-membri u l-familji tagħkom kif ukoll lill-Melleħin kollha l-festa tajba.

Viva Marija Bambina.

BELLA VEDUTA
grocery & confectionery
Mr & Mrs D. Vella

*Bella Veduta*
*Triq ta' Masrija*
*Il-Mellieħa*
*Tel: 21521306*

*delilahvella@hotmail.co.uk*


Ph.Borg Ltd
FUEL & LPG
Supplier
Diesel
Kerosene
Heating Gas Oil
BioDiesel
Bulk LPG
LPG Transporter
for LIQUIGAS
Mob: 9949 1177
Fax: 2152 3215;
Email: phiborg@go.net.mt


LED Bulbs
Low Consumption Bright Colours & Long Life
Imported by: Vanmar Co.Ltd, 19 St.Anne Street, Mellieha
Tel: 21521167 Fax: 21524051 Email: vanmar@maltanet.net



Manuel Bezzina Co Ltd
DERBY
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
ALPHA
Bikrija
Safra
DERBY
SLANEY
SAVANNA
Patata bikrija, reżistenti għall-mard u
għammiela ħafna li ser tiġi esportata
lejn il-Ġermanja u l-Olanda.
Bajda
Bajda
DRUID
ARRAN BANNER
LISETA
CARA
Aktar Tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd
'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur NXR 1112
Tel: (Res) 21410204, (Ta' Qali) 21418192
Mob: 99497346 • Fax: 21412587
E-mail: manuelbezzina@hotmail.com
Ħamra
Ta' Għajnha
Ħamra




WE CAN MEET ALL OUR NEEDS
HomeEssentials
IL-MELLIEĦA
High quality, low priced household goods & textiles!
Next to your doorstep
This is only a small selection from a wider range of quality goods.
We will also order items you need if they are not in stock
CHAIRS • LAMPS • MATTRESS • SHEETS • BLANKETS • QUILTS • HANGERS • PILLOWS • BEDSPREADS • CURTAINS • TOWELS (BATH, HAND & WASHCLOTHS) • PLACE MATS & NAPKINS • SHOWER CURTAINS • BATH RUGS • LAMPS • BOOK SHELVES • DISHES • PYREX CASSEROLES (FOR COOKING AND SERVING) • DRINKING GLASSES • MUGS • POTS AND PANS • MIXING BOWLS • MEASURING CUPS • KITCHEN TOOLS • COOKING UTENSILS • PLASTIC CONTAINERS • KNIVES • CHOPPING BOARDS • COFFEE MACHINES • TOASTER OVENS • MICROWAVES • GRILLS • BBQS • BLENDERS • HAND HELD MIXERS • VACUUM CLEANERS • DISHWASHERS • HEATERS • AIR CONDITIONERS • OUTDOOR FURNITURE & MORE
Weekdays: 9:00am-1:00pm
4:00pm-7:00pm
Saturdays: 9:00am-1:00pm
21, St Anne Street, Il-Mellieħa
Tel: 2152 4900
Email: esential@go.net.mt
FREE DELIVERY
TO SURROUNDING AREAS



# Ingawdu l-festa sħiħa



**Fr Joe Caruana**
**Kappillan**

Żgur li mix-xhur kollha tas-sena, ix-xahar tal-festa jkun l-aktar wieħed impenjattiv għal kull każin tal-banda. Mhux biss jirrikjedi l-preparazzjoni tajba tal-banda nnifisha, imma wkoll l-attività soċjali kollha li każin jitlob. Laqgħat, festini, stedin, programmi u l-kumplament. Dan kollu hu sabiħ għax joħloq attività mistennija mis-soċi u membri u dawk kollha li jiffrekwentaw il-każin, fl-istess ħin, għal dawk li huma responsabbli, il-kumitat, dan joħloq uġigħ ta' ras għax min hu responsabbli jkun jixtieq li kollox imur tajjeb u li kull attività tirnexxi.

Kemm hu xieraq li waqt li nagħmlu sewwa din l-attività kollha, fl-istess ħin inżommu quddiem għajnejna l-iskop prinċipali tal-festa – festa reliġjuża lill-patruna tal-parroċċa tagħna. Il-każini ta' Malta kollha, tagħna inklużi, twaqqfu prinċiparjament b'dan l-iskop, li joħolqu mużika popolari – marċi – fil-festi reliġjużi tagħna. Tieħu pjaċir li l-baned tagħna, anke llum f'soċjetà x'aktarx lajka u pluralistika, għadhom iżommu sħaħ mal-kawża ewlenija tal-ħolqien tagħhom u jagħtu importanza lill-valuri nsara mhux biss fil-jiem tal-festa imma matul is-sena kollha kif jixhed is-sehem attiv tagħhom fil-ħajja nisranija tal-parroċċa. Kemm hi ħaġa sabiħa li tara l-każin jinkoraġġixxi valuri nsara! Nieħu pjaċir nara membri tal-kumitat u soċi jattendu għall-funzjonijiet tal-knisja. F'postu ħafna li tara n-nies tal-każin li jattendu għall-funzjonijiet u jersqu għas-sagramenti, speċjalment tal-qrar u t-tqarbin.

Tapprezza wkoll li fil-każini jitrawmu valuri oħra billi mill-istess każin jiġu organizzati attivitajiet bħalma hu l-għoti tad-demm, xi ġabra għall-karità, xi żjara lil xi dar tal-anzjani. Attivitajiet karitattevoli bħal juru solidarjetà umana u nisranija li tagħmel parti mill-pedament tal-fidi nisranija.

Fl-istess ħin hu ta' sodisfazzjon kbir li l-kumitati tal-baned tagħna juru għaqal u maturità kbar billi jieħdu ħsieb iwarrbu kull esaġerazzjoni, pika bla sens, tgħajjir u kull ma jista' jwassal għall-firda jew ġlied kemm fuq livell ta' familja u kemm fuq livell parrokkjali. Dan l-għaqal hu tal-akbar sodisfazzjon għalija u tal-akbar ġieħ għall-każini tagħna, imġiba responsabbli waqt il-festi li tagħmilni tassew kburi li jien Mellieħi.

Nawguralkom ilkoll l-isbaħ xewqat għall-festa. Jalla Marija Bambina, il-Vitorja, iżżejjinna b'festa mill-isbaħ biex hekk nagħtuha ġieħ kif jixirqilha, nikbru fl-imħabba lejn Binha Ġesù kif tridna nagħmlu hi u nieħdu pjaċir flimkien ta' parroċċa/familja li aħna.

Il-festa t-tajba.

Silhouette
PHOTO STUDIO
TEL: 21 520016

Il-Management u l-iStaff jawguraw il-Festa t-Tajba

# Stabilità u Progress



Spiro Grech
**Viċi President**

**Nuqqas ta' Stabilità u nuqqas ta' progress iġibu warajhom argumenti u konflitti.**

Din is-sitwazzjoni żgur ma kinitx fil-Każin Imperial tul is-sena li għaddiet. Ikun hemm żmien meta dak li jkun jaħseb li kollox wieqaf jew kważi, imbagħad tara l-affarijiet, jew sejħilhom proġetti żgħar jew kbar, jirxuxtaw mingħajr ħafna daqq ta' trombi, fil-każ tagħna trumbetti.

Tiskanta kif f'sezzjoni tal-każin ikun għaddej proġett bin-nies jaħdmu, sintendi volontiera, u f'sezzjoni oħra, qisu ma qiegħed jiġri xejn, però meta tkun meħtieġa l-għajnuna, inżel sal-bar u min jinzerta hemm, arah iħalli l-flixkun tal-birra fuq il-mejda u tara nofs tużżana rġiel ġejjin biex jagħtu dik in-naqra għajnuna li tkun trid minn għandhom. Tieqaf taħseb u tgħid, mela mhux weħidna qegħdin, kulma trid tagħmel hu li titlob.

Hemm ħafna mezzi kif wieħed jista' jgħin, għandek dawk li jdaħħlu jdejhom fil-but mingħajr ma jkun jaf ħadd, hemm dawk li jagħmlulek il-kuraġġ u hemm dawk li jaħdmu. Kultant tibda taqta' qalbek u tgħid m'aħniex ser naslu, però meta tara hekk, ix-xogħol tibda tarah jew tħossu eħfef. L-importanti kif naħseb jien hu li nimxu bil-galbu, ma narawx kbir, u fejn ma naslux din is-sena, naslu sena oħra. Bl-appoġġ li għandna mill-membri tagħna naslu żgur.

Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-Kumitat kollu tal-paċenzja li jieħu bija u meta ngerger xi ftit, niżgurakom li l-intenzjoni dejjem tkun waħda pożittiva. Grazzi

**It-Tmexxija tas-Soċjetà Imperial**

Kellna ftit ċaqliq fit-tmexxija tas-Soċjetà tagħna. Nibda biex nifraħ lil sieħbi Josef Borg għall-ħatra ġdida li għandu ta' President.

Naf li fiż-żmien tal-lum mhux faċli, li naf żgur hu li Josef huwa bniedem kapaċi u jaf jieħu deċiżjonijiet f'waqthom. Jista' jħares lura u jimxi fuq l-istess passi li mexa fuqhom seħibna, l-eks President Gużepp Bartolo, li għal dawn l-aħħar 13-il sena mexxa lis-Soċjetà b'serjetà kbira. Grazzi Ġuż u nawguralek. Meta ma jkollokx x'tagħmel taf fejn għandek tiġi. Josef, jalla tmexxi lis-Soċjetà Imperial bil-galbu u twassalha fejn jixraqilha li tkun fis-snin li ġejjin.

Nifraħ ukoll lil sieħbi Norbert Vella għall-ħatra ta' Segretarju Ġenerali li wiret mingħand Josef Borg, piż mhux ħafif, però naf li hu intelliġenti u kapaċi. Nawguralkom.

Ma rridx ninsa nsellem lil sieħbi l-eks Viċi President Charlie Hiher. Jalla l-Madonna tal-Vitorja tagħtik l-għajnuna. Nixtieqlek saħħa ħabib.

Insellem lil sħabi membri u nixtieq lilhom u lill-Melleħin kollha, festa ta' ferħ u divertiment.

**CARMEL VELLA & SONS LTD.**
**GENERAL WHOLESALERS**
*CONFECTIONERY LINES, CIGARETTES, CIGARS & TOBACCO*
**"Arcadia", George Borg Olivier Str., Mellieħa**
**Tel: 21 520883, 9949 6643, 9949 8855**
**cvelsons@maltanet.net**



# practical style





quality leather and fabric
sofas designed to suit
your space and style
Made in Germany for you







DESIGNED
FOR YOU






elegant living

EXCLUSIVELY AVAILABLE FROM:

JDS
FURNITURE Ltd.

Main Street, Mellieha - Tel: 21 522 390 | Fax: 21 522 395
Email: jdsltd@maltanet.net

himolla
Polster für Menschen

Quality made in Germany

# Festa mill-Isbaħ f'Armonija ta' Ħbiberija



**Norbert Vella**
**Segretarju Ġenerali**

Għall-ewwel darba qiegħed nikteb f'dan il-ktieb tal-festa bħala Segretarju Ġenerali ta' din l-Għaqda wara li fis-Seduta Ġenerali li saret nhar is-Sibt, 25 ta' Frar 2012, il-membri tal-każin tellgħuni f'din il-kariga daqshekk importanti fi ħdan il-Kumitat.

Kienet sena impenjattiva ħafna għas-soċjetà tagħna fejn, wara l-festa tal-Vitorja li għaddiet, il-kumitat kompla x-xogħol ta' tisbiħ fil-każin kif ukoll fuq il-planċier.

Għat-tieni sena konsekuttiva, is-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Għaqda tagħna reġgħet tellgħet wirja oħra, fejn din id-darba t-tema magħżula kienet dik ta' 'Arti u Kollezzjonijiet'. Grupp kbir ta' żgħażagħ ħadmu bla waqfien biex din il-wirja, li kienet mifruxa fuq għaxart ijiem, tkun suċċess. Id-donazzjonijiet kollha miġbura ġew mogħtija lil *Puttinu Cares Foundation*. Barra minn din l-attività, l-istess żgħażagħ organizzaw ħarġa biex immorru naraw il-film 'Imħabba fuq il-Għolja', fejn ammont kbir ta' nies ġew magħna biex jarawh. Parti kbira minn dawn l-istess żgħażagħ huma wkoll membri tal-banda u l-kor u għalhekk il-ħidma tagħhom timlieni b'kuraġġ għall-ġejjieni tal-każin, li tant ngħożżu.

Ħaġa oħra li timlieni b'sodisfazzjon kbir hija x-xandir dirett li aħna ilna nagħmlu kull sena fil-festa għal diversi snin. Kien bħal-lum tlettax-il sena meta ħolma tiegħi u ta' Joe Borg, 'Tal-Boy', saret realtà. Minn dakinhar 'il hawn qatt ma ħarisna lura, u f'dawn l-aħħar snin, barra l-attivitajiet ta' barra, bdejna nxandru l-funzjonijiet kollha tal-knisja li jsiru waqt il-festa. Din is-sena, għall-ewwel darba, xandarna wkoll il-festa tal-knisja t'isfel b'mod dirett. Xandira oħra diretta li għamilna kienet il-Festival tan-Nar li sar ġewwa l-Mellieħa nhar il-25 t'April 2012. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li tawna l-għajnuna biex stajna nagħmlu dan kollu. Fejn ix-xandir dirett ma kienx possibbli, aħna għamilna mill-aħjar li stajna biex nirrikordjaw l-attività u tellgħajna kollox fuq is-sit elettroniku tagħna www.imperialbandclub.com. Nieħdu pjaċir jekk tibagħtulna l-kummenti u s-suġġerimenti tagħkom fuq info@imperialbandclub.com.

Din is-sena, il-Banda u l-Kor kienu impenjati ħafna. Eżatt wara li għaddiet il-Vitorja, bdew il-preparamenti għall-programm li jsir fil-festa tal-knisja t'isfel u ħadna sehem ukoll waqt il-Festival tan-Nar li semmejt aktar 'il fuq. Sar ukoll *recording* ta' sett ġdid ta' marċi li se jindaqqu fit-toroq fis-snin li ġejjin. Ta' min isemmi li, wara nuqqas kbir ta' snin, il-Banda tagħna reġgħet telgħet iddoqq ġewwa Għawdex, preċiżament ġewwa x-Xewkija għall-festa ta' San Ġwann l-Għammiedi. Barra minn hekk, il-Kor reġa' għamel il-kunċert ġewwa l-bitħa tas-Santwarju. Dawn ikomplu jżidu mas-servizzi u l-programmi li jkollna ta' kull sena.

Din is-sena wkoll kellna l-ħatra tas-Sotto Kumitat tan-nisa għas-snin li ġejjin. Dan il-kumitat jgħin ħafna matul is-sena fejn jidħol *fund raising*, fejn, kull l-ewwel Erbgħa tax-xahar, isir *coffee morning* li jattendu għalih numru sabiħ ta' nies. Barra minn hekk, jieħdu ħsieb it-tindif tal-każin, kif ukoll jippreparaw għar-riċevimenti li jkun hemm matul is-sena ġewwa l-każin.

Kif qegħdin taraw, il-ħidma tagħna mhijiex biss matul il-ġimgħatejn tal-festa iżda tkun mifruxa tul is-sena kollha. Dawn l-attivitajiet iżommu lis-Soċjetà dejjem ħajja.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nirringrazzja lis-Sur Joseph Bartolo għall-ħidma twila ta' 52 sena li huwa għamel fil-kumitat tal-każin. Nixtieq nawgura lis-Sur Josef Borg għall-kariga ġdida ta' President li qiegħed jokkupa, u ninsab konvint li ser ikompli miexi fuq it-tajjeb li għamlu ta' qablu. Barra minn hekk nirringrazzjah tal-għajnuna kbira li huwa tani f'dawn il-ftit xhur li ilni nokkupa din il-kariga ta' Segretarju Ġenerali.

Nixtieq nagħti l-kondoljanzi tiegħi lill-familjari ta' dawk kollha li ħallewna matul din is-sena, speċjalment lill-familjari ta' Mro John Mamo li

ħalliena fis-16 ta' Lulju 2012. Apparti li kien is-Surmast tal-Banda, huwa kien ukoll ħabib kbir tal-familja tiegħi. Ma kinux jilħqu jarawni li ma kinux isaqsuni kif inhuma tal-familja. Nirringrazzjah ukoll tal-teżor kbir li ħallielna ġewwa l-każin bil-marċi sbieħ li huwa kiteb, speċjalment tal-Innu Marċ 'Tal-Iljun'.

Nagħlaq billi nawgura festa mill-isbaħ, f'armonija ta' ħbiberija, lill-Melleħin kollha, lil ħutna l-emigranti li qegħdin fostna, kif ukoll lil dawk kollha li qegħdin isegwu kollox minn fuq l-internet. Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, lill-morda kollha li sfortunatament ma jistgħux ikunu magħna.

Viva l-Banda Imperial. Viva Marija Bambina.

***Inħeġġu lil kulħadd sabiex nattendu għall-funzjonijiet reliġjużi u nersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin b'mod speċjali matul il-ġranet tal-Festa.***

George's Bakery

**22, Main Street, Mellieħa**
**Tel: 21 520685**

Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd

SALA IMPERIAL
(mgħammra b'arja kundizzjonata)

Ideali għal riċevimenti tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u għal kull attività soċjali oħra.

***Għal aktar informazzjoni avviċinaw lill-membri tal-Kumitat, jew ċemplu fuq in-numri tat-telefown:***
***21 523467 u 21 520536***

# Kontribut Siewi



**Anthony Schembri**
**Segretarju Finanzjarju**

Il-festa reġgħet waslet. Sena tgħaddi qisha ħolma. Din is-sena, inħatar kumitat ġdid u hawn nixtieq ngħid grazzi lill-membri tal-fiduċja li wrew fija matul dawn is-seba' snin li għaddew u għassentejn li ġejjin. Grazzi mill-qalb tal-ġenerożità tagħkom.

Nixtieq ngħid grazzi lill-eks President is-Sur Joseph Bartolo, li tant ta kontribut kbir lis-soċjetà tagħna, tal-pariri li kien jagħti u tax-xogħol siewi li kien u għadu jagħmel wara dan iż-żmien kollu u nixtieqlu aktar saħħa.

Din is-sena x-xogħol baqa' sejjer speċjalment fuq il-planċier. L-ispejjeż dejjem jikbru u dejjem trid tara minn fejn se jidħlu aktar finanzi. Kien hemm rispons qawwi min-naħa tagħkom u allaħares li ma kienx dan u x-xogħol volontarju. Dawn il-volontarji ġieli għamlu ġranet u ġimgħat jaħdmu u jħallu x-xogħol personali tagħhom lura. Xogħol ieħor huwa dak li beda jsir fuq id-dawra tat-taraġ biex b'hekk ikompli jissebbaħ il-każin. Dawn kollha jinvolvu spejjeż kbar, flimkien ma' spejjeż oħra li jinqalgħu minn ġurnata għal oħra matul is-sena kollha.

Nixtieq insemmi wkoll li tieħu gost meta tara l-attendenza sabiħa tal-bandisti li jagħtu l-kontribut tagħhom mill-aħjar li jistgħu u b'hekk inaqqsu l-ispejjeż biex inġibu bandisti barranin. Biex ngħid kollox, is-Surmast Direttur flimkien mal-Assistent tiegħu jagħmlu minn kollox biex jgħallmu l-istudenti u jħajru xi bandist ġdid, imma dan mhux dejjem jirnexxi għax xħin kważi jkun tgħallem ma jibqax jiġi għal xi raġuni jew oħra. Dan ifisser spejjeż żejda għaliex l-għalliem jitħallas, iżda l-ikbar sodisfazzjon ikun meta dak il-bandist ġdid tarah idoqq mal-banda. Dan qed jiġri għax forsi jkun tgħallem strument b'xejn? Għalhekk inħeġġiġkom sabiex min forsi ttraskura xi ftit jerġa' jkompli minn fejn ħalla. B'hekk inkunu nistgħu nkomplu nkabbru l-Banda Imperial.

Hawn nixtieq inħeġġeġ lil kull min jista' jagħti xi kontribut b'xi sengħa jew b'xi mod ieħor. Dan jista' javviċina xi membru tal-Kumitat u bħal dawk ta' qabilna żgur li wara jħoss sodisfazzjoni kbir u jħossu kburi li jkun ta minn dak li jaf għall-ġid tal-Każin.

Ma nistax ma ngħidx kelmtejn fuq l-emigranti li tant jagħmlulna kuraġġ bil-kontribut tagħhom. Ħsibijiethom dejjem fuq il-każin. Jiftħu l-internet u jżuru s-sit elettroniku tal-Għaqda tagħna u b'hekk jaraw dak kollu li jkun għaddej ġdid fil-każin. Imbagħad b'tant ħeġġa u mħabba dawn l-emigranti jibdew jiġbru l-flus għal dak il-proġett li jkun qiegħed isir. Ħaġa tassew sabiħa u ta' dan nirringrazzjahom f'isem il-Kumitat kollu.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat għall-għajnuna fejjieda tagħhom. Ringrazzjament ieħor imur lil ħafna benefatturi, volontiera u membri, flimkien ma' dawk kollha li jirreklamaw f'dan il-ktejjeb għax mingħajrhom ma jistax ikollna Soċjetà kif għandna llum.

Grazzi wkoll lill-komunità Melleħija kollha għall-ġenerożità tagħha ta' matul is-sena.

**Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.**

*Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial*



# Żmien ta' Ħidma



**John Schembri**
**Direttur**

Għaddiet sena oħra u erġajna wasalna biex niċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina. Il-festa huwa żmien ta' ħafna attivitajiet u impenji li wieħed ikun ipprepara għalihom matul is-sena li tkun għaddiet. Wara kull festa kulħadd jerġa' jmur lura għar-rutina tas-soltu u jerġa' jibda xogħol ieħor.

Ix-xogħol fil-każin ma jieqaf qatt. Din is-sena l-kumitat ħaseb biex jagħti dehra ġdida lis-sulari ta' fuq tal-każin. Saret ħidma kbira minn ħafna volontarji biex dan ix-xogħol ikun jista' jseħħ. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw l-għajnuna tagħhom. Barra minn dan ix-xogħol, il-każin jirrikjedi diversi xogħlijiet li jinqalgħu minn żmien għall-żmien.

Barra x-xogħol ta' manutenzjoni li jsir fil-każin matul is-sena, ikunu organizzati wkoll diversi attivitajiet li jġibu ħafna xogħol magħhom. Fost dawn insibu l-*Coffee Morning* ta' kull xahar, ikliet u għat-tieni sena konsekuttiva l-wirja li tiġi organizzata mill-grupp żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial. Bħas-sena l-oħra, il-wirja ġibdet numru ta' nies li apprezzaw ix-xogħol esebit u għal darb'oħra kienet ta' suċċess. Minn hawn nagħti prosit lil dawn iż-żgħażagħ ta' din l-inizjattiva biex itellgħu din il-wirja.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat u l-membri u benefatturi kollha li dejjem taw l-għajnuna tagħhom matul is-sena. Nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha speċjalment l-anzjani u l-morda li ma jistgħux ikunu magħna waqt il-festa u lil dawk l-emigranti kollha li jinsabu magħna għall-festa tal-Vitorja.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

*Żuru l-'website' tagħna*

**www.imperialbandclub.com**

**Ikkuntattjana fuq *e-mail*:**

**info@imperialbandclub.com**

**SELMUN**

**TAL-FNIEK**

**Bar & Restaurant**

***Specialising in Maltese Dishes, Rabbit, Horse Meat, Quails, and Delicious Pizza.***

**Large Groups are Welcome**

**Tel: 2157 2984 • Mob: 9944 6225**



**LIVE Sport events on BIG SCREEN**



# Kumitat Ġdid



Carmen Cini

## Kummissjoni Nisa

Wara sena oħra, insellmilkom. Il-Kummissjoni Nisa fi ħdan l-Imperial issa ilha aktar minn għoxrin sena. Bi pjaċir ngħid li l-membri tagħha bqajna konsistenti naħdmu għal din is-soċjetà.

Din is-sena kien imiss li nerġgħu niffurmaw dan il-kumitat. In-numru tal-membri għal dan il-kumitat kiber u tela' għal għaxra. Għalija u għall-Għaqda Imperial dan huwa ta' sodisfazzjon kbir, għax juri fiduċja fil-kumitat ta' qabel.

Filwaqt li nirringrazzja l-membri kollha tal-kumitat ta' qabel tax-xogħol siewi u mill-qalb li taw fis-snin li għaddew, nilqa' magħna lil dawk il-membri ġodda li se jiffurmaw dan il-kumitat il-ġdid. Dawn kollha jifhmu s-sinifikat ta' kumitat għax kollha ħadmu f'dan is-settur qabel, għalhekk ninsab ċerta li se naħdmu tajjeb flimkien.

Flimkien se nibqgħu nagħtu sehemna u nkomplu fix-xogħol tagħna b'attivitajiet li nafu li jogħġbu lill-membri fi ħdan din l-għaqda. Il-*Coffee Morning* ta' kull xahar baqgħet iżżid fil-popolarità u kellna wkoll ħarġiet kemm kulturali u kif ukoll ta' divertiment.

Ta' dan ngħid grazzi lill-kumplament tal-kumitat sħabi, kif ukoll lill-kumitat Direttiv tal-fiduċja li dejjem uriena. Ma' dawn nirringrazzja wkoll lil dawk il-membri sħabna li jagħtu sehemhom bil-kbir meta niġu bżonnhom avolja ma jiffurmawx parti minn dan il-kumitat.

Ma nistax nagħlaq dan il-messaġġ mingħajr is-soltu tislima lil sħabna morda u anzjani li naf li għalkemm mhumiex preżenti fil-każin, qegħdin magħna fl-ispirtu. Ma ninsewhom qatt.

Nawgura l-festa t-tajba lill-kumitat u l-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial u lill-Melleħin kollha, speċjalment dawk ħutna emigranti li qegħdin fostna biex jiċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina.

Commando

Bar & Restaurant




FAMILY RUN

Misraħ iż-Żjara tal-Papa,
Mellieħa,
Malta
Tel: 2152 3459
Mob: 79730900

# Il-Viżjoni tal-Għaqdiet Mużikali



**Mro Anthony Borg**
**Surmast Direttur**

Ftit tal-ġimgħat ilu ġie f'idejja sunett, li l-eks President tar-Repubblika ta' Malta, l-Avukat Anton Buttigieg kiteb fl-1956, fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb lill-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun, li tagħha huwa serva għal numru kbir ta' snin bħala President.

### Lil Banda "San Gejtanu" Ħamrun

*fl-okkażjoni ta' għeluq il-ħamsin sena ta' għomorha*
**Anton Buttigieg**

Orpheus għadda mat-triqat tal-Greċja
Idoqq ħlewwiet tal-għaġeb bis-suffara,
U kaxkar għal warajh tad-daqq bis-seħer
Il-blat u s-siġar u l-għargħar tax-xmara.
Ja Banda SAN GEJTANU bħal Orpheus
Għaddejt timmarċja mat-triqat Maltija,
U miegħek int kaxkart, mhux blat u siġar,
'mma l-qlub li għandhom fihom l-armonija.
Ja Banda SAN GEJTANU ssokta miexja,
Naddaf il-qlub bid-daqq, naqqihom sewwa
Mill-korla, mill-mibegħda u l-ebusija,
U mliehom kollha ġmiel u sliem u ħlewwa
Issokta miexja bla ma qatt tixjieħ,
Sakemm tħobb biss it-Tajjeb u s-Sabiħ!

Għalkemm dan is-sunett, li qegħdin nirriproduċu għall-benefiċċju tal-qarrejja, inkiteb speċifikament għall-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu, inħoss li dak li ħass Buttigieg 'il fuq minn ħamsa u ħamsin sena ilu, għadu jgħodd ukoll għall-Għaqdiet Mużikali Maltin u Għawdxin illum.

F'dan is-sunett, Anton Buttigieg, filwaqt li jirrikonoxxi l-ġid kbir li wettqu matul is-snin l-għaqdiet mużikali fil-gżejjer tagħna, jurina x-xewqa tiegħu għal dawk il-valuri li fuqhom għandhom jibnu ħidmithom l-istess għaqdiet jiġifieri li jħobbu t-tajjeb u s-sabiħ. Nemmen li dawn huma l-valuri li għandhom jispiraw il-ħidma tagħna l-għaqdiet mużikali.

Nixtieq minn dawn il-kolonni nsellem il-memorja tal-membri tal-Każin li ngħaqdu mal-Ħallieq matul dawn l-aħħar tnax-il xahar, partikolarment lill-pittur Ġorġ Fenech, lis-Surmast Carmel Muscat, lil Dun Nazzareno Caruana u lis-Surmast John Mamo, li b'mod jew b'ieħor dejjem inkuraġġewni biex inkompli nagħti s-sehem tiegħi fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial.

Nixtieq inrodd ħajr lill-President Onorarju tal-Għaqda Mużikali Imperial is-Sur Joseph Bartolo tal-ħidma kbira li wettaq matul is-snin b'risq din l-istess għaqda. Kien ta' unur li tul dawn l-aħħar erbatax-il sena ħdimna flimkien biex inkomplu mmexxu l-Banda u l-Kor 'il quddiem. Nixtieq nirringrazzjah tal-appoġġ kontinwu li dejjem sibt mingħandu, matul dawn is-snin.

Xieraq ukoll li nsellem u nirringrazzja lil kull min b'xi mod jew b'ieħor ta l-kontribut tiegħu biex il-Banda u l-Kor Imperial kellna sena mużikali oħra ta' suċċess. GRAZZI ĦAFNA.

Nawgura festa mill-isbaħ lil kulħadd.

ID-DROGA TEQIRDEK...
Ħajtek f'idejk... TITLIFHIEX!!



# The Imperial Ladies Choir 2012



**Shirley Helleur**
**B.A., L.R.A.M., L.T.C.L., P.G.C.E.**

This is the time of year when I usually write an article to let everyone know what the Imperial Choir has been doing over the last twelve months. We have been extremely busy, as usual and you will find details of our numerous engagements elsewhere in this magazine.

We have just given our annual summer choral concert and, as I reflect on our achievements, I thought that I would share some of my thoughts on choral singing with you.

I have always sung in choirs – at church, primary school, secondary school and university. I sang in choral societies and chamber choirs in the UK and now sing in Malta with the New Choral Singers. I have also been conducting choirs for over thirty years so my ideas are based on over fifty years of experience .

Most people join a choir because they want to enjoy themselves and have a good time whilst making music. So what makes a good choir member? The most important factors are commitment and self-discipline. These can be shown in so many ways but the most important one is simply to turn up to rehearsals regularly. Leading on from this is the need for punctuality. Persistently being late shows a lack of respect for your fellow musicians and choral singing is all about teamwork and consideration for others.

The final results produced by a choir depend on every single individual. It's no good thinking that your fellow singers will cover you through the bits that you don't know, or haven't bothered to learn! If every singer thought in this way then there would be no choir. It's by paying attention at rehearsals that you learn and improve. You need to be engaged with what is going on at all times, even if it does not directly involve you. You should listen to others in your section so that you stay in tune and blend better whilst paying heed to the other parts and to the conductor.

It's also really important to listen to your own voice and analyze what you are doing.

When singing in a concert think about the lyrics and put your heart into communicating with the audience. Don't just stand there and sing or, (even worse) shout. If in doubt, behave as if you know what you are doing. Don't let the audience – and especially the conductor – know that you are floundering. Try to relax and SMILE. A great choir member wants to get the music right and the concerts to be the best that they can be.

What should a choir expect from their conductor?

They should expect clarity with regard to directions. A conductor has to be decisive so that the singers know exactly what is expected of them. They have to be enthusiastic, inspirational and able to generate excitement in the rehearsal room. They need lots of patience as no two singers learn in exactly the same way and allowances have to be made, however frustrating this can be as you try to keep smiling whilst rehearsing the same passage for the umpteenth time!

A confident approach is vital as choir members can smell fear and react to it very quickly. A good sense of humour is probably the most important requisite for any choral director for so many reasons!

If a choir member has had a bad day at work, home or school, what would be the best way to wind up your musical director?

Never be satisfied with the starting pitch of a piece. Always moan that it is too high or too low.

Complain about the rehearsal room – the lighting, draughts, the temperature – anything will do. This is really effective if the conductor is under pressure preparing for a concert!

Bury your head in the music just before important cues.

At dramatic moments in the music start to mark your copy.

Look at your watch frequently during rehearsals

and sigh a lot. Find an excuse to leave a rehearsal 15 minutes early so that the rest of the choir become restless and fidget a lot.

Talk through all instrumental introductions so that you have no idea of the tempo or tonality of the piece or when to come in. (Some people have a gift for multi-tasking. Mariella is a real master at this. She never misses anything and I have NEVER managed to catch her out !)

Rustle your music as much as possible when looking for scores or turning pages. (Even better – don't keep your music in the folder so all the loose sheets are mixed up and often end up on the floor).

Slump in your chair or sit in a strange yoga-like position whilst attempting to sing.

When asked to mark your music find that the entire section has only one pencil between them and then make a big fuss about it.

I could go on but some of the ladies may be worrying that I will share their own foibles with you all. Remember – people join a choir because they want to have fun and socialize with other singers. Well, the ladies of the Imperial Choir have got that bit right! Thank you to all of the singers for their commitment this year.

Thank you to all of the ladies who help me set up and pack away the keyboard – such a simple thing but I really do appreciate it. Thanks to Carmen for her help with the library and to Ruth for her secretarial skills.

Congratulations to Marisa and Melita for their tasteful solos this year. Many of the choir have shown great commitment by organizing their very complicated family lives in order to allow them to continue singing and I appreciate their dedication to the choir.

Thank you to Odette for organizing our social functions - we are all looking forward to our next pizza evening. Over the coming weeks the choir will be studying hard in order to get their parts right for their Mellieħa Nights programme and for the festa concert on September 2nd. Remember ladies, keep smiling whatever happens and your audiences will love you.




Ta' Kanani

Pizzeria • Bar • Restaurant
3 Main Street,
Mellieħa

Tel: 21522562

Take Away Pizza
also available

*Alex Briffa – Chef*
*Alfred Xuereb – Manager*

*Try our Pizza and you won't be disappointed*

D'YUMMIES
TAKE AWAY



2, Triq in-Naħal, Mellieħa
Tel.2701 9724 Mob.9972 4724 • Email:dyummies@gmail.com

Daily prepared fresh baguettes • Home made beef burgers
Fish & chips • Wraps, • Salads • Chips • Chicken kievs
Chicken Nuggets & much more..

*We also serve breakfast, hot dogs & kebabs.*

Cold Drinks, Hot Beverages, Mineral Water, Beer, Wine and Ice-Creams

OPEN ALL DAYS ... (Sunday CLOSED)

Jevon's





Discount Supermarket
A Large Selection of
Local & Foreign Wine
Fruit Shop
Fruits & Vegetables
Free Delivery
27,Gorg Borg Olivier Street, Mellieħa MLH 05
Tel: 21 523 546 Mobile: 99 473 825



# Ħidma Kontinwa



Philip Schembri
**Għalliem**

Il-Banda tagħna, bħal baned oħra, teħtieġ ħidma kontinwa matul is-sena kollha sabiex tkun organizzata kif jixraq. Fl-aħħar xhur kellna numru sabiħ ta' servizzi li kienu jinkludu programmi mużikali. Hawn insemmi l-programm tal-festa tat-2 ta' Settembru, ta' Ħadd il-Palm u dak tas-Santwarju fl-aħħar Ħadd ta' Settembru. Kienu programmi impenjattivi li ġew esegwiti b'livell aċċettabbli ħafna u li niżlu għasel mal-udjenza numeruża li attendiet għalihom. Naturalment, dan kollu seta' jsir grazzi għan-numru sabiħ ta' bandisti tal-post li bir-raġun kollu niftaħru li għandha l-banda tagħna. Flimkien mal-Kor dawn jagħtu s-sehem tagħhom is-sena kollha billi jattendu għall-provi u s-servizzi numerużi li għandha l-banda fil-kalendarju tagħha. Insemmi wkoll ix-xogħol siewi u d-dedikazzjoni tas-Surmast Direttur u l-Kumitat kollu.

Għeżież ġenituri, qiegħed infakkarkom li s-Soċjetà tagħna toffri t-tagħlim tal-mużika mingħajr ħlas u tipprovdi wkoll l-istrument lil kull min ikollu interess li jitgħallem. Mela x'qed tistennew? Ħeġġu 'l uliedkom!

Waqt li qiegħed intemm dawn il-kelmtejn tiegħi, qegħdin jgħiduli li s-Surmast John Mamo ħalliena. Filwaqt li nsellimlu u nitlob għalih, infakkar fil-ħidma kontinwa tiegħu matul is-snin li dam imexxi l-banda. Hu kien wieħed mill-pilastri tas-Soċjetà tagħna. Aħna doqna mill-wirt tiegħu ħafna qabel ma miet għax ħallielna b'tifkira tiegħu l-Innu Marċ immortali "**TAL-ILJUN**" li ser jibqa' jfakkarna fih. Grazzi Ġanni Mamo ta' dak kollu li għamilt magħna u l-Mulej jagħtik il-mistrieħ ta' dejjem. Nagħti l-kondoljanzi lis-Sinjura tiegħu u l-kumplament tal-familja sabiħa tiegħu.

Infakkarkom ukoll fil-memorja tas-saċerdot Mellieħi Dun Nazzaren Caruana eks Direttur Spiritwali tal-Każin tagħna, u fil-Maestro Carmelo Muscat, il-*Captain*, li wkoll tlifnihom f'dawn l-aħħar ġranet. Nagħti l-kondoljanzi lill-familji tagħhom ukoll.

Filwaqt li nirringrazzja lis-Surmast, il-Kummissjoni Banda u l-Kumitat flimkien mal-bandisti tal-istima tagħhom lejja, jien nagħti l-festa t-tajba lil kulħadd.




Tel: 2752 4547 (home)
Mob: 9947 7427

**DAILY FRESH IS BEST**

Door to Door Free Delivery

Prop. M. Micallef

Specially in Mellieħa

# Spend €100

## and get one of the following for **FREE**



3 Packets x 2L Water



5 x 1.5L Soft drinks




700 Bonus Points




€5 Voucher
to deduct from your next shopping

Look out for our monthly **lovevalue!** Catalogue for further discounts

**SHOPPERS** DISCOUNT SUPERMARKET

Carrefour

Main Street, Mellieha, MLH 2317 | +356 2152 3192 | shoppers@maltanet.net

**FREE DELIVERY including to Any Yacht Marina**


Set in Mellieha's
most amazing panorama
ViewPOINT
RESTAURANT
Opening 4th June
Mediterranean Cuisine serving fresh fish daily
Al Fresco
Open daily
from 7.30pm onwards
For Reservation
Tel:- 2152 1020
or e-mail
reservations@viewpointmalta.com
Panorama Hotel
Dun Belin Azzopardi Street,
Mellieha
www.viewpointmalta.com



# Djarju 2011-2012

### 1 ta' Settembru 2011
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-programm vokali u strumentali tal-festa mtellgħa mill-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina.

### 4 ta' Settembru 2011
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa fil-Każin tal-Partit Laburista tal-Mellieħa.

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-programm mużikali mtella' fl-okkażjoni tal-festa mis-Soċjetà Filarmonika 'La Vittoria'.

### 9 ta' Settembru 2011
Il-President u l-Kumitat attendew għall-ftuħ tal-Iljieli Melleħin organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

### 11 ta' Settembru 2011
Il-Kor Imperial esegwixxa programm vokali fl-okkażjoni tal-Iljieli Melleħin organizzati mill-Kunsill Lokoali tal-Mellieħa fil-bitħa tas-Santwarju taħt id-direzzjoni ta' Mro Shirley Helleur.

### 14 ta' Settembru 2011
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa fil-Każin tal-Partit Nazzjonalista tal-Mellieħa.

### 25 ta' Settembru 2011
Fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tas-Santwarju sar marċ mill-Banda Imperial u wara sar programm vokali u strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa.

### 29 ta' Settembru 2011
Sar il-funeral ta' Vitorin Caruana, membru tal-każin. Indaqqet fanfarra u membri tal-kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

### 2 t'Ottubru 2011
Fil-Każin Imperial saret żjara minn Kor ta' rġiel, eks pulizija mid-Danimarka fejn dawn kantaw ukoll. Din saret bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Wara sar riċeviment fl-istess Każin.

### 4 ta' Novembru 2011
Il-President u s-Segretarju attendew għall-ftuħ ta' wirja ta' pittura fil-Każin 'La Vittoria'.

### 13 ta' Novembru 2011
Ġiet organizzata quddiesa fil-Knisja Parrokkjali għar-ruħ il-mejtin kollha tas-Soċjetà Imperial. F'din il-quddiesa ħa sehem il-Kor Imperial. Wara sar korteo għaċ-Ċimiterju fejn indaqqet fanfarra mill-membri tal-Banda Imperial, sar it-tberik tal-oqbra u tpoġġew fjuri fuq l-istess oqbra.

### 18 ta' Novembru 2011
Fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Katarina, il-Kor Imperial ħa sehem waqt quddiesa li saret fil-kappella tas-Sorijiet Agostinjani tal-Klawsura fil-Belt Valletta.

### 19 ta' Novembru 2011
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-quddiesa fil-Kon Katidral ta' San Gwann, il-Belt Valletta, fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja, organizzata mill-Għaqda Każini tal-Baned. Wara ħadu sehem fl-isfilata tal-Baned.

### 24 ta' Novembru 2011
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ tal-wirja 'Il-Festa, Vetrina tagħna l-Maltin', li saret *f'Montekristo Estates*, fejn il-Każin tal-Banda Imperial ħa sehem f'din l-esebizzjoni.

### 2 ta' Diċembru 2011
Saret l-ikla annwali għall-bandisti u membri tal-Kor Imperial flimkien man-nisa u l-irġiel tagħhom fil-Każin.

### 3 ta' Diċembru 2011
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-programm mużikali mtella' mill-Banda 'La Vittoria' fis-Sala tal-Kulleġġ Marija Reġina tal-Mellieħa.

### 4 ta' Diċembru 2011
L-Għaqda Mużikali Imperial ħadet sehem bl-istandard tal-Każin waqt wirja li saret fil-Każin tal-Banda 'La Vallette' fil-Belt, Valletta.

### 8 ta' Diċembru 2011
Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-Festa tal-Kunċizzjoni ġewwa Bormla.

### 9 ta' Diċembru 2011
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-programm vokali mtella' mill-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina, fis-Santwarju.

### 16 ta' Diċembru 2011
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ ta' wirja ta' presepji mtellgħa mill-*Art Club 2000*.

### 17 ta' Diċembru 2011
Il-Kor Imperial esegwixxa programm t'Għanjiet tal-Milied ġewwa *New Paradise Bay Hotel*, iċ-Ċirkewwa.

### 18 ta' Diċembru 2011
Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' Għanjiet tal-Milied ġewwa *The Riviera Hotel and Spa*, il-Mellieħa.

### 20 ta' Diċembru 2011
Il-Banda Imperial daqqet programm ta' Għanjiet tal-Milied ġewwa l-*Mellieħa Holiday Centre*, il-Mellieħa.

### 22 ta' Diċembru 2011
Il-Kor Imperial esegwixxa Kunċert Korali taħt it-tinda fil-Pjazza tal-Parroċċa fl-okkażjoni ta' Milied Mellieħi organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

### 23 ta' Diċembru 2011
Il-Kor Imperial esegwixxa programm t'Għanjiet tal-Milied ġewwa *Ramla Bay Resort*, il-Mellieħa.

### 24 ta' Diċembru 2011
Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' Għanjiet tal-Milied taħt it-tinda fil-Pazza tal-Parroċċa fl-okkażjoni ta' Milied Mellieħi organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

### 26 ta' Diċembru 2011
Il-Kor Imperial esegwixxa programm t'Għanjiet tal-Milied ġewwa l-*Maritim Antonine Hotel & Spa*, il-Mellieħa.

### 27 ta' Diċembru 2011
Il-Banda Imperial daqqet programm t'Għanjiet tal-Milied fid-Dar tal-Anzjani, fil-Mellieħa.

### 30 ta' Diċembru 2011
Saret ħarġa kulturali għall-wirjiet ta' Presepji madwar Malta organizzata mis-sezzjoni żgħażagħ tal-Każin Imperial.

### 31 ta' Diċembru 2011
*Dinner Dance* tal-aħħar tas-sena fil-Każin.

### 2 ta' Jannar 2012
Il-Kor Imperial esegwixxa programm t'Għanjiet tal-Milied fid-Dar tal-Anzjani, fil-Mellieħa.

### 28 ta' Jannar 2012
Il-President u l-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Imperial flimkien mal-Banda 'La Vittoria' akkumpanjaw fil-funeral ta' Anthony Gauci, membru onorarju tas-Soċjetà Filarmonika 'La Vittoria'.

### 29 ta' Jannar 2012
Il-President u l-Kumitat attendew għall- quddiesa organizzata mill-familjari tas-Sur John Stellini li miet fl-Amerika. John Stellini kien membru onorarju tal-Każin Imperial.

### 5 ta' Frar 2012
Il-Banda Imperial esegwiet programm mużikali flimkien mal-Kor 'Regina Ceoli', fis-sala tal-Iskola tal-Imġarr, fl-okkażjoni ta' 'Jum l-Imġarr' organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr, Malta.

### 25 ta' Frar 2012
Saret is-Seduta Ġenerali fil-Każin Imperial fejn ġie maħtur il-Kumitat il-ġdid.

### 2 ta' Marzu 2012
Il-President, il-Kumitat Direttiv u l-Kumitat tan-Nisa attendew għal attività fil-*Golden Sands Hotel* fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

# FOTO CREATIVE LTD

WEB DESIGN & APPLICATIONS - ONLINE ADVERTISING
PHOTOGRAPHY - DESIGN FOR PRINT - MULTIMEDIA

**For stunning design & staying power choose Foto Creative Ltd**

Contact Foto Creative Ltd to tell us your web-site requirements. We will work together with you to design an eye-catching web site that will allow your customers to go quickly to the page of their choice. We will include features that will keep them coming back again and again and again.

Our team of web-site designers, programmers, and photographers combines the stamina of youth with the staying power of proven professionals. Check out the competition, and then come to Foto Creative Ltd for that something extra in website design.

## STILL HAVEN'T GOT A WEBSITE?

GET ONE NOW AT FOTO CREATIVE LTD

### WEB DESIGN & APPLICATIONS

PROFESSIONAL WEB DESIGN & HOSTING SERVICE, DOMAIN NAME REGISTRATION, WEBSITES WITH DATABASE INTEGRATION, WEB APPLICATIONS, AUTO-UPDATE WEBSITES, PORTAL DEVELOPMENT, INTRANET APPLICATIONS, CLIENT UPDATEABLE WEBSITES, WEB APPLICATIONS & E-COMMERCE

### ONLINE ADVERTISING

EFFECTIVE ADVERTISING CAMPAIGNS BASED ON CLIENT'S REQUIREMENTS, DIRECT ADVERTISING, BANNER NETWORK ADVERTISING, MAILING LISTS, SEARCH ENGINE LISTING AND TOP PLACING

### PHOTOGRAPHY

ARCHITECTURAL, COMMERCIAL, NATURE / LANDSCAPES, CAR & BOAT PHOTOGRAPHY, HOTELS & APARTMENTS, PHOTO MANIPULATION, PHOTO RESTORATION & PHOTO SESSIONS

### DESIGN FOR PRINT

FLYERS, BROCHURES, POSTERS, BUSINESS STATIONERY, BANNERS, LOGO DESIGN, CALENDARS, CD / DVD COVER DESIGN & PRINTING ON T-SHIRTS

### MULTIMEDIA

CORPORATE PRESENTATIONS, ELECTRONIC PRODUCT CATALOGUES, MULTIMEDIA CD'S / DVD, CD & DVD DUPLICATION, VIDEO (VHS) --> DVD, DVD --> VIDEO (VHS), COMPUTER SCREEN SAVERS & FLASH ANIMATIONS

*OFFICE*
**TEL: 2157 8930**
**MOBILE: 9982 4811**

**EMAIL: info@fotocreative.com**
**WEBSITE: www.fotocreative.com**

# John Buttigieg
# CIKKIES

**Fruit & Vegetables Wholesaler & Retailer**
**To Hotels, Caterers & Vendors**




**Store: Cikkies Garage, Cross Street, Mellieħa**

**Office: 32, New Mill Street, Il-Mellieħa**

**Tel: 21 521 945 Mob: 99 460 572**

## 4 ta' Marzu 2012

Membri tal-kumitat attendew għall-quddiesa fil-Parroċċa tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' 'Jum il-Kunsill' organizzata għall-għaqdiet Melleħin mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

## 24 ta' Marzu 2012

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għar-riċeviment fil-Każin Nazzjonalista tal-Mellieħa f'għeluq il-25 sena anniversarju mill-ftuħ tiegħu.

## 27 ta' Marzu 2012

Il-Kor Imperial ħa sehem fil-ftuħ tal-Mejda tal-Appostli fiċ-Ċentru Parrokkjali. Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal din l-okkażjoni.

## 28 ta' Marzu 2012

Sar il-funeral ta' John Grima, membru tal-Każin. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

Fuq stedina mill-President u l-Kumitat tas-Soċjeta Filarmonika La Vittoria, delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-inawgurazzjoni tal-Mejda tal-Appostli fl-istess Każin.

## 1 t'April 2012

Kunċert annwali mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Kulleġġ Marija Reġina tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqadsa.



## 20 t'April 2012

Fil-Każin Imperial sar il-ftuħ ta' wirja t'Arti u Kollezzjonijiet, mis-Sindku tal-Mellieħa, is-Sur Robert Cutajar, li kienet organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Każin Imperial.

## 21 t'April 2012

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għat-tberik tal-Għid li sar fil-Każin tal-Banda 'La Vittoria'.



## 22 t'April 2012

Saret żjara mill-membri tal-Kumitat tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla, ġewwa l-Każin Imperial bit-Tazza tal-Ħbiberija.

## 25 t'April 2012

Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar li sar fil-Mellieħa.

## 5 ta' Mejju 2012

Saret ħarġa għall-film 'Imħabba fuq il-Għolja' li kien qed jintwera fis-swali taċ-ċinema lokali organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Każin Imperial.

## 6 ta' Mejju 2012

Grupp mis-Sezzjoni Żgħażagħ ippreżentaw il-flus miġbura fil-wirja t'Arti u Kollezzjonijiet, lill-Puttinu Cares waqt maratona fil-Marsa Sports Grounds.

## 17 ta' Mejju 2012

Żjara kulturali minn studenti tal-Kulleġġ Marija Reġina tal-Mellieħa, fil-Każin Imperial.

## 18 ta' Mejju 2012

Delegazzjoni mill-Kumitat akkumpanjat waqt il-funeral ta' Mro Carmel Muscat flimkien mal-Banda 'La Vittoria' u l-Kor u Orkestra Marija Bambina.

## 19 ta' Mejju 2012

Saret żjara minn grupp ta' żgħażagħ mill-Latvja u mill-Mellieħa fil-Kaħin Imperial organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

## 2 ta' Ġunju 2012

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet waqt iċ-ċerimonja tat-tberik tal-Għid fiċ-Ċentru Laburista tal-Mellieħa.

### 10 ta' Ġunju 2012
Daqq ta' fanfarra fil-Purċissjoni ta' Corpus Christi. Membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-purċissjoni.

### 15 ta' Ġunju 2012
Daqq ta' fanfarra mill-membri tal-Banda fil-Purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù. Membri mill-Kumitat akkumpanjaw waqt il-purċissjoni.

### 15 ta' Ġunju 2012
Sar kunċert strumentali mill-*Youth Wind Orchestra* ta' Zwickau, il-Ġermanja fil-Pjazza tal-Parroċċa bil-kollaborazzjoni tal-Każin tal-Banda Imperial flimkien mall-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

### 21 ta' Ġunju 2012
Il-Banda u l-Kor Imperial ħadu sehem waqt il-Festa tal-Ħġejjeġ ta' San Ġwann organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fil-Pjazza tal-Parroċċa.

### 23 ta' Ġunju 2012
Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' San Ġwann fix-Xewkija, Għawdex.

### 8 ta' Lulju 2012
Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu ċċelebrata fil-Fgura.

### 10 ta' Lulju 2012
Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' San Sebastjan iċċelebrata f'Ħal Qormi.

### 12 ta' Lulju 2012
Il-Banda Imperial flimkien mall-Banda 'La Vittoria' ħadet sehem waqt il-funeral ta' Dun Nazzaren Caruana. Delegazzjoni mill-Kumitat akkumpanjat fil-funeral.

### 18 ta' Lulju 2012
Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-funeral ta' Mro John Mamo, eks Surmast Direttur tal-istess Banda. Flimkien mall-Banda Imperial ħadu sehem ukoll il-Banda Sant'Helena ta' Birkirkara u l-Banda San Nikola tas-Siġġiewi. Delegazzjoni mill-Kumitat akkumpanjat waqt il-funeral.

### 20 ta' Lulju 2012
Kunċert Korali mill-Kor Imperial flimkien mall-mużiċisti Carmen Caruana u Eleonor Vella, fil-Bitħa tas-Santwarju.

### 28 ta' Lulju 2012
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Premjazzjoni lill-Isportivi Melleħin organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

### 9 t'Awwissu 2012
Il-President u s-Segretarju attendew għall-ftuħ uffiċjali tal-lukanda *Seabank*, fil-Mellieħa.

### 14 t'Awwissu 2012
Il-Band Imperial ħadet sehem fil-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fil-Mosta.

### 16 t'Awwissu 2012
Il-President u l-Kumitat attendew għall-ftuħ tal-Iljieli Melleħin organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

### 18 t'Awwissu 2012
Kunċert mill-Kor Imperial fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Iljieli Melleħin organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.



### 19 t'Awwissu 2012
Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fl-Imġarr, Malta.

### 26 t'Awwissu 2012
Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' San Ġużepp iċċelebrata fil-Manikata.



# Nifirħu...

- Lil dawk kollha li ngħataw l-Onorefiċenzi ta' Ġieħ il-Mellieħa u Rikonoxximent il-Mellieħa. Dawn kienu s-Sur Gaetano Buttigieg, is-Sur Joe S. Grech, Dr Grace Grima, u s-Sur Chris Borg.
- Lil Steven Fenech, bandist mall-Banda Imperial u membru tal-Kumitat, li flimkien ma' Mandy Ghio rebħu diversi kompetizzjonijiet fl-*International Wheelchair Dance Championship*. Huma rebħu 4 kampjonati tal-*Ballroom*, 2 kampjonati tal-*Latin American* u kampjonat tax-*Showdance*. Steven rebaħ ukoll il-premju ta' Atleta bi Bżonnijiet Speċjali 2011 waqt *SportsMalta Awards*.
- Lil Ryan Cauchi li flimkien ma' Kelly Chircop, rebħu l-ewwel post fil-*Youth Class B* fil-*Mediterranean Open Dance Festival*, fil-*Malta Open Championships* u l-*Malta Open Dance Competition*. Barra minn hekk huma ġabu riżultati tajbin ħafna fil-kompetizzjoni WDSF *Dancesport* ġewwa Spanja.
- Lil David Bartolo li f'Novembru 2011 kien onorat bid-*Degree of Bachelor of European Studies (Honours)* mill-Università ta' Malta.
- Lil Kristina Marie Vella li ġiet fit-tielet post fil-kompetizzjoni internazzjonali *SuperTmatik Mental Maths* minn fost 212,000 parteċipant minn 53 pajjiż madwar id-dinja.
- Lil Jason Grech, bandist mall-Banda Imperial, u lill-mara tiegħu Tania li fil-21 ta' Lulju 2012 ingħaqdu fis-sagrament taż-żwieġ.
- Lill-kunsillier Clayton Bartolo u lill-mara tiegħu Jessica li fil-31 ta' Marzu 2012 ingħaqdu fis-sagrament taż-żwieġ.
- Lil Martin Grima li rebaħ premju prestiġjuż fil-prodotti agrikoli u tal-għasel waqt wirja agrikola tal-Imnarja fil-Buskett.
- Lil Stephanie Debono li ggradwat b'suċċess bħala *Second Lieutenant* mir-*Royal Military Academy of Sandhurst* fl-Ingilterra.
- Lil Kimberly Camilleri li rebħet kompetizzjoni lokali organizzata mill-Unjoni Ewropea li tagħmel parti mill-proġett tal-UE msejjaħ Galileo.
- Lil Guido Debono li ġie mistieden biex ikun parti minn ġurija internazzjonali għall-kampjonat kulinarju msejjaħ Campionatul International de Gatt. Din kienet it-tieni darba li huwa ħa sehem f'kampjonat simili ġewwa r-Rumanija.
- Lil Ira Pelinku li rrappreżentat lill-Mellieħa f'kompetizzjoni ta' sbuħija organizzata minn *Gaffiero Productions*.
- Lil Mia Debono li ġiet magħżula mit-tim Nazzjonali ta' Malta sabiex tilgħab mal-*Under 13*.
- Lil Liam Gauci li flimkien mal-iskola SKSM *Karate Malta* ħa sehem f'Kampjonat Internazzjonali tal-*Karate* ġewwa l-Ingilterra fejn huwa rebaħ erba' midalji.

- Lil Thea Gauci li kklassifikat fit-tieni post fil-festival tal-kant organizzat f'Diċembru 2011, fejn kienet akkumpanjata bi żfin minn Dianne Cutajar.
- Lil Enya Magri li rebħet 6 midalji fil-*World Championships of Performing Arts* li saru f'Hollywood.
- Lil Alexia Micallef u Kylie Vella li ġew magħżula sabiex jieħdu sehem fil-*musical* "*Joseph and the Amazing Technicolour Dreamcoat*", mtella' mill-*Hoi Polloi Theatre Productions*.
- Lill-kast kollu u dawk kollha li kellhom x'jaqsmu mal-pantomima 'Il-fażola, is-sidrija u ...?'
- Lill-kast kollu u dawk kollha li kellhom x'jasqmu mal-*musical* bil-Malti 'Imħabba fuq il-Għolja'.
- Lil fuq minn 1,500 persuna li ħadu sehem fil-pelligrinaġġ penitenzjali li jsir kull sena fil-lejl ta' bejn Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa Kbira li jitlaq mis-Santwarju tal-Mellieħa għall-knisja tal-Isla.
- Lill-mużiċisti Melleħin Chris Grech, Julian Grech u Jordan Cutajar li flimkien ma' sħabhom ipparteċipaw bil-*band* tagħhom Nomad Son fis-sitt edizzjoni tal-Hammer of Doom Festival li sar ġewwa l-Ġermanja.
- Lil William Chetcuti, tiratur, li ngħata l-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika mill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta George Abela fl-okkażjoni tas-sebgħa u tletin sena ta' Malta Repubblika. William rebaħ ukoll il-premju Sportiv tas-sena 2011 waqt *SportsMalta Awards*.
- Lil Kevin Vella li rebaħ il-kompetizzjoni tal-*Isnooker* organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.
- Lil Alex Borg li rebaħ il-kampjonat nazzjonali tal-*Isnooker* għall-ħdax-il darba u kif ukoll il-Masters.
- Lil Keane Cutajar li ddebutta fil-pożiżżjoni ta' *goalkeeper* mat-tim ta' Sliema Wanderers fil-Kampjonat Premier tal-futbol fil-logħba li ntlagħbet fl-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali.
- Lill-Mellieħa Athletics Club li ġew inkurunati *champions* għall-istaġun 2011/2012 tal-MAAA Road Running, tellieqa li saret f'Marsaskala.
- Lit-tim tal-volleyball tat-tfajliet Mellieħa Tritons li rebħu l-kampjonat Nazzjonali tat-Tieni Diviżjoni.
- Lil dawk l-isportivi Melleħin rebbieħa tal-premju fid-dixxiplina sportiva tagħhom li ġew onorati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.
- Lill-istudenti Melleħin li ggradwaw mill-Università ta' Malta.
- Lil Emanuel Cini li ngħata l-Onorifiċenza Ġieħ il-Banda Santa Marija 2012 għad-disinji tal-pjanti u Ko-ordinatur tal-Binja tal-Każin mis-Soċjetà Filarmonika Santa Marija, Iż-Żebbuġ, Għawdex.
- Lil Dr Keith Attard DVM li rnexxielu jiggradwa fil-Mediċina Veterinarja ġewwa Perugia, l-Italja..


GREYSTONE
PUB & RESTAURANT
**Now also serving Pizza**
*Open from 9.00am till late for breakfast, lunch and dinner.*
*All your favourite football games and Formula 1 live on plasma screens.*
*Take-away also available. Fully Air-Conditioned*
*154, Ġorġ Borg Olivier Street. Mellieħa • Tel: 2152 3499, Mob: 9944 6621*



# Niftakru f'dawk li ħallewna

| | | |
|---|---|---|
| 20-08-2011 | **George Fenech (Pittur)** | Membru Onorarju tal-Każin |
| 30-08-2011 | **Ġużeppi Azzopardi** | Membru tal-Każin |
| 28-09-2011 | **Victoria Caruana** | Membru tal-Każin |
| 22-12-2011 | **Frank Borg** | Membru tal-Każin |
| 22-12-2011 | **Mosè Vella** | Membru tal-Każin |
| 20-01-2012 | **John Stellini** | Membru Onorarju tal-Każin |
| 28-03-2012 | **John Grima** | Membru tal-Każin |
| 09-07-2012 | **Dun Nazzaren Caruana** | Eks Direttur Spiritwali tal-Każin |
| 16-07-2012 | **Mro John Mamo** | Surmast tal-Banda Imperial (1980-1997) |

Green Valley
Triq il-Fortizza Mellieħa,
Tel: 21520080 • Mob: 7905 1874
E-mail: greenvalley.ra@gmail.com
This Discount Store with
daily Fresh Fruit and vegetables!
We are open 7 days a week
from 6.30am till 8.00pm
Sundays and public Holidays
from 8.00am till 1.00pm
We do free deliveries and
parking is not a problem
Join our loyality card!

Christopher Sciberras
86 Triq l-Għoljiet
Il-Mellieħa
Car & Truck Batteries
Delivered to your door
9947 4043



# Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Banda

J.C. Azzopardi
Segretarju

Il-festi huma okkażjoni li permezz tagħhom naħsbu u nimmeditaw fuq il-ħajja tal-qaddisin li l-festa għalihom tkun waslet biex tiġi ċċelebrata.

Hija okkażjoni fejn wieħed jammira l-qlubija, jew id-dedikazzjoni tal-persuna mqaddsa lejn Alla. Ħafna mill-qaddisin ma beżgħux mis-sagrifiċċju, jew li jeħduha kontra l-kurrenti ta' żmienhom. Min spiċċa martri, min intefa' f'ħabs, oħrajn waqqfu istituzzjonijiet li permezz tagħhom it-tixrid tal-Kelma t'Alla nżammet ħajja sa żminijietna b'diversi modi u bl-eżempji li huma taw.

Mill-Madonna u San Ġużepp, sa kull persuna li l-Knisja elevat għad-dinjità tal-artal, ilkoll iddedikaw ħinhom biex il-verità tkun magħrufa, speċjalment fis-snin bikrija tal-Kristjaneżmu.

Il-partitarji tal-baned fid-diversi bliet u rħula Maltin u Għawdxin għandhom, waqt li jkunu qed jiċċelebraw fil-festa tagħhom, ma jonqsux mir-rispett lejn dawk li jkunu jappartienu - jekk ikun il-każ - lil xi każin tal-banda ieħor, jew partitarji ta' festa oħra, għaliex b'mod fratern, kulħadd għandu dritt jiċċelebra l-festa tal-qaddis jew qaddisa tiegħu, bil-baned, bin-nar u l-briju, imma kollox għandu jsir b'moderazzjoni, b'rispett lejn ħaddieħor, b'dinjità u dekor.

Hu xieraq għalhekk li bħala nsara u segwaċi tal-festa f'ġieħ Marija Bambina fil-Mellieħa, aħna nagħmlu festa li permezz tagħha nisimgħu l-Kelma t'Alla, niċċelebrawha mal-ħbieb u l-familjari tagħna fit-toroq fil-preżenza wkoll tal-barranin li jiġu jaqsmu magħna l-kultura li tkattret f'dan is-settur matul il-milja tas-snin, kif ukoll ma' bosta Maltin u Għawdxin oħra li huma dilettanti tal-festa Maltija.

L-Eżekuttiv tal-Għaqda Każini tal-Banda jawguralkom il-Festa t-Tajba.

SAMMY BUTTIGIEG
Ċikkies
FRUIT WHOLESALER
Eggs, Vegetables and Fruit Supplier to Hotels, Caterers and Vendors.
Il-Mitħna, St. Luke Str., Mellieħa, MLĦ 1150   Mob: 9988 3773   Tel: 21 523497, 21 520615

# Wirja t'Arti u Kollezzjonijiet

Clayton Vella

Għat-tieni sena konsekuttiva, wara s-suċċess tal-wirja 'Arti u Artiġjanat Mellieħi' fl-2011, il-grupp taż-żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial ħass il-ħtieġa li terġa' tittella' wirja ġewwa s-sala tal-għaqda bit-tema 'Arti u Kollezzjonijiet'. Din is-sena d-donazzjonijiet miġbura mill-wirja marru kollha b'risq Puttinu Cares.

Il-wirja ttellgħet bejn l-20 u d-29 t'April fejn kien hemm xejn inqas minn 21 esebitur, kollha Melleħin. Ix-xogħlijiet esebiti kienu jvarjaw minn pitturi, santi reliġjużi, armamenti tal-gwerra, brieret ta' uffiċjali tal-militar ta' nazzjonijiet differenti, muniti, ħoloq tal-ħjata mpittrin ta' pajjiżi differenti, *albums* tal-futbol, bolol, kaxxi tas-sulfarini, *jokers* tal-karti tal-logħob, *biros*, ritratti tal-karozzi tal-linja antiki, tazzi tax-xorb u karozzi.

Il-wirja ġiet inawgurata mis-sindku tal-Mellieħa s-Sur Robert Cutajar u mbierka mill-Kappillan Fr Joe Caruana, nhar l-20 t'April, fejn dakinhar kienu mistiedna membri minn kull għaqda li għandna ġewwa l-Mellieħa kif ukoll rappreżentant ta' Puttinu Cares, is-Sur Simon Pace.



Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzjah tal-attendenza tiegħu. F'din il-lejla ġie mogħti ċertifikat lil kull esebitur bħala apprezzament għas-sehem tiegħu f'din il-wirja. Nixtieq nieħu din l-opportunità





biex nirringrazzja lis-Sur John Sammut, direttur ta' JDS Furniture, għall-materjal li għoġbu jislifna sabiex setgħet tiġi attrezzata s-sala u tkun tista' tittella' l-wirja. Ħajr ukoll imur lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

Kif semmejt fil-bidu ta' dan l-artiklu, għall-wirja kellna 21 esebitur li ħadu sehem u dawn kienu Nicole Pace – Pitturi, Esmeria Bartolo – Pitturi, John Vic Borg – Pitturi, Joe Vella Caruana – Bolol, David Bartolo – Bolol, Charles Muscat – Bolol, Gary Gauci – Pittura, Fiona Vella Ciangura – Pitturi, Joseph Vella – Tazzi tax-xorb, Wistin Vella – *Biros*, Joseph Scicluna – ritratti tal-karozzi

tal-linja antiki, Joe Vella Caruana – *Jokers* tal-karti tal-logħob, mudelli ta' suldati, Patrick Scerri – Santi Reliġjużi, John Sammut – *Albums* tal-*World Cup*, Jimmy Muscat – Armamenti tal-Gwerra, Muniti antiki, Norbert Cini – *Helicopters*, Joe Azzopardi – Bolol, Mark Borg – Karozzi, *Euros* u karti tal-flus antiki, Maria Cini – Ħoloq tal-ħajt, David Sciberras – brieret ta' uffiċjali tal-militar, Tony Saliba – Kaxxi tas-sulfarini.

Is-somma sabiħa miġbura waqt din il-wirja kienet ta' €760 u din is-somma ġiet ippreżentata mill-grupp taż-żgħażagħ waqt l-*open week* ta' Puttinu Cares li saret bejn l-4 u s-6 ta' Mejju u li dehret *live* fuq il-mezzi tax-xandir. Dakinhar ġie ppreżentat ċekk tal-flus miġbura.

Nagħlaq dan l-artiklu billi nirringrazzja lill-esebituri kollha li ħadu sehem f'din il-wirja li mingħajr l-għajnuna u l-appoġġ tagħhom ma setgħetx tkun possibbli, lil sħabi ż-żgħażagħ tal-



għajnuna u x-xogħol li għamilna flimkien bħala *team* wieħed u fl-aħħar u mhux l-inqas lil dawk kollha li ġew iżuru din il-wirja, tal-kummenti pożittivi li ħallew u tad-donazzjonijiet tagħhom b'risq Puttinu Cares.







Prosit tassew tal-inizzjattiva u tax-xogħol
sieħ biex jibdu l-kollezzjonisti u biex
annajtu b'mod tant ordnat! Awguri u
ikomplu sejrin hekk!
Glorian u Patrick Scerri

# Limitations only go so far

Pippa Roberts

One of the most known residents of Mellieħa is Steven Fenech. Since his return to Malta from Australia in 1993 he has become synonymous with Mellieħa and is a passionate supporter of anything from Mellieħa. A talented musician he plays tenor saxophone and is a member of the Imperial Band Club in Mellieħa and dances Latin American & Ballroom with his partner Mandy. His happy go lucky personality is well known throughout Malta and also in the International dancing world. Now ranked 3rd in the world in Ballroom & Latin American he spends his time at the competitions, making friends and promoting Malta and in particular the Malta Open Dance Spectacular, which will be taking place at the University Sports Hall Msida on 24th/25th November 2012.






The past year has been very successful and after winning both categories of the Malta Open Dance Spectacular in 2010, Steve & his partner went on to win to date ten other International titles. Quite an achievement. One of the qualities that makes him successful is his dedication to "doing it right" and never giving up; something that was instilled in him by his mother and father at a very young age. Practice makes perfect is his motto and he is always trying to achieve more.

New dancers soon learn that Steve will show them how to do it right and patience is certainly his virtue when he shows the wheelchair dancers how to move their wheelchair better. One of his pet hates is that disabled people are not treated with respect when it comes to access to buildings, parking and other social issues. On his Facebook you can see pictures of bad access, etc, making the reader wonder who is disabled!

Steve is proud of his town and country and with the achievements he has had to date they should both be proud of him.

# Rajt il-Mellieħa Tinbidel

Anthony Caruana
**Bandist Anzjan**

Bħala membru tal-Kumitat fi ħdan din is-Soċjetà għal dawn l-aħħar tlieta u sittin sena kelli spiss l-okkażjoni li nikteb kelmtejn fil-ktejjeb li toħroġ is-Soċjetà fl-okkażjoni tal-Festa. Iżda mill-memorja tiegħi qatt ma kelli l-okkażjoni nesprimi l-ħsibijiet tiegħi dwar kif tul dawn is-snin kollha jien rajt u għext tibdil kbir f'dan ir-raħal tant għażiż għalina.

Twelidt fil-Mellieħa stess nhar l-14 ta' Marzu, 1924 jiġifieri, tmienja u tmenin sena ilu fi Triq il-Parroċċa fuq l-istess art fejn illum noqgħod. Dak iż-żmien niftakar Triq il-Parroċċa bla ebda tarmak anzi t-toroq kollha kienu mħarbtin. Ħafna tfal barra ħafjin u jilagħbu bil-boċċi. Dak iż-żmien il-Mellieħa kienet tikkonsisti biss f'madwar erba' toroq mill-*Main Road* sa Triq il-Mitħna l-Ġdida. Anki fil-pjazza tar-raħal l-art kienet magħmula mit-trab għalkemm il-parapett kien ġa jeżisti. In-nisa kienu għadhom jilbsu l-għonnella u l-irġiel kienu jilbsu s-sdieri u t-terħa.

Il-każin tal-Banda Imperial kien ġa jinsab fejn qiegħed illum imma l-bini kien wieħed antik u mhux il-bini maestuż li għandna llum. L-istess Każin kellu saħansitra bitħa u ġardina fejn kienu jsiru t-teatrini u xi *festivals* tal-kant. Niftakar iżda l-każin ta' La Vittoria fil-pjazza u mhux fuq il-parapett fejn jinsab illum.

Dak iż-żmien il-festa ta' Marija Bambina kienet tikkonsisti biss fi tlett ijiem. Iż-żewġ baned kienu jdoqqu f'kull jum tal-festa. It-toroq u l-każini għall-festa kienu jiżżejnu bil-fanali u dwal taż-żejt. Kien ikun hemm persuna inkarigata sabiex tixgħel dawn id-dwal kull jum tal-festa. Żgur li dak iż-żmien ma kinux jeżistu 'l ħafna attivitajiet li jsiru llum qabel il-festa fosthom BBQ's, kunċerti u affarijiet oħra. Nar tal-art minn dejjem niftakar iżda tal-ajru ma kienx ikollna. Dak iż-żmien ma niftakar l-ebda għaqda oħra fil-Mellieħa għall-kuntrarju tal-lum il-ġurnata.

Anki l-marċi ta' filgħodu dak iż-żmien ma kinux jeżistu. L-ekwivalenti tiegħu kienu jsiru lejlet il-festa mis-siegħa ta' wara nofsinhar sal-ħamsa ta' filgħaxija. Dan il-marċ kien jitlaq minn fejn is-Santwarju sal-Pjazza tal-Parroċċa. Kienet iddoqq banda waħda kull sena. Ma kienx ikun marċ bħal tal-lum u ma kienx ikun hemm nies jaqbżu quddiem il-Banda. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-festa kienet dejjem tiġi ċċelebrata fit-8 ta' Settembru, data li mhux minn dejjem kienet rikonoxxuta bħala festa pubblika u allura ħafna nies kienu jkunu xogħol.

Dak iż-żmien fil-Mellieħa kienet issir ukoll il-festa ta' San Ġużepp li fiha l-baned kienu jdoqqu darba kull wieħed skont kif imisshom, kif għadha s-sistema llum fil-festa tas-Santwarju.

Illum il-ġurnata l-Mellieħa kibret u nbidlet, ftit li xejn baqa' minn dak li niftakar jien meta kont għadni żgħir għajr il-ftit binjiet li fadal fiż-żewġ pjazez u l-madwar. L-istess għamlet il-festa, kibret u qed tiġi ċċelebrata b'mod differenti, iżda ħaġa waħda baqgħet l-istess, l-istatwa ta' Marija Bambina li tant ngħożżu, li għalkemm kien sar xi restawr fiha, dan kien sar ferm qabel dak li niftakar jien.

Iżda l-awgurju tiegħi għall-festa qaddisa u mill-aqwa ma jinbidel qatt, il-festa t-tajba lil kulħadd u VIVA MARIJA BAMBINA.




Steffie's
Hair Studio
73, Parish Street, Mellieħa MLH 1061
(near the Square)
Tel: **2152 5100**,
Mobile: **9986 1283**
**Tuesday Closed**
bain de terre
NIOXIN
YOUR HAIR DESERVES OUR BEST TREATMENT
JOICO
THE ART OF HEALTHY HAIR


*Malta's original seafood restaurant with its panoramic seaview and open air terraces offering a variety of seafood dishes and other classical cuisine.*
Photo by Nello
66, Church Street,
St. Paul's Bay SPB 01
Malta
• Tel: 21 573480, 21 573269
• Fax: 21 572318
GILLIERU
RESTAURANT







pay anyone, anywhere
with BOV Mobile

Pay with BOV Mobile - a service that allows you to pay anyone easily from your mobile phone, regardless of where you are. All you need is the other person's mobile number. It's that simple! Download the free app and register today.

*Your success is our goal.*

**BOV MOBILE BANKING**
**2131 2020 | bov.com**

Available on the App Store
ANDROID APP ON Google play
FREE DOWNLOAD

Terms and conditions apply.

Issued by Bank of Valletta p.l.c.
58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta

Android is a registered trademark of Google Inc.
BOV 31800

BOV
Bank of Valletta



# Lil Marija Bambina

## *Sunett ta' Mons. Ġużeppi Farrugia*

**Patri Dijonisju Mintoff**

Dan huwa sunett li jiena għażiltilkom għall-ktejjeb tal-festa għal din is-sena meħud mill-"Messaġġier ta' Marija".

### "MARIJA BAMBINA"

X'għaxqa, xi ġmiel, xi ħlewwa ta' tarbija!
Fommha tal-għasel, lewn il-qroll xofftejha,
Nisel il-warda ż-żewġ ħaddejn mimlija,
Żoroq bħas-sema u sbieħ bħax-xemx għajnejha.

Tassew li bħalha qatt ma ħlaqt, Mulejja,
Mkien ieħor ma xerridt daqstant sbuħija,
Is-sema, il-baħar, l-art xejn mhuma ħdejha,
Kulma sabiħ hemm fihom, ġbartu Fiha.

Lilha żejjint bid-doni tan-natura,
Għax ridtha tal-ħolqien tkun is-Sinjura.
Imma biex kemm int kbir tassew turina,

Bil-grazzja mlejtha u kabbartilha ż-żina.
Mħabba Ġesù li kellu joħroġ minnha,
Ridt wara ġmielek, l'hi b'ġmielha ġġenninna.

**Mons. Ġużeppi Farrugia**
1-9-1948


Lil Marija Bambina

X' għaxqa, xi ġmiel, xi ħlewwa ta' tarbija!
Fommha tal-għasel, lewn il-qroll xofftejha,
Nisel il-warda ż-żewġ ħaddejn mimlija,
Żoroq bħas-sema u sbieħ bħax-xemx għajnejha.

Tassew li bħalha qatt ma ħlaqt, Mulejja,
Mkien ieħor ma xerridt daqstant sbuħija:
Is-sema, il-baħar, l-art xejn mhuma ħdejha,
Kulma sabiħ hemm fihom, ġbartu fiha.

Lilha żejjint bid-doni tan-natura,
Għax ridtha tal-ħolqien tkun is-Sinjura.
Imma biex kemm int kbir tassew turina,

Bil-grazzja mlejtha u kabbartilha ż-żina.
Mħabba Ġesù li kellu joħroġ minnha,
Ridt wara ġmielek, l'hi b'ġmielha ġġenninna.

Kopja tat-test oriġinali miktub minn Mons. Ġużeppi Farrugia



## *Biografija*

# Mons. Giuseppe Farrugia

## *(1887-1969)*

Twieled fil-Belt Victoria, Għawdex, fl-20 ta' Jannar, 1887; ordnat saċerdot (1912); serva f'Salonika bħala kappillan militari fl-Ewwel Gwerra l-Kbira (1914-18); għalliem għal ħafna snin tal-Latin u t-Taljan fil-Liċeo u fis-Seminarju t'Għawdex, u baqa' magħruf bħala 'is-surmast' (1920); Biblijotekarju tal-Librerija Pubblika, Għawdex (1939-45); maħtur Monsinjur tal-Katidral (1946) u Lettur fl-istess knisja (1946); predikatur

għaref; kien jippossjedi tajjeb il-prosodija Latina, Taljana u Maltija, u huwa magħruf bħala Latinista, prożatur, u poeta bit-Taljan u bil-Malti.

**Pubblikazzjonijiet:** *Sagħtar u Plejju*, poeżiji (1924); *Palm u Rand*, poeżiji (1925); *L-Ittra tal-Papa Piju XI f'Għeluq il-Ħmistax-il Mitt sena tal-Mewt ta' S. Wistin* (1930); *Il-Bniedem Imġarrab*, rumanz (1956); *Cantica Pagorum*, poeżiji bi sfond storiku fuq l-irħula t'Għawdex.

Fil-kollezzjoni *Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien* – Nru 74: *Maria Platamun*, Nru 103: *Ahmed, Ġraja Għawdxija*.

Traduzzjoni – *Għawdex bil-Ġraja Tiegħu*, mit-Taljan *Gozo Antico e Moderno* ta' G.P. Agius de Soldanis, Vol.1 (1936), Vol 2, (1953).

MG MELLIEĦA GARAGE
RENT-A-CAR
SELF DRIVE CARS AND TAXI SERVICE
SELF CATERING APARTMENTS & VILLAS
151, Dr. Ġ. Borg Olivier Street, Mellieħa MLH 1020, Malta
Tel: 2157 3134 Tel/Fax: 2157 3587 Mobile: 9949 9362
E-mail: melliehagarage@onvol.net

MIDDLEHILL STORE
Prop.: A. Cutajar

8,
Ġ. Borġ Olivier Str.
Mellieħa
Tel: 21 520603

DINGLI BUTCHER
69, P. P. Magri Street,
Mellieħa
Tel: 21 523588
Dealer in
FRESH & FROZEN MEAT
BACON & CHICKEN
and all FROZEN FOOD
Opening Hours:
Mon, Tue, Sat
7.00am to 12.30pm
Wed, Thurs, Fri
7.00am to 12.30pm
4.00pm to 7.00pm
Free Delivery




*Luxurious accommodation,*
*Impeccabile Services,*
*Wedding Venues,*
*Meeting Halls,*
*Trattoria & Take Away*

*...and much more!*

SOLANA HOTEL
★★★★

Gorg Borg Olivier Street, Mellieha MLH 1025, Malta
Tel: (+356) 2152 2209, 2152 2210, 2152 2211
Fax: (+356) 2152 5032
E-mail: info@solanahotel.com.mt
Website: www.solanahotel.com

Pergola
★★★★ Club Hotel & Spa

Adenau Street, Mellieha MLH 2014 Malta
Tel: (+356) 2152 3912/3, 2152 5071/2, 2152 1305
Fax: (+356) 2152 1436/7
E-mail: info@pergolahotel.com.mt
Website: www.pergolahotel.com.mt


weddings?
there's no place like... paradise!
PARADISE BAY
Resort
Paradise Bay, Cirkewwa, MLH 9068, Malta
(+356) 21 521166, 21521153
events@paradise-bay.com
www.paradise-bay.com
Find us on:
facebook.


Driver Training
DRIVE WELL
9949 8240 www.drivewell.webs.com
Driver Training
Catagory 'C'
Catagory 'C+E'
We Strive to Teach You How to Drive Safely & Securely for a Lifetime.
Male & Female Instructors on Manual and Automatic Cars.





# Programm
## 2 ta' Settembru 2011



# Ittra mill-Awstralja

**Sam Vella**

Jiena Sam Vella li ngħix f'Sydney l-Awstralja għal dawn l-aħħar *57* sena, il-Każin tal-Banda Imperial tal-Mellieħa kont dejjem miġbud lejh sa minn ċkuniti. Sifirt minn Malta mal-familja, kelli sittax-il sena u dejjem bqajt inħobb il-Każin Imperial. Minn dan il-bogħod kollu dejjem kont lest biex ngħin lill-Każin, meta kien hemm xi bżonn u bil-għajnuna ta' ħafna dilettanti tal-Każin li qegħdin hawn l-Awstralja u anke mill-Amerka, dejjem irrnexxilna nagħmlu dak li kien hemm bżonn.

Issa, nixtieq ngħid kelmtejn fil-qosor fuq xi ħbieb li llum m'għadhomx magħna, li dejjem kienu minn tal-ewwel biex jgħinu lill-każin tagħna.



**Johnnie Stellini** (ta' Nina ta' Charlie) li kien jgħix l-Amerka, kien iħobb il-każin u, barra li kien bennefattur mill-qalb, kien ta' sikwit imur Malta biex igawdi l-festa. Issa b'dispjaċir kbir din is-sena Johnnie m'għadux magħna u l-każin ħassha ħafna t-telfa tiegħu.



**Frank Borg** ( ta' Kejjillu ) li kien jgħix Sydney l-Awstralja għal ħafna snin, kien benefattur tal-Każin, u qabel ġie l-Awstralja kien bandist mal-Banda Imperial. Imma jiddispjaċina ngħidu li Frank ħalliena wkoll.



**Mosè Vella** (tal-Barkun) li kien jgħix f'Melbourne l-Awstralja u qabel siefer kien bandist mal-Banda Imperial tal-Mellieħa, anke meta kien f'Melbourne kien Bandist mal-banda ta' Melbourne (Maltese Own Band). Bejn dawn iż-żewġ Baned kien bandist għal 55 sena, Mosè ukoll kien benefattur mill-Qalb għall-Każin. Dawn it-tliet benefatturi li semmejna ma jkunu minsijin qatt mill-Każin għażiż tagħna, l-Għaqda Mużikali Imperial.

AGĦTIHOM O MULEJ IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM
AĦNA L-MELLEĦIN INĦOBBU LIL XULXIN

Dejjem tagħkom Sam Vella ta' Peppi ta' Pietru
Sydney Awstralja.









## Al Ponte

**Pizzeria & Bistro**

**Pizza, Pasta, Grills & You**

The environment is active and fun to be with friends with the kitchen at center stage for a true culinary show, with an open air terrace overlooking the sloped valley and enjoying sea and country views.

## Les Jardins

**Restaurant**

**Sunday Buffet Lunches**

Discover a culinary voyage that will awaken all your senses. You'll explore an international buffet menu based on different cuisines, from an open kitchen, carvery & spit roasting. Rounding out the menu, Les Jardins Wine List is bold, unique and balanced, concentrating on the world's wine regions.

## Le Mirage

**Cocktail Bar**

**Always Live, Always Different**

The sublime Lounge serves as a chic gathering spot ideal for cocktails and conversation with an intimate and cozy atmosphere. Our bartenders will be glad to mix your favourite cocktail after a sunny and relaxing day on the island. Live Entertainment on most days with a variety of music styles.

## 120

**Bar**

**Easy to Find, Hard to Leave**

Yet another alluring stop for your pleasure. Come in for a round or two and sip drink specialties from a selection of fruit cocktails, wines from around the world, draft beers or your drink classic while listening to the music sounds or watching your favourite sporting event on big screen.

MARITIM
Antonine Hotel & Spa
Malta

Tel
(+356) 2152 0923

Email
info.mal@maritim.com.mt

Website
www.maritim.com.mt

*happy feast*

The ARCHES

wine bar & restaurant

George Borg Olivier Street, Mellieha - Malta Tel: (+356) 21 523 460
E-mail: info@thearchesmalta.com Website: thearchesmalta.com







*elegant refined exquisite*

# That's Show Business For You

**Brian Roberts**

There is a well known saying that everyone deserves their own five minutes of fame. For some, it comes naturally. Others, it is thrust upon them. In the past I have been interviewed by the media in the UK and here in Malta and believe me it can be a tricky business.

You need to be accurate in your answers and know your subject "like the back of your hand" otherwise it can turn into a nightmare and be very embarrassing.

In May 2011 I received a telephone call from a researcher with the BBC in London. He was in the process of researching content for a BBC Radio 2 programme called "World Class Brass". Basically it was to illustrate the influence of British Brass Band music across what was the British Empire including India, Africa and the West Indies and guess what – MALTA.



Putting on his best condescending BBC voice he said he was looking for someone who was British, played in a British Military Band, lives in Malta, plays with a Maltese Band and has an expert knowledge of the Maltese Band scene.

Okay I admit to the first four but an expert on the Maltese Bands – never! However I did tell him that I had played with the Imperial Band for over 15 years and on occasions with other bands in Malta and Gozo, so I did have experience but could not be classed as an expert. "That will do" he said and the interview was arranged. That gave me three days to turn my limited knowledge about Maltese Bands into content fit to be transmitted worldwide by the BBC.



I knew I was treading on very dangerous ground. I was confident I could talk about music, the make up and content of the marches and even an outsider's view of the feasts but I knew that the "P" word (Politics) and the "R" word (Religion) would come up in the interview. Now I have always stayed clear of discussing those subjects. I believe those who pay your pensions and those who look after your soul when it is time to stop drawing your pension, should be left well alone. I for one need all the help I can get.

So the researcher came to our house and set up his recording equipment in our dining room. The interview started well but I was concerned for two reasons. First he only looked about ten years of age. Mind you, when you get to my age, everyone

younger looks about ten years of age. The second concern was he didn't look very well. He was pale and his eyes looked like he had been a passenger on a local bus, the driver of which was late for his dinner! All was revealed when he told me that he had just left from a fireworks factory in Rabat where the sight of explosive material lying everywhere had scared the living daylights out of him. Who said we British were made out of strong stuff! Kath kept the kettle boiling and after a few cups of coffee he appeared to be at his ease.

We talked for over an hour about my experiences and music here in Malta and the "P" and "R" words were never mentioned. I thought I had got away with it. Then came the bombshell question:

"WHAT PART DOES RELIGION AND POLITICS PLAY IN THE LIFE OF BAND CLUBS?"

Of course I knew the answer but I felt like I had been stabbed in the neck. My heart pounded, my throat went dry and suddenly I was lost for words but I couldn't walk away or dodge the question so I took the cowards way out and agreed to answer "off the record". I think I said it in pure panic because there is no such thing as "off the record" but I knew it was too late. He hadn't switched off the tape.

Well, the programme was transmitted on the 29th January this year and much to my surprise and relief he had taken some of my advice and interviewed representatives from other band clubs who were more than happy to talk about the "P" and "R" words. I was also pleased that the Imperial Band Club and Mellieħa were mentioned at least three times and two of our Surmast Tony Borg's marches were played to a worldwide audience. Certainly from the reaction I received the programme was a great success. It was good publicity for Malta in general and the Imperial Band Club and Mellieħa in particular, so everybody was happy.

For me, my five minutes of fame were reduced to 15 seconds and guess what - the only comments by me on the programme were, yes you have guessed it – THOSE OFF THE RECORD.

WELL THAT'S SHOW BUSINESS!!

I wish you all a very happy festa for 2012

**Philip Attard**
**(Hawker)**
Tinned Foodstuffs
Detergents
Toiletries
@
Discounted Prices
Tel: 2141 1782
Mob: 7946 3806, 7920 7827

Nella's™ by Antonella
hairdressing | beauty | nails
skincare | make-up
Fortizza Street, Il-Mellieħa
t: 2152 2705 | 2752 2705
m: 9989 8335
79274693
www.nellasmalta.com
info@nellasmalta.com




**ALL INCLUSIVE WEEKEND BREAKS SPECIAL STARTING FROM €189* on All-Inclusive basis for TWO adults[+] for any TWO nights.**

* €189 offer applies during the periods 1–23 December 2012 and 3–31 Jan 2013.
"I was also involved in many festivals, teaching music and arranging musical scores. Who klnows how many parents came along asking me to see if their children had any talent! They need only play or sing a single note and I will be able to feel the talent or otherwise of a person in front of me. But there must also be imagination and style. Once a girl with a beautiful and powerful voice came over, but she insisted to imitate an Italian singer all the time. I warned her. I told her 'Why don't you want to be yourself only? Why do you want to be someone else?' She would not listen, that was many years ago and she had of course to pay for her mistake in not obeying what I said to her. She got lost."

## Society

"In the past Mellieħa was a primitive village in many ways. Not just livelihood, but all society was primitive. In music there were the band clubs, but at the same time there was no other music… perhaps some folk music with a drum and with some *żaqq,* bag-pipe music… and other things to make some sounds with. In 1907 there was the *La Vittoria* that


POPEYE VILLAGE
PLAYPOOL
BOAT TRIPS
ANIMATION SHOWS
ACTIVITIES & GAMES
MUSEUM
WATER TRAMPOLINES, POOLS & GAMES
www.popeyemalta.com
Tel.: 2152 4782/3/4
E-mail: info@popeyemalta.com

B E C A U S E



E V E R Y O N E



D E S E R V E S



A B R E A K

RAMLA BAY RESORT

★ ★ ★ ★

A Lifetime of relaxation.

For reservations call: 2281 2281 or visit
www.ramlabayresort.com

started some progress. At the end of the war things started changing. We had electricity, we had radio, later on we had television and Mellieħa became suddenly different. Mellieħa is not a village with a dozen peasants and a dozen fishermen anymore. There were many fishermen here in the past, perhaps as many as peasants. But there are none today. There is not a single fisherman now. Mellieħa is like a city now. In summer there may be more than twenty thousand inhabitants here! There is now more possibility to listen to music, there is more possibility to compare one's ability as well.

"The two band clubs have all improved so much. There are good musicians, they play serious music, they take up challenges, and I am always there to help if they need me. The people of Mellieħa are of course changing. Many come from other countries or from other places to live with us. It is a new society. They all say that we are nice people to live with, the Mellieħa people are easy to live with and this is the truth. We *are* nice!

"Only the older people talk the Mellieħa dialect now. The younger ones do not, unfortunately. And it is a beautiful dialect. The vowels are something so natural, the sound of nature that the mouth can make. The vocal chords vibrate and the mouth makes the sound. At Mellieħa we make use of seven different vowels not just five, that is the dialect is richer. You start with your mouth wide open for the 'a' and then to pursed lips and finally to the rounded lips for the vowel after the 'u'… each time a different vowel is sounded… The Maltese language is so old. It is as old as Hebrew and as Arabic itself… "

## God, Energy and Time

At a certain moment, Karmnu left the table to make a cup of tea. He had already offered me a drink, and I opted for water. But he kept talking even as he prepared the tea for himself. I do not know what really happened, but we were suddenly talking about God. I thought that we were somehow talking about the universe, but *il-Kaptin* said:

"The universe! I love talking about that! I love talking about music and then I love the universe! Listen to this," he said. Then he stood up, he brought a piece of paper and a pen and resumed with what he had in mind, jotting down letters and numbers and figures and lines.

"Do you know about eternity?" I asked at a certain point.

He looked at me

"I only know that it baffles me," I said. "I would like to know what it really is and what infinity is as well, not just eternity. But infinity as well… there is the infinite universe, but what lies beyond it… that is what I would like to know!"

"Look here," he said slowly.

Karmnu drew a circle.

"This is what eternity is," he said. "No starting point and no end. But look at this as if it were a perfect sphere. Not just a flat circle. Can there be a beginning? Can there be the edge of this sphere? One must be prepared to go deeper in this, just to try to understand it. That is God in fact. That is the idea of God, in fact!"

I looked blankly at him as he drew circles on the paper and as he scribbled words around them.

"We know God because we can understand only two attributes about God," he continued. "These two attributes are *spirit* and *matter*. We cannot understand other attributes he must surely have, because we are of limited intelligence and we cannot imagine more than this. We are *matter* and we understand matter; and we more or less do our best to understand the idea of *spirit*, that is we cannot even comprehend these two attributes in all their fullness in our attempt to understand the idea of God, can we?"

I felt him gazing at me.

"Both infinity and eternity combine to form God," he said. And I tried to understand. "And both spirit and matter combine to form the understanding of God. God the Father God who is energy, the Son who represents the matter component because he himself was matter, and God the Holy Spirit who is the spirit component. This is not three, but this is one idea and one concept which is God one single idea."

"Do you mean that God is therefore an idea of energy only?" I knew that this had nothing at all to do with Mellieħa and with livelihood at all, but I was really intrigued at discovering a basically old man who as far as I knew had never come across Philosophy and these heavy religious concepts of God, the Universe, infinity and eternity, presenting his own ideas.

"What I'm saying is that energy gave way to matter," he said "Yes, that's right. That is God. And we cannot explain that in five minutes can we?"

"Do you mean that that energy can become matter?" I asked, remembering vaguely what Physics teachers tell their students.

"That's right!" he exclaimed. "And who can understand the process by which energy becomes matter?" he asked. "Not only that. But God did become *matter*, God had his Son made man, his first born. But that is not the end of the story! There is more to it than that! Then there are other sons, *we* are the other sons, the angels are the second in line, then there are human beings… we are third in line

that is… Then there are the animals, there is nature, there is also Mother Nature and all the matter in the universe, and there is then all Creation. But as man we are high up in that order… do you understand how it is? That is Creation…"

Rather than discussing, I was asking myself, whether *il-Kaptin* had actually been hitting on the idea of the explanation of the Big Bang theory and the moment of Creation.

"Have you ever heard of the Big Bang?" I asked.

"No one is absolutely certain what happened," he said matter-of-factedly. "But whichever way you look at it there was the moment which no one can be sure of. Everything must have been created in this way. Even wrongness and wickedness come out of this for a simple reason."

He looked at me in my eyes.

"Do you know why even wrong resulted from all this?"

I shook my head.

"It is because of God giving freedom to all. God gave us all a good measure of autonomy which in time gave rise to the wrong that destroys what is perfect! God is perfect, and we come back to the sphere I talked to you about. And that sphere is perfect. For the sphere or for God, there is no need of the idea of time for example, because the sphere has no beginning and no end even in time. In fact, *that* is time. It is the human need to move away from perfection. Do you follow? The need to find the edge of the sphere and move on. God does not move; for God there is no need of the idea of time and there is no past and there is no need for a future. Only we have the need of the idea of movement, and if we have this idea of movement and the idea of time, that is the idea of speed, we must have the baffling problem of infinity in space, and the idea of eternity in time which are tied to the understanding of time and the understanding of movement. That is something which only humans need to worry about!"

The discussion was so enjoyable, yet so unexpectedly baffling, amusing and at the same time so surprisingly enlightening. We mentioned Stephen Hawking, the Big Bang, galaxies and stars, clay and the creation of Adam and Eve, and we talked about concepts one discusses only in the Physics classroom. *Il-Kaptin* expounded his ideas on gravity and further points on perfection, distancing oneself from God, and the music all about us. I marvelled at the nature and the depth of what we were talking about and could not help looking at the simple environment I had around me, the simple table, the simple table cooker, the simple chair and the humble characters I was supposed to expect to find in my quest for identity with Mellieħa as my site of investigation. *Il-Kaptin* had only been to a primary school more than seventy years ago. He kept looking at me shrewdly yet kindly, affectionately. And I knew exactly that he was aware of what was going on in my mind.

Then I smiled.

## The Cook's Story

Talking to Karmnu *l-Kaptin,* I had the same predicament that I had felt when I was talking to Professor Godfrey Wettinger. These are old people and they are Mellieħa characters who also indicate clearly the characteristics of our identity. A people's identity has so many facets. There are so many details that describe it. Man does not live by bread alone. *Il-Kaptin*'s interest in his own subsistence was to him secondary. His environment was a different environment. It was clear that moving towards his musical aptitude and interests was to him the most important thing in life.

"Do you mind if I ask you a question?" I asked suddenly. "If you do not want to answer it, do not…

"Karm," I asked, "How come you never married?"

He smiled. He chuckled to himself.

"I'm a normal man," he said slowly. "But it was my choice not to want to marry. I had my chances, but I never wanted to go for it for two reasons. Firstly I was always of the idea that I wanted to play music only, and a wife with children would somehow detract my attention from what I wanted. I was sure it would not be fair on me and not fair on other people as well.

"Secondly I had been seeing so many beautiful females and talking to them daily all my life from the time I started teaching when I was just twenty years old till fifty years later when I was seventy! I was to experience the same story of the cook! Do you know what happened to the cook? Eh? Well the cook had been preparing one fine dish after the other and when he had finished people expected him to choose a nice dish for himself! But he had had all he could! And he knew all about them as well! So he just wanted a piece of bread with some oil! Nothing else!"

"I now need to listen to you playing the violin," I said after some time.

He is an octogenarian, yet he is so alert, so calm.

"Sure," he answered with a smile, and brought his violin from a cupboard.

And the next minute I was listening to a melody of his creation that floated around the room and out into the yard and into the streets of Mellieħa.



# Programm tal-Festi

## *organizzati mill-*
## *Għaqda Mużikali Imperial*
## *fl-okkażjoni tal-Festa ad Unur ta'*

# Marija Bambina

## *Patruna tal-Parroċċa tal-Mellieħa*

## *Mill-24 t'Awwissu sad-9 ta' Settembru 2012*

### Il-Ġimgħa – 24 t'Awwissu

**8.00p.m**. Barbeque fil-Pjazza tal-Parroċċa. Ikun hemm kant u divertiment ieħor. Mistednin speċjali Joe Farrugia d-Dulli u Veronique Farrugia.

### Is-Sibt – 25 t'Awwissu

**5.00p.m.** Logħob għal kulħadd organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial ġewwa l-każin. Fost logħob ieħor ikun hemm kompetizzjoni tal-*Billiard*, Bixkla, *Playstation Tournament*.

### It-Tnejn – 27 t'Awwissu

**6.30p.m.** Tombla Speċjali organizzata mill-Kumitat Nisa tal-Għaqda Mużikali Imperial.

**6.30p.m.** Is-Sezzjoni Żgħażagħ ser jorganizzaw *Treasure Hunt* li ser tkun miftuħa għal dawk iż-żgħażagħ kollha li jixtiequ jipparteċipaw.

**8.30p.m.** Wara li jispiċċaw iż-żewġ attivitajiet imsemmija ser tiġi organizzata *Pasta Night* ġewwa l-Każin. Waqt l-ikel ser jiġi organizzat briju mis-sezzjoni żgħażagħ.

### It-Tlieta – 28 t'Awwissu

**8.00p.m.** Kunċert Ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### Il-Ġimgħa – 31 t'Awwissu

**6.30p.m.** Is-Soċjetà flimkien mal-Banda u l-Kor jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Parrokkjali fl-okkażjoni ta' "Jum l-Għaqdiet Ċiviċi"

**8.00p.m.** Laqgħa soċali għall-emigranti Melleħin li jkunu fostna biex flimkien magħna jiċċelebraw il-Festa ta' Marija Bambina.

### Il-Ħadd – 2 ta' Settembru

**8.00p.m.** Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara jsir riċeviment fis-Sala tal-Każin.

## It-Tnejn – 3 ta' Settembru

**8.00p.m.** Riċeviment fil-Każin għall-membri tal-Kumitati, bandisti, membri tal-Kor flimkien man-nisa u l-irġiel tagħhom.

## It-Tlieta – 4 ta' Settembru

**8.00p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jibda minn Triq l-Għerien, Triq Snajjin, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borġ Olivier, Triq il-Parroċċa sal-Pjazza tal-Parroċċa.

## L-Erbgħa – 5 ta' Settembru

**8.00p.m.** Marċ mill-Banda San Ġorġ ta' Bormla minn Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq id-Dħin, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq San Ġużepp, Triq il-Kappillan Magri, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Parroċċa u jispiċċa fil-Pjazza tal-Parroċċa.

## Il-Ħamis – 6 ta' Settembru

**8.00p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq Napuljun Caruana Dingli (fejn il-*Ground*), Triq il-Muna, Triq Santa Marija, Triq Franġisk Zahra, Triq il-Kbira, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa fil-Pjazza tal-Parroċċa.

## Il-Ġimgħa – 7 ta' Settembru

**7.00p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq is-Salib, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa fil-Pjazza tal-Parroċċa.

**9.15p.m.** Il-Banda Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Anthony Borg tesegwixxi l-Innu "Ad Unur ta' Marija Bambina", versi ta' Nikol Biancardi u mużika tas-Surmast Vincenzo Ciappara. Flimkien mal-Banda, jieħdu sehem it-Tenur Brian Cefai, il-Baritonu Alfred Camlleri u l-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial. Il-programm jintemm bid-daqq tal-Innu Marċ Popolari "Tal-Iljun", flimkien mal-Innu tal-Banda, fost il-briju tal-partitarji u nies preżenti.

## Is-Sibt – 8 ta' Settembru

**5.30p.m.** Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi minn Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

Wara jittella' programm mużikali mill-Banda San Sebastjan taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha Mro Domenic Darmanin F.L.C.M. quddiem il-Każin. Il-programm jilħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu "Ad Unur ta' Marija Bambina" hekk kif l-istatwa tasal quddiem il-Każin.

## Il-Ħadd – 9 ta' Settembru

Filgħaxija se tiġi organizzata ħarġa fuq il-*Hop On Hop Off* tal-għada tal-festa mill-Kumitat Nisa. Ser jiġi organizzat briju mis-sezzjoni Żgħażagħ bħas-sena li għaddiet.

# Viva Marija Bambina

# Trażmissjoni *Live*

## tal-Festa ta' Marija Bambina 2012

Bejn l-24 t'Awwissu u t-8 ta' Settembru, 2012 ser inxandru *live* l-attivitajiet tal-Għaqda Mużikali Imperial u l-funzjonijiet reliġjużi fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Bambina 2012 fuq is-sit elettroniku

**www.imperialbandclub.com**

*Inħeġġukom li tinfurmaw lil qrabatkom emigranti biex flimkien magħna jgawdu l-Festa ta' Marija Bambina.*

# MANUEL'S GARAGE Co. Ltd.

3, Misraħ iż-Żjara tal-Papa, Il-Mellieħa, Malta

Tel: **(+356) 21523472**
Mob: **(+356) 99493462**
Fax: **(+356) 21523600**
email: **manuelscarhire@hotmail.com**
Website: **www.manuelscarhire.com**



- ***TAXI & MINIBUSES***
- ***GENERAL CAR HIRE***
- ***APARTMENT (SHORT & LONG LETS)***
- ***FLATS FOR SALE***

Taxi nos.: OGY 888 & BVY 011

*For Quality Metal Works at Competitive Prices*



## JOE GAUCI
**METAL WORKS**



7 Marfa Road, Mellieħa
Tel: 2152 0566 • Mob: 7904 6976

# Tisbiħ fil-Każin














General Contractors • Civil Engineering Work
• Building Components Manufacturers
• Sand – Spalls – Torba – Soil
• Ready Mix Concrete

CARMEL VELLA LIMITED

CENTRAL ASPHALT LIMITED

Labour Ave., Naxxar NXR 04, Malta • Tel: 2141 2061, 2141 2469 • Fax: 2143 7067 • E-mail: info@centralasphaltltd.com




# Activities

## organised by The Imperial Band Club for the feast in honour of

# Our Lady of Victories

## Patron of Mellieħa

### Friday – 24th August 2012

**8.00p.m.** BBQ organised by the Imperial Band Club in Parish Square Mellieħa. Special guest Joe Farrugia (*Dulli*) and Veronique Farrugia.

### Saturday – 25th August 2012

**5.00p.m.** Games organised by the youths section of the Imperial Band Club within the Club premises. Amongst other games there will be a Billiard Competition and a Play station Tournament.

### Monday – 27th August 2012

**6.30p.m.** A special bingo organised by the Ladies Committee of the Imperial Band Club.

**6.30p.m.** The youths section will organise a Treasure Hunt, which will be open to all youths interested to participate.

**8.30p.m.** A Pasta Night will be organised at the Imperial Band Club.

### Tuesday – 28th August 2012

**8.00p.m.** General rehearsal by the Imperial Band and Choir.

### Friday – 31st August 2012

**6.30p.m.** The Imperial Brass Ensemble and Choir together with the club's committee and members participate during a Holy Mass in the Mellieħa Parish Church.

**8.00p.m.** Annual Get Together at the Imperial Band Club for Emigrants.

### Sunday – 2nd September 2012

**8.00p.m.** Vocal and instrumental concert by the Imperial Band and Choir at the Parish Square. A reception will be held afterwards at the Imperial Band Club.

### Monday – 3rd September 2012

**8.00p.m.** A reception will be held for the Committee, band and choir members, together with their guests at the Imperial Band Club.

### Tuesday – 4th September 2012

**8.30p.m.** Band marches by the Imperial Band from Mellieha Heights to Mellieha Parish Square.

### Wednesday – 5th September 2012

**8.30p.m.** Band marches by St George's Band from V. Ciappara Street to Mellieħa Parish Square.

### Thursday – 6th September 2012

**8.30p.m.** Band Marches by the Imperial Band from N. Caruana Dingli Street to Mellieħa Parish Square.

### Friday – 7th September 2012

**7.00p.m.** Band Marches by the Imperial Band from Main Street to Parish Square. Afterwards the Imperial Band and Choir will perform the Hymn in honour of Our Lady of Victories on the stage. The programme comes to an end with 'Tal-Iljun' and the Imperial Hymns.

### Saturday – 8th September 2012

**5.30p.m.** Band marches by St Sebastian Band of Qormi from St Anne's Street to Parish Square. Afterwards St Sebastian Band will perform a concert in Parish Square. On the arrival of the statue of Our Lady of Victories in front of the club, the St Sebastian Band, joined by the Imperial Choir, will perform the Hymn in honour of Our Lady of Victories.

### Sunday – 9th September 2012

In the evening an outing will be organised on the Hop On Hop Off Buses to end up the activities organised for the village feast.



# 'Saċerdot Eżemplari' u 'Żiffa Ħelwa'



Dr Joanne Vella Cuschieri

Hekk ġie deskritt Dun Nazzareno Caruana jew kif nafu aħjar jien iz-Ziju Dun Zaren, dakinhar tal-funeral tiegħu ċelebrat fit-12 ta' Lulju, 2012. Il-mewt ta' Dun Zaren nhar id-9 ta' Lulju, 2012 tista' tgħid ħasdet lil kulħadd għaliex kienet waħda ħabta u sabta. Għalkemm lili ppruvaw jgħiduli b'diskrezzjoni kbira minħabba l-kundizzjoni li kont fiha, xorta waħda ħadtha bi kbira sew u l-ewwel reazzjoni tiegħi kienet jekk kinux ċerti minn dak li kienu qed jgħidu u dan għaliex sa ftit ġimgħat qabel kien għadu kif kien qed iqaddes fil-funeral tal-mara taz-ziju tiegħi u kien jidher mimli saħħa.

Niftakru dakinhar kien staqsieni kif jien u biex noqgħod attenta minħabba t-tarbija. Mur għidli li xahrejn wara kont ser nattendi għall-funeral tiegħu.

Iżda xtaqt nikteb dan l-artiklu biex infakkar dak li kien tajjeb u sabiħ f'din il-persuna li tant ħalliet impatt mhux biss mal-familjari tagħha imma ma' bosta komunitajiet f'Malta. Dun Nazzareno Caruana twieled nhar it-22 ta' Frar, 1947 kważi sentejn biss qabel ommi li fil-fatt kien jiġi z-ziju tagħha. Iben Anthony u Giuseppa Caruana kien il-ħdax-il wieħed fost erbatax-il aħwa, twieled il-Mellieħa fi Triq il-Parroċċa fejn baqa' jgħix sakemm ġie appuntat għall-ewwel darba Kappillan u kellu jitlaq mill-villaġġ.

Laħaq qassis madwar sebgħa u tletin sena ilu ftit xhur qabel ma ġie nieqes missieru. Tista' timmaġina l-ġenituri tiegħu kif ukoll ħutu fosthom nannti Giovanna Caruana (oħtu l-kbira) x'ferħ ħassew meta rawh jieħu l-istat ta' qassis. Xi kultant f'qalbi naħseb li l-bużnanniet tiegħi qishom kienu jafu li d-destin tiegħu kellu jkun fil-qadi ta' Alla l-Missier sa mill-bidu nett tant li semmewh Nazzareno.





Għall-bidu tas-saċerdozju tiegħu serva bħala viċi-parroku hawnhekk fil-Mellieħa kif ukoll kien direttur spiritwali ta' din is-Soċjetà fejn serva f'dan ir-rwol sakemm ġie msejjaħ barra mill-Mellieħa. Dakinhar tal-funeral tiegħu Dun Mosè Debono b'għożża kbira qagħad jispjegali kemm kien kbir il-kontribut ta' Dun Zaren fil-bini u l-ftuħ taċ-Ċentru Parrokkjali fil-Mellieħa li tant kien hawn bżonnu madwar ħamsa u tletin sena ilu. Filwaqt li beda jkellimni fuqu ħassejtni kburija li jien nifforma parti mill-familja ta' din il-persuna tant għaqlija u għażiża għal ħafna nies.

Jiena personalment kont nafu bħala persuna kwieta iżda li parir għall-ġid qatt ma jżomm lura milli jgħidulek. Għalkemm familja kbira ħafna, kien ikun jaf kull wieħed u waħda minna minn xiex inhu għaddej u fejn seta' dejjem offra l-għajnuna tiegħu. Tista' tgħid għammed u żewweġ lil kull membru tal-familja li jinsab Malta u anki bosta minn dawk li jinsabu fil-Kanada, fl-Amerika u fl-Awstralja. Qatt ma kien jitlef xi okkażjoni fejn kien ikun mitlub li jqaddes, anzi kien jagħmel dan kollu minn qalbu. Privatament naf li kien iħobb jaqra, kien ukoll ipitter u l-għożża tiegħu kienet li jsiefer, mhux għall-pjaċir iżda biex ikattar dejjem aktar l-għerf fuq Alla li tant kien għażiż għalih.

Iżda l-Bambin kellu proġetti akbar għal Dun Zaren u fil-fatt ftit wara li laħaq saċerdot ġie appuntat Kappillan ta' Ħal Kirkop. Għadni niftakarni tifla żgħira mmorru l-festi ta' Ħal Kirkop u nidħlu fejn Dun Zaren u l-bużnanna Giuseppa li sa dak iż-żmien kienet għadha tgħix miegħu u hu kien jieħu ħsiebha b'tant għożża.

Wara ġie appuntat Kappillan ta' Ħal Lija fejn serva għal bosta snin, mexa wkoll bħala Kappillan fil-Parroċċa tal-Kunċizzjoni l-Ħamrun filwaqt li għal dawn l-aħħar tmien snin u fuqhom serva bħala Kappillan ġewwa l-Imqabba. Il-kontribut tiegħu lejn dawn il-komunitajiet deher ċar fit-tislima kbira li lkoll tawh dakinhar tal-funeral tiegħu fejn attendew 'il fuq minn 120 membru tal-kleru, tista' tgħid l-Imqabba kollha kif ukoll bosta nies mill-komunitajiet preċedenti fejn huwa serva.

Kulħadd, b'dieqa kbira, ta l-aħħar tislima lill-Kappillan li bil-kalma kollha iżda mingħajr ma kien iżomm lura milli jwiddeb bil-mod sottili tiegħu dejjem kien ta' eżempju tajjeb għal dawk ta' madwaru. Laqtuni kliem li kiteb tifel li ftit ġimgħat qabel il-mewt ta' Dun Zaren, l-istess Dun Zaren kien tah l-ewwel tqarbina f'ittra ta' tislima li huwa kitiblu:

*'Kont persuna umli u ta' ftit kliem, iżda dak li kont tgħid kien ta' importanza kbira u li jħalli impatt. Il-Quddiesa tal-Ħadd kienet tkun mistennija minna lkoll għax xħin tispiċċa kont tiġi tkellimna fuq iz-zuntier. Dejjem sibt ċans li tgħidilna dawk l-erba' kelmiet avolja kont imħabbat ħafna'*

Għażiż Dun Zaren jien għadni qed nistenna li nħares 'il fuq lejn l-artal u narak hemmhekk tqaddes flimkien mal-qassisin l-oħra. Dan iżda issa mhux ser iseħħ u ser jibqa' biss fil-bosta memorji sbieħ li għandi tiegħek.

Berikna u ħu ħsiebna lkoll minn fejn il-ħanin Alla li tant ħabbejt u qdejt.

# Cash & Carry

Tel: 21524685 80A, Main Street, Mellieħa

**Special Offers!**

**Phone Orders are accepted!**

Vast range of top-brand products at super-saver prices!

Perfumes Baby Products Skin Care

Detergents Toiletries Cleaning Equipment

Car Care Products Washing Liquids & Powders

... and much, much more!

Opening Hours: Mon - Fri: 09:00 - 13:00 & 16:00 - 19:00
Thursday: 09:00 - 19:00
Saturday: 09:00 - 14:00

**Free Deliveries!**

# TA' SOLDI RESTAURANT

*the heart of good food!*














RESTAURANT
PIZZERIA
TAKE AWAY
BAR CAFE
DOLCERIA

Ta' Soldi Restaurant has 21 years experience in genuine Maltese cuisine, specialising in traditional dishes, freshly prepared using local produce. Ta' Soldi's trademark is the traditional Mixed Maltese Dish; a combination of 'Fenek Moqli' - rabbit marinated in garlic, wine and bay leaves, 'Laham Taz-Ziemel' - horsemeat stewed in onion gravy and 'Summien Mixwi' - quails cooked in special blend of local herbs. At Ta' Soldi Restaurant you will receive the quality of food and service unique to a family business. Ta' Soldi is renowned as the place to enjoy real home cooking, in a friendly and inviting atmosphere. Even the typical yet delicious Maltese desserts are prepared by the family - as well as the homemade wine, produced using local grapes. Ta' Soldi is just the place to experience the colourful history of a remarkable country all served on a plate.

New Street off Mgarr Road, Zebbiegh, Mgarr - Malta.
Tel: 2157 2535, 2152 5815, Fax: 2152 5783, Mobiles: 9949 5896, 9986 1590, 9984 9961.


Day Memberships •
DJ Nights •
Parties & Weddings •
A La Carte Dining •
Serving fresh fish
direct from local fishermen
HOLA BEACH
summer magic
Marfa Bay Tel: 2289 9678
Email: info@riviera.com.mt www.rivierahotelmalta.com
RIVIERA
RESORT & SPA • MALTA
1565
meals go better with Coca-Cola
We are open for you this summer: Hola Beach - Bistro Sole Mar - Trattoria Melanzane


The All-Inclusive Trattoria
melanzane
trattoria
All you can eat & drink from our
Pizza, Pasta, Salads & Desserts Buffet
Buffet for €15.00 per person Beverages included
Children up to 10 years €10.00
OPEN DAILY
FOR DINNER
Marfa Bay | Tel: 2289 9678
Email: info@riviera.com.mt
www.rivierahotelmalta.com
RIVIERA
1565
meals go better with Coca-Cola
We are open for you this summer
Hola Beach - Bistro Sole Mar - Trattoria Melanzane


Sol e Mar
bistro
Al fresco dining
Open daily
for lunch & dinner
Dine under the stars
on our seafront terrace
Come enjoy our Mediterranean kitchen
with fresh ingredients & an extensive wine list
Marfa Bay | Tel: 2289 9678
Email: info@riviera.com.mt
www.rivierahotelmalta.com
THE RIVIERA
RESORT & SPA • MALTA
We are open for you this summer
Hola Beach - Bistro Sole Mar - Trattoria Melanzane
meals go better with Coca-Cola
1565
Fruit and Veg Ltd.



# Xi tfisser għalik il-Fidi Kattolika?

Mons. Dun Mosè Debono

Il-kelma "Fidi", aħna ġeneralment nifhmu l-att tal-menti li bih naċċettaw bħala veri l-veritajiet rivelati minn Alla, għaliex irrivelahomlna Hu. Dan il-ħsieb jaqbel mal-ħsieb bibbliku fuq il-Fidi, iżda l-Bibbja, f'dan ir-rigward, tafferma aktar is-sens tal-fiduċja tal-bniedem li jaċċetta l-Kelma ta' Alla; għax Alla, la jqarraq u lanqas jitqarraq.

Il-ħsieb bibbliku tal-Fidi, joħroġ mill-għerq "aman" (emmen), li tfisser "tkun fis-sod", moħħok mistrieħ li tkun fis-sewwa żgur, għax isserraħ fuq il-kelma ta' Alla li hu "fidil", ta' min jafdah u joqgħod fuqu, ta' kelmtu (Dewteronomju 7, 9; Ġeremija 42, 5). Wieħed jemmen f'Alla, jew aħjar, lil Alla, għax jafda fih, u joqgħod b'moħħu mistrieħ fuq il-kelma tiegħu.

Naraw x'jgħidilna l-Konċilju Vatikan it-Tieni fuq dan is-suġġett: F'Kapitlu III, insibu f'numru 84, naqraw: "It-tifsir tal-Wirt tal-Fidi - Il-wirt tal-Fidi fdat lill-Milja kollha tal-Knisja": "Il-wirt imqaddes" (1 Timotju 6, 20; 2 Timotju 1, 12-14) tal-fidi (depositum fidei) li jinsab fit-Tradizzjoni u fl-Iskrittura Mqaddsa, ġie fdat mill-Appostli lill-Knisja kollha. "Il-Poplu Qaddis ta' Alla kollu, huwa u jintrabat ma' dan il-wirt, flimkien mar-rgħajja, jibqa' dejjem sħiħ fit-tagħlim tal-Appostli, fl-għaqda bejn kulħadd, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb, hekk li fil-ħarsien, fil-ħajja u fl-istqarrija tal-Fidi li twasslitlu, ikun hemm, bejn ir-rgħajja u l-fidili, għaqda fl-ispirtu tassew singulari".

Din kienet il-Fidi ta' Abraham (Genesi 15, 6), li fit-tradizzjoni Lhudija u Nisranija, ittieħdet bħala eżempju tal-Fidi vera (Rumani 4,3; Galatin 3,6; Lhud 11,8).

Temmen f'Alla, jew lil Alla, ifisser taċċetta l-Kelma tiegħu, ukoll jekk tqila jew iebsa, u toqgħod għaliha, b'moħħok mistrieħ għal kollox.

Fit-Testment il-ġdid, jibqa' l-istess ħsieb tal-Fidi f'Alla tat-Testment il-Qadim, iżda jingħad ukoll, u fl-istess sens għall-Fidi f'Ġesù Kristu.

Il-Kelma Griega għall-Fidi tat-Testment il-Ġdid hi "pistis", u l-verb "pisteuo" - "nemmen".

Tfisser sew il-fidi f'Alla u f'Ġesù Kristu, u sew il-fiduċja fihom, jew fil-kelma tagħhom. Għalhekk hi wkoll fidi fl-Evanġelju, jew ubbidjenza għall-Evanġelju ta' Ġesù Kristu (Rumani 5,1; 10,16; 16,26)

Fit-Testment il-Ġdid, Ġesù hu l-oġġett tal-Fidi u fl-istess ħin mottiv tal-Fidi. L-Evanġelji juru li Ġesù kien jitlob lin-nies jemmnu fih innifsu u jemmnu għall-kelma tiegħu. Il-Profeti kienu jħeġġu l-poplu biex jemmnu f'Alla u jemmnu għall-kelma tiegħu mwassla lilhom permezz tagħhom. Ġesù kien jippreżenta lilu nnifsu u s-setgħa tiegħu bħala oġġett tal-Fidi (Mattew 9,28; Mark 4,41; Luqa 8,35; Mark 2,10). Min jemmen, irid jaċċetta lil Ġesù ta' Nazaret kif hu nnifsu jippreżenta ruħu.

Il-Fidi tiġi mill-kelma, mis-smigħ tal-kelma ta' Kristu (Rumani 10,14-17). Għalhekk, jeħtieġ ix-xandir bil-"Kelma tal-Fidi" (Rumani 10,8). Jemmen min jisma' l-kelma, jilqagħha u joqgħod għaliha; biha jasal għall-"ubbidjenza tal-Fidi" (Rumani 1,5). Dan ifisser li l-Fidi mhijiex biss aċċettazzjoni tal-kelma, iżda wkoll azzjoni skont il-Kelma. Għal Pawlu m'hemmx Fidi vera mingħajr l-azzjoni li toħroġ mill-Fidi. Hawn jiġi jaqbel mat-tagħlim ta' San Ġakbu li, "hi mejta l-Fidi mingħajr għemil" (Ġakbu 2,26). Mhux min jisma' l-Kelma jkun iġġustifikat quddiem Alla, iżda min, wara li jkun semagħha, jaċċettaha, joqgħod għaliha u jagħmilha (Ġakbu 1,22-25; Rumani 13,8-10). Din hi l-Fidi ħajja, u l-Fidi tagħti l-ħajja.

Il-Fidi hi l-pedament tal-ħwejjeġ li għandna nittamaw, hija l-prova tal-ħwejjeġ li ma jidhrux (Lhud 11,1). Il-bniedem li jemmen ma jaċċettax biss il-Kelma ta' Alla u ta' Ibnu Ġesù Kristu għal din il-ħajja, iżda jemmen ukoll fil-wegħdiet tal-ħajja ta' dejjem li għad trid tiġi (1 Tessalonkin 4,14).

Mhux biżżejjed li temmen, imma trid tipprattika wkoll dak li temmen. Inti trid tkun taf mhux biss ir-Reliġjon Kattolika, imma li tgħixha wkoll, u li

bl-eżempji tajba tiegħek, tkun kapaċi twassalha lill-oħrajn. U lanqas dan mhu biżżejjed, għax hemm bżonn li tkun taf ukoll tiddefendiha r-Reliġjon - bil-karità kollha - kontra dawk li jriduk tabbandunaha - għax huma twemmin vojt. U biex tkun taf sewwa x'titlob minnek ir-Reliġjon Kattolika, trid taqbad f'idejk il-"Katekiżmu tal-Knisja Kattolika"; trid tkun midħla sewwa tal-Iskrittura Mqaddsa; li tgħix ħajja eżemplari; li jiġri x'jiġri kontra r-Reliġjon Kattolika, int ma għandek qatt iċċedi għall-qerq u l-gideb ta' min m'għandux Fidi u li jridek tkun bħalu. Ma tistax tkun beżżiegħ u indifferenti.

Aħna għandna nkunu nies ferħanin li aħna membri tal-Knisja Kattolika, u li Alla għoġbu jibgħatna f'familja nisranija, u li l-ġenituri tagħna tellgħuna fir-rispett lejn Alla u lejn il-Knisja li waqqaf fostna Ibnu Ġesù Kristu. Aħna għandna napprezzaw bis-sħiħ din il-ġawhra li għandna f'idejna, u għandna nieħdu ħsiebha u nikkurawha biex ma tinteliex bl-għabra u bil-ħmieġ li jistgħu jaqgħu fuqha, u jtappnuha u jħammġuha. U agħar minn hekk, ikun meta wieħed jasal biex isir indifferenti, traskurat għall-Fidi li jkun irċieva u ħaddem matul ħajtu, u ma jibqax jiftakar f'dak id-don (ir-rigal kbir) li Alla jkun tah permezz tal-Magħmudija, u li għamlu membru ħaj fil-Knisja Kattolika, li Ibnu stess waqqaf għas-salvazzjoni tal-bnedmin.

"AGNOSCE, O CHRISTIANE, DIGNITATEM TUAM!"

"AGĦRAF, O NISRANI, ID-DINJITÀ (IL-KOBOR) TIEGĦEK!"

(Espressjoni tal-Papa San Leone l-Kbir)

**Ningħaqdu mad-Dinja kollha ħalli nagħtu qima lill-**

# IMQADDSA VERĠNI MARIJA

**f'għeluq sninha nhar it-8 ta' Settembru.**

## Agħtiha r-Rużarju bħala rigal

**"Mur u ppriedka r-Rużarju u l-għadu ta' kull ġid jiġi mirbuħ."** - il-Madonna lil San Duminku

**"Wieħed mill-mezzi l-iżjed tajba biex naslu li nbiddlu ħajjitna m'huwiex ħaġa oħra ħlief ir-reċita tar-Rużarju."** - Papa Ljun XIII



# Bis-sehem tagħna lkoll dejjem ikollna festa sabiħa

**Christopher Bartolo**

Għal darb'oħra, il-President u l-kumitat tal-Banda Imperial, reġgħu stednuni sabiex nikteb l-artiklu tiegħi fil-ktejjeb tant interessanti li jkun ippubblikat fl-okkażjoni tal-festa titulari tagħna ta' Marija Bambina li tfakkarna fit-Twelid tal-Verġni Marija.

Fil-bidu tax-xahar ta' Settembru ta' kull sena fil-parroċċa tagħna tibda tinħass sewwa l-atmosfera tal-festa. Minkejja li l-festa tkun iċċelebrata kull sena, din l-atmosfera tinħass xorta waħda meta tibda toqrob u xorta tkun mistennija mill-komunità Mellieħija kollha u anke minn dawk il-ħafna emigranti li jiġu jżuruna ta' kull sena. Ma jonqosx li l-festa tagħna tkun mistennija minn ħafna Maltin u Għawdxin li ta' kull sena jiġu biex igawdu l-festa tal-Vitorja magħna. Il-festa tal-Bambina – il-festa tagħna – minn dejjem kienet popolari.

Missieri Lippu kien jgħidli li hu jiftakar li meta kien żgħir, il-pjazza prinċipali ta' quddiem il-knisja, il-pjazza ta' quddiem is-Santwarju tal-Madonna sa ħdejn iċ-ċimiterju kienu jkunu mimlija bin-nies isegwu l-baned tagħna waqt il-marċi. Jiftakar it-taraġ li mill-Knisja Parrokkjali jagħti għas-Santwarju, kien ikun mimli nies jisimgħu lill-għannejja jgħannu lejlet il-festa. Jiftakar ukoll lil xi nies jaqlu l-fniek, oħrajn ibigħu l-ġelati tal-bezzun u xi bejjiegħa jbiegħu l-ġugarelli tal-injam.

Però, illum mhux ser nikteb fuq il-festi tal-imgħoddi. Din id-darba ser nikteb fuq kemm il-festi tagħna jirrikjedu ħsieb, xogħol, organizzazzjoni u anke sagrifiċċji. Irridu niftakru li mingħajr ix-xogħol ta' ħafna nies iddedikati u dilettanti, il-festi ma jistgħux ikunu suċċess. Jekk fil-Mellieħa ma jkollokx nies – żgħażagħ u anke nies ikbar fl-età – li lesti jagħtu l-ħin liberu tagħhom sabiex jinvolvu rwieħom fl-organizzazzjoni u t-tfassil tal-programmi tal-festa, il-parroċċa ma jistax ikollha dik il-festa sabiħa li l-komunità tant tkun tixtieq u tistenna.

Qiegħed nikteb fuq dan il-ktejjeb li toħroġ għaqda Mellieħija għaliex nifhem il-ħsieb, ix-xogħol u s-sagrifiċċji li jagħmlu dawk li huma fil-kumitat ta' din l-għaqda mużikali. Il-Banda Imperial kienet u għadha impenjata sewwa fil-festa tagħna. Sa mit-twelid tagħha fl-1930, dejjem tat il-kontribut siewi tagħha għas-suċċess tal-festa tagħna. Għall-grazzja t'Alla, il-Banda Imperial u l-għaqdiet mużikali l-oħrajn kollha, dejjem taw il-kontribut u l-għajnuna tagħhom għas-suċċess tal-festa; għalhekk bir-raġun dawn huma apprezzati u mistennija sabiex iferrħuna bid-daqq tagħhom fil-jiem tant sbieħ għalina l-Mellieħin.

Il-kelma "festa" hija kelma qasira għaliex fiha ħames ittri biss, però, it-tifsira tagħha hija kbira ħafna. Meta tibda taħseb x'tirrikjedi festa, malajr tintebaħ kemm tkun tinvolvi xogħol. Festa tfisser responsabbiltà fuq ħafna aspetti tagħha. Bħala festa reliġjuża, hemm bżonn li l-festa tilħaq l-iskopijiet tagħha fosthom li sservi ta' tiġdid spiritwali fil-komunità u li tħalli l-frott spiritwali li huma l-aktar affarijiet importanti għaliex nagħmlu festa lill-patruni tagħna.

Fuq livell ta' parroċċa, tfisser ukoll impenn kollettiv kbir minn ħafna nies li kultant lanqas biss tkun qiegħed timmaġina. Jitlaqqgħu ħafna ideat li mbagħad jitpoġġew fil-prattika sabiex jinħoloq ambjent festiv xieraq, fejn kulħadd ikun feraħ u ħa gost b'dak kollu li jkun ġie organizzat. Ħafna drabi, dawk involuti fl-organizzazzjoni jkunu qegħdin jaħdmu b'ħafna sagrifiċċju mhux biss għalihom iżda wkoll għall-familjari tagħhom.

Dawn il-ftit punti li semmejt huma kollha importanti sabiex festa jkollha r-riżultati ta' suċċess mixtieq fejn mhux biss tkun għaddiet b'wiċċ il-ġid iżda tħalli ħafna frott, kemm spiritwali kif ukoll materjali. Tajjeb li l-għada tal-festa kulħadd iqum jirringrazzja lil Alla tal-festa sabiħa li kellna, imma jkun aħjar li kulħadd jiftaħar kemm kellna festa reliġjuża b'funzjonijiet sbieħ li jkunu ħallew ħafna frott spiritwali, kultant mingħajr ma jkun jidher.

Fil-festa tagħna, aħna dejjem naħdmu sabiex kull attività li norganizzaw tagħmel il-festa waħda reliġjuża u Maltija. Darba kont qiegħed waqt laqgħa, li minn żmien għal żmien nattendi għalihom u xi ħadd għadda kumment tajjeb fuq il-festi li lili laqatni ħafna. Dan qal li dawk li jorganizzaw xi festa, tkun liema tkun, iridu jżommu quddiem għajnejhom li l-festa qisha *jigsaw puzzle*. Kompla jgħid li fil-kaxxa jew borża

għandek biċċiet żgħar li meta tgħaqqadhom, jiffurmaw l-istampa sabiħa li tidher fuq barra tal-kaxxa. Il-biċċiet separati fil-kaxxa ma fihom l-ebda sinifikat, iżda meta tibda tgħaqqadhom bil-mod u bil-paċenzja, tibda tara l-istampa tifforma sakemm tkun kompluta. Imbagħad tkun tista' tara s-sbuħija tagħha u dawk il-biċċiet x'kienu jfissru. Spiċċa biex spjega li meta l-istampa kollha tkun kompluta, b'ħafna ħsieb, xogħol u paċenzja, tkun tista' tgawdiha u tieħu s-sodisfazzjon tax-xogħol li tkun għamilt. Dan il-kumment rigward il-*jigsaw puzzle* jgħodd għall-festi tagħna, kemm dawk interni kif ukoll dawk esterni, għaliex kull festa titlob ħafna ħsibijiet u preparazzjonijiet maħsubin minn ħafna individwi li mbagħad jiġu pprogrammati f'attivitajiet għal ħafna nies. Hija bħall-biċċiet tal-*jigsaw puzzle* li meta tgħaqqadhom kollha flimkien bl-attenzjoni, tinħoloq festa waħda bi skop wieħed. Jien dejjem ngħid li festa ssir u sseħħ bis-sehem ta' ħafna nies u għaqdiet differenti.

L-ewwel biċċa minn din l-istampa li rridu nfittxu sabiex tibda tingħaqad ix-xena vera hija dik tal-kappillan u l-kleru, jiġifieri s-saċerdoti kollha tal-parroċċa. Hemm imbagħad il-Kunsill Parrokkjali u l-Kummissjoni Liturġija. Dawn huma dawk li jfasslu l-funzjonijiet li jsiru matul il-ġranet tal-festa. Hemm ukoll tliet gruppi li tant jaħdmu mas-sagristan sabiex matul il-ġranet tal-festa jkollna knisja mżejna sabiħa u nadifa, kif ukoll min idoqq il-qniepen li huma parti importanti mill-festa wkoll.

Partijiet oħrajn minn din l-istampa huma dawk tal-grupp tal-abbatini, it-tliet fratellanzi li, flimkien mar-reffiegħa u dawk tal-forċina, jieħdu ħsieb jerfgħu l-vara sabiħa tagħna. Hemm diversi korijiet li jagħtu sehemhom fil-funzjonijiet ta' matul il-ġranet tal-festa. F'biċċa oħra mill-istampa nsibu wkoll lill-Grupp tal-Armar li jieħu ħsieb jarma l-pjazza u t-toroq tar-raħal tagħna.

Naraw ukoll lill-Għaqda Piroteknika (il-grupp tan-nar) tirsisti sabiex bil-logħob tan-nar il-festa tkompli tissebbaħ. Dawk li jżejnu l-faċċata tal-knisja, il-pjazza u t-toroq tagħna wkoll jagħtu s-sehem tagħhom sabiex dawn iżidu l-atmosfera ta' festa.

Sabiex din l-istampa tkun kompluta, insibu l-biċċa fejn jagħtu s-sehem tagħhom it-tliet għaqdiet mużikali li nsibu fil-parroċċa – il-Banda La Vittoria, il-Banda Imperial u l-Kor u Orkestra Marija Bambina li jieħdu sehem b'tant entużjażmu sabiex iferrħuna b'dawk il-marċi, innijiet u siltiet mużikali li jsemmgħulna.

Kif stajna naraw, f'din l-istampa hemm ħafna biċċiet li kollha jirrappreżentaw lil xi grupp jew għaqda li kollha jkunu kkontribwew b'xi mod jew ieħor matul il-ġranet tal-festa. Però, meta jasal l-għada tal-festa, din l-istampa li tkun magħmula minn ħafna biċċiet, issir storja li tkun ġrat verament. L-importanti jkun li l-kummenti ma jkunux biss kemm kellna festa sabiħa iżda kemm tkun ħalliet impatt nisrani pożittiv fuq in-nies.

## Apprezzament tiegħi personali għall-festa 2012

Ma nistax f'din l-okkażjoni tal-festa 2012 ma nurix l-apprezzament tiegħi lill-kumitat il-ġdid tal-Għaqda u Banda Imperial. Din is-sena din l-għaqda, li tant tat kontribut fix-xena mużikali fil-Mellieħa, bdiet paġna ġdida fl-istorja tagħha peress li għandha President u Segretarju ġodda. Għaqda mużikali bħalma hija l-Banda Imperial tirrekjedi nies responsabbli, ħabrieka u dedikati fit-tmun tagħha. Minkejja li ż-żewġ baned tagħna huma l-eqdem għaqdiet li għandna fil-Mellieħa, xorta waħda għadhom l-iktar popolari. Il-Banda Imperial u l-Banda La Vittoria għadhom f'qalb il-poplu Mellieħi tal-kontribut li dejjem taw matul medda twila ta' snin.

Kemm ilni nservi ta' sagristan mill-1976, dejjem ħabbejt u ammirajt is-soċjetajiet tagħna u kont determinat li nagħtihom l-għajnuna tiegħi f'dak kollu li jitolbuni. Nistqarr li dejjem apprezzajthom u tajthom is-sapport u l-inkuraġġiment tiegħi. Dawn il-prinċipji għadni nżommhom sal-lum. Nista' ngħid li lill-għaqdiet tagħna jien tajthom ftit u huma tawni ħafna għaliex mhux talli għenuni u apprezzaw il-ħidma tiegħi, imma fuq kollox kienu u għadhom jirrispettawni bħala s-sagristan tagħhom. F'dawn is-36 sena li ilni sagristan, niftakar erba' presidenti – is-Sur Emanuel Grech, is-Sur Anthony Muscat, is-Sur Ray Vella u s-Sur Joseph Bartolo. Niftakarhom imexxu lill-Banda Imperial bil-għaqal u jaħdmu għaliha kultant anke bis-sagrifiċċji. Huma ħabbew lill-Banda li kienu jmexxu u fl-istess ħin kienu jirrispettaw lill-għaqdiet l-oħra. It-tmexxija għaqlija tagħhom għadna ngawduha sal-lum, l-aktar matul il-jiem tal-festa. Jalla l-President, is-Segretarju u l-kumitat il-ġdid jaħdmu fuq il-passi ta' dawk ta' qabilhom ħalli għal ħafna snin oħra jkollna mhux biss festa sabiħa u magħquda iżda wkoll nies magħżula sabiex ikunu t-tmuniera ta' din l-għaqda li hija tant għall-qalb il-Melliħin.

F'din l-okkażjoni nixtieq nagħlaq billi nagħti l-apprezzament tiegħi lis-Sur Joseph Bartolo li temm il-ħidma tiegħu bħala president tal-istess għaqda. Jiena ilni naf lil Ġużeppi minn ċkuniti, jiġifieri iktar minn 50 sena. Kont immur fil-każin u narah jaħdem, jiżbogħ u jirranġa fejn kien ikun hemm bżonn. Drabi oħra kont narah jagħmel il-kpiepel tal-karti għall-*party* li l-għaqda torganizza għat-tfal tal-Mellieħa fil-Milied. Ġieli kont narah iqasqas u jiżbogħ kpiepel ikkuluriti tal-Karnival. Meta bdejt nikber, kont iżjed nammira x-xogħol volontarju li kien jagħmel minn qalbu. L-iktar affarijiet li ammirajt f'Ġużeppi bħala President tal-Banda Imperial kienu l-irġulija, ir-rispett u d-don tat-tolleranza. Dawn il-kwalitajiet sbieħ kollha kienu ta' siwi kbir fir-responsabbilità li kien iġorr. Ta' dan kollu nixtieq nirringrazzjah u anke tar-rispett li dejjem wera lejja bħala sagristan. Fl-aħħarnett, ngħidlu grazzi tal-ġid kollu li għamel kemm lill-parroċċa kif ukoll lill-komunità Melliħija.

# Tkomplija ta' xogħol fuq il-Planċier









# L-A.R.P. u l-Qagħda tal-Melliħin fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija Marzu 1942

Jimmy Muscat

## Il-Kumitat tal-A.R.P.

Sa mill-1934, hawn Malta kienet bdiet tinħass il-ħtieġa li jinħolqu kumitati li jieħdu ħsieb id-difiża tal-persuni, kbar u żgħar, f'każ ta' gwerra, speċjalment kontra attakki mill-ajru. L-għan ewlieni tagħhom, magħrufin dak iż-żmien bħala A.R.P., jew *Air Raid Precaution*, kien li joħolqu difiża kontra l-blast tal-isplużjonijiet, bombi tal-ħruq, jew *incendiary bombs*, bħal dik li qegħdin naraw hawnhekk, u gass mitfugħ mill-ajru fost affarijiet oħra li kienu jolqtu s-saħħa tal-poplu.



L-ewwel laqgħa tal-Kumitat Prinċipali tal-A.R.P. saret f'Kastilja, il-Belt, fl-20 ta' Diċembru 1934, it-tieni fit-8 ta' Jannar 1935 u t-tielet fit-12 ta' Jannar 1935,[1] u baqgħu jinżammu regolarment, iżjed u iżjed matul il-gwerra kollha. Il-Mellieħa wkoll kienet rappreżentata f'dan il-kumitat permezz ta' erba' membri mill-Kumitat tal-Mellieħa stess u fost diversi rċevuti nsibu waħda magħmula fit-18 ta' Awwissu 1939 għas-somma ta' 2 xelini u 8 soldi bħala spejjeż ta' vjaġġar tal-membri ta' dan il-kumitat mill-Mellieħa sal-Belt u lura għal żewġ laqgħat li saru fl-14 ta' Lulju u fil-11 ta' Awwissu 1939.[2]



Waħda mill-affarijiet li ħa f'idejh dan il-kumitat kien is-sinjal li kellu jingħata qabel u wara kull attakk mill-ajru u l-Mellieħa kienet waħda minn 14-il ċentru minn fejn kien jingħata dan l-allarm.[3] Kull ċentru kien armat b'6 kanen u 60 murtal, jew *maroons*. L-ewwel kienu jiġu sparati 3 murtali minn Kastilja fil-Belt Valletta u mbagħad is-sinjal jitkompla tul l-14-il ċentru mferrxin madwar Malta kollha. Dak li jispara l-murtali kellu ħlas ta' 2 xelini u sikspenz, jiġifieri tmintax irbiegħi, kuljum.[4]

Fl-20 ta' Ottubru 1939 saret prova ta' dan kollu u fil-11 ta' filgħodu ndaqqet is-sirena f'Kastilja u mbagħad tkompla madwar bliet u rħula oħra ta' Malta permezz ta' sireni, murtali u daqq ta' qniepen. Għal dak li huwa ħoss jidher li l-aħjar li marru kienu l-murtali, għalkemm kien hemm rapporti li mhux kullimkien instemgħu dawn is-sinjali u ħafna nies lanqas biss indunaw li kien daqq *Air Raid*. Xħin għadda l-*Air Raid* ingħata l-*All Clear* mill-Pulizija permezz ta' sfafar. Ta' min isemmi hawn, li fil-Mellieħa s-sinjal tal-*Air Raid* ingħata fil-11.02, jiġifieri żewġ minuti biss wara dak tal-Belt Valletta waqt li l-*All Clear* ingħata 11-il minuta wara tal-Belt. Jidher ukoll li fil-Mellieħa ma ġew rappurtati l-ebda nuqqasijiet waqt dan it-taħriġ.[5]

Waqt dawn il-provi n-nies kellhom ifittxu kenn ġewwa, għalkemm ħafna għelbithom il-kurżità u baqgħu fil-bibien, fit-twieqi u saħansitra telgħu fuq il-bjut. Ħafna minn tal-ħwienet ma għattewx il-vetrini tagħhom kif suppost għamlu, iżda l-karozzi tal-linja waqfu u niżżlu l-passiġġieri kif kien ippjanat. Meta semgħu s-sinjal ta' ħbit mill-ajru, ħafna nies bdew jiġru flok waqfu u ħafna ġenituri marru fl-iskejjel biex jaraw it-tfal kinux f'xi periklu. Aktar tard, wara din il-prova, saru diversi taħdidiet fuq ir-Rediffusion biex jgħallmu lin-nies dwar dawn in-nuqqasijiet.

Wara xi żmien inħasset ukoll il-ħtieġa li, f'każ li jintafa' l-gass likwidu, jew *Mustard Gas*, mill-ajru, jingħata sinjal differenti ħalli kulħadd jilbes il-maskla tal-gass li kienet tingarr minn kull persuna, kbira jew żgħira. Is-sinjal għal dan il-għan kellu jingħata permezz ta' ċuqlajta u fil-Mellieħa nsibu li kien hawn sitta minn dawn iċ-ċuqlajti.[6] Waqt l-*Air Raid* kien hemm nies apposta msejħa *Air Raid Wardens* li xogħolhom kien li jaraw li kulħadd jobdi r-regolamenti u fil-Mellieħa nsibu li kien hawn mara waħda u 27 raġel





għal dan il-għan. Dawn is-sinjali dwar l-*Air Raids* kienu jinbidlu kultant, dejjem biex il-poplu jkun mgħarraf aħjar.

## Marzu 1942

Bla dubju kien hemm differenza enormi bejn kif raw il-Mellieħa dawk li ħatfu r-raħal u madwaru u raw kif użaw kull millimetru biex idaħħlu l-bini tagħhom fih u x'kien jara George u x'naraw fil-pittura tiegħu.

Twieled fil-Mellieħa 86 sena ilu, George qatta' ħajtu jiċċelebra l-ġid tal-wirt uman, kulturali u naturali tal-Mellieħa u madwarha.

Tmien snin ilu meta l-Bank of Valletta organizza wirja tax-xogħlijiet ta' George Fenech, il-Professur J.J. Cremona kiteb: "Iqim il-blat għeri bl-istess qima lejn l-allat tal-post, is-siġar tiegħu jitkellmu bi lsien tal-antik li ġej minn sekli ilu, u l-bini tal-franka tiegħu jgħassu s-skiet. Huwa iben l-art, jitkellem bi lsien sempliċi u qawwi. Wieħed jista' jgħid li f'ċertu sens huwa "reliġjuż" fil-mod kif iħares lejn in-natura (kif juru b'mod ċar il-pajsaġġi tiegħu)... kif ukoll fix-xogħlijiet reliġjuzi tiegħu."

Il-Professur Cremona jitkellem dwar "is-serenità tiddi ħierga mill-pitturi tiegħu għax hu kien ħsiebu fl-ispirtu tal-postijiet u mhux fil-postijiet infushom." Dwar l-irziezet bla twieqi, umli u ma tistax tifhimhom... Cremona jgħid: "Penġiehom qisu mhux biss irid jaqbad ix-xbieha tagħhom fuq it-tila, imma jrid jippriserva s-sbuħija severa tagħhom fl-ambjent naturali tagħhom għal dejjem."

Il-Qasrija

**in 2 Cross Street Mellieħa**, specialises in flower arrangements for weddings, funeral flowers, Holy Communion and other occasions.

Consultation on the type of flowers and budgeting advice are all part of this personalised service. Wedding packages include all the floral arrangements for home, church and reception venue.

Deliveries are made to the home of the bride which means the couple will have one less thing to worry about.

Tel/Fax:
21 520549



CLIFFORD
Motoring School
& Motorcycle Towing

Mob: 9947 8908 • 9945 2994

WE TEACH ON MANUAL CARS
MALE & FEMALE QUALIFIED INSTRUCTORS
VERY PATIENT AND PROFESSIONAL
DOOR TO DOOR PICK UP/DROP DOWN SERVICE
HIGH PASS RATE
NO HIDDEN CHARGES
LESSONS ON INDIVIDUAL BASIS

WE DO PRACTICAL
TESTS IN MALTA & GOZO



# Il-Mellieħa

David Muscat

Proża poetika fuq l-istorja tal-Mellieħa mill-ewwel żminijiet sal-miġja ta' San Pawl.

## 1. L-Għeruq ta' Nisilna

L-istorja tal-Mellieħa tinsab maħżuża fil-qigħan naqlija tal-widien ħadrana fejn isemma' leħnu setgħan il-qasab ħaxwiexi u ssaltan, bennejja tal-bejtiet, l-għammiela ħabrieka.

L-istorja ta' dar-raħal tismagħha fl-għerien imniddija fejn jgħammru l-friefet il-lejl mogħmija wara s-seħer tal-qmura sħaħ, blalen ta' bjuda bla tebgħa u fejn jixxettel it-tursin il-bir leqqien, imsoqqi mill-qtajjar fiddiena, li jġelbnu mal-liwi u x-xquq tas-saffi tal-ġebla Maltija.

Ġrajjet niesna, missirijietna tibda minn hawn – mill-art armajn imtektka b'bexxiet melliesa ta' xita manna, mir-ramel dehbien tal-plajja, jikwi b'uġigħ ta' tbatijiet il-ġemgħa, tissara biex tgħix, tgħajjex u tgħammar; mill-ħalel felħana ta' bajjietna miżgħuda bl-alka sewdiena, mergħat saqwija għall-ħut tal-baħar, ħobż għal snienna u daħliet kennija għal ġens wara ieħor, sibbien u ħakkiema li fittxew 'l artna biex jaħkmuna jew jaħbtu għaliha.

U għal dawn il-waqtiet se nistħajjilni l-blat minqux tal-Grotta tal-Madonna. Ħsiebi se jimraħ fl-ewwel żminijiet, ħamest elef sena ilu. Niftakar l-ewwel ċorma titfaċċa fuq ix-xefaq, titbandal qanpiena fuq ċattri magħmula minn zkuk, frieghi u weraq, f'jum ta' difa. Dehru għajjiena, ħosbiena, imma fl-istess ħin ħerqana li ser jibdew ġrajja ġdida. Mill-ħarsa ta' fuq wiċċhom u l-kliem li lissnu, intbaħt li ġew minn Sqallija.

Fi ftit jiem bdew ibiddlu l-ħara Melleħija. Neżżgħu l-imsaġar mis-siġar, wittew l-art maħnuqa bil-ħatab, żergħu l-qamħ u x-xgħir, u bdew ikabbru għelejjel oħra tar-raba'. Magħhom ġabu xi bhejjem bħal mogħoż u nagħaġ u bdew irabbuhom fl-għerien bħal tax-Xemxija u l-Wied tal-Kalkara. Kienu jaħdmu qatigħ, lejl u nhar, sajf u xitwa, b'għodda tal-għuda, l-għadam u l-ġebel bħalma nstabu l-Latnija. Kellhom kwies, bwieqi u ġarar tal-fuħħar, u kienu jiżżejnu b'ġiżirajjen, ċrieket, brazzuletti maħduma mill-elementi tan-natura.

Għadni niftakar l-ewwel darba li lmaħt xebba Melleħija, ġmiel in-nixxiegħa, liebsa ġiżirana magħmula minn bebbux, ċagħak u mħar, tiddandan f'dan l-għar quddiem ċorma tfajliet tamparha. Ma nistax ninsa lil dak il-ġuvni, mibni saffejn, jarmi s-saħħa, imħażżem bi ġlud il-bhejjem u l-qfiel tal-ħuxlief, ikaxkar ħaġra fiha daqsu darbtejn lejn tat-Tomna biex hu wkoll ikun ta sehmu fil-bini tal-maqdes f'ġieħ 'l alla fertili, omm il-ħlejjaq kollha, li għoġobha tagħtih art bil-wisq ħawtiela u baħar kaħlani misbuq b'kull ġid u għana.



Il-baħar min-naħa taċ-Ċagħkija, Għajn Żejtuna

Minn hawn, minn hawn bdiet il-ġrajja ta' dan ir-raħal – mill-għerien bħal tal-Wied tal-Madonna, l-Aħrax, l-Imġiebaħ, Ġnien Ingraw u Għajn Żejtuna fejn għammru l-ewwel fost niesna; mill-għaqbiet bħax-Xagħra ta' Żminka, tat-Tomna u ta' Msid fejn sawru l-eqdem imqades, u minn max-xfar tas-sisien u l-ġnub tal-widien fejn missirijietna difnu l-għeżież tagħhom u ħallew lilna wirt sħiħ biex ngħożżuh u nixtarru fuq x'nistgħu nagħmlu biex inħarsu l-ġejjieni tagħna u ta' wliedna.

## 2. Fid-Dell tal-Imperu

Iż-żmien jgħaddi u 'l ħadd ma jsellem, jgħaddi bla ma jitkellem. Wara ż-żminijiet bikrija ta' Żmien

il-Ħaġar, l-ewwel Melleħin ta' Żmien il-Bronż, daqs tlett elef sena ilu kellhom iħabbtuha ma' nies mill-Italja t'isfel u forsi wkoll minn xi gżejjer lil hinn mill-Greċja.

Dawn kienu popli ġellieda li keddew bis-sħiħ lil tagħna. L-art qallbuha ta' taħt fuq. Ġarrew ħaġar, ġebel u ħamrija tant li ħallew migrufa fil-blat sriebet twal ta' kalati qishom raddi tal-moħriet li ħadd ma jaf bl-eżatt x'kienet id-destinazzjoni tagħhom aħħarija.

Lill-mejtin kienu jaħarquhom minflok jidfnuhom u jiġbru l-irmied tagħhom f'xi qolla jew ġarra. X'aktarx armaw irħajjel imdawra b'sisien għassiesa fix-Xagħra tal-Qargħa, fuq id-Daħar tal-Aħrax u fix-Xagħra tal-Kurunell lejn l-Imġiebaħ.

Wara n-nies ta' Borġ in-Nadur, il-Baħrija u l-Wardija, kif inhuma magħrufa n-nies ta' Żmien il-Bronż, ġew il-Feniċi u l-Puniċi. Ulied ix-xtut tal-Lvant Nofsani kienu baħħara, bejjiegħa u xerrejja. Ġabu lejn xtutna drappijiet mill-ifjen, statwi u statwetti u għadd kbir ta' kull xorta ta' merkanzija. Għallmu lill-Melleħin iħawlu s-siġar taż-żebbuġa u l-ħarruba. Min jaf kemm-il mirkeb tagħhom daħal jistkenn l-Għadira!

Il-Puniċi ma kellhomx itulu wisq. Sabu r-Rumani jiqfulhom u dawn tal-aħħar, fit-Tieni Gwerra Punika ħatfu 'l gżiritna. Lill-Maltin, ir-Rumani sejħulhom barbari, mhux għax kienu bdabad tafux, imma għax kienu jitħaddtu bil-Puniku, ilsien Semitiku, mhux bħalhom bil-Grieg jew il-lingwa Latina.

Lil nieshom kienu jidfnuhom fi dwiemes u oqbra mħaffrin fil-blat bħalma nsibu San Niklaw, l-Imġiebaħ, tar-Rabti, il-Miżieb, l-Aħrax, Selmun u n-Naħlija t'Għajn Tuffieħa. Ir-Rumani kattru s-siġar taż-żebbuġ u bdew jagħsruh għaż-żejt bħal f'San Pawl Milqi u ħada l-Għar u Casa. Ħaffru mġiebaħ ma' xfar il-widien bħall-Imġiebaħ u l-Wied tal-Kalkara biex jiġbru l-għasel tan-naħal. It-tjieba tal-għasel tas-sagħtar saħħrithom. Forsi wkoll sejħu lil dawn l-inħawi *meleha* minn *melea*, kelma Griega b'togħma għaslija, li kien hawn min sostna li l-Mellieħa taf isimha minnha.

Madwar il-Mellieħa, bħal fi mkejjen rurali oħra, is-sinjuri Rumani bnew xi vilel żgħar tal-kampanja, bi knaten rettangulari mdaqqsa u b'art iċċangata. Fl-oqsma tagħhom ħaddmu lil niesna. Għallmuhom iħaffru l-bjar u l-ispejjer fil-blat u jsawru ċ-ċisterni u l-ġwiebi bħal fil-Wied tal-Imġiebaħ u l-Wied tal-Kalkara.

Ir-Rumani stmaw lill-Melleħin u l-Maltin kollha sew, daqslikieku kienu ċittadini tal-Imperu glorjuż. Iġfna maħnuqa b'tagħbijiet u nies kienu jżuruna ta' spiss. Mhux l-ewwel darba li trakka xi ġifen mas-sikka ta' nofs il-Bajja tal-Mellieħa. Ngħidu aħna, fi żmien l-Imperatur Septmu Saverju, madwar is-sena 200 WK, inkalja ġifen mimli affarijiet bħal platti, skutelli, bwieqi u ġarar proprju f'qiegħ is-sikka ewlenija tal-Għadira.

Imbagħad missitu l-istess xorti, li jżurna bla ħsieb, San Pawl. Kif iġibu ismu l-Gżejjer, li lil hinn minnhom jingħad li l-ġifen li fuqu kien qiegħed trakka u ġġarraf; Pawlu ta' Tarsu kellu jidħol għall-irdoss tal-ħġejjeġ fir-Ramla tal-Pwales, jekk mhux ukoll il-Mistra.

Missierna San Pawl seta' żar ukoll xi għar fil-Mellieħa, ngħidu aħna, l-Għar tal-Madonna. Min jaf? Il-leġġenda tgħid li kien San Luqa, sieħeb ir-Rażul fil-vjaġġ lejn Ruma, li pitter ix-xbieha mirakoluża tal-Madonna tal-Mellieħa. L-affresk biss jaf il-verità u s'issa żammha mistura.

Ġara x'ġara, il-Melleħin Puniċi kienu fost l-ewwel Maltin li għexu l-miġja tal-Appostlu. Dawn l-għerien kienu fost l-ewwel imkejjen li semgħu l-bxara t-tajba u laqgħu b'ħeġġa u ħrara l-fidi Nisranija.

Waqt li l-Imperu Ruman kien qed jixxaqqaq, jiġġarraf u jitherra, il-ġemgħa Melleħija kienet qed titkebbes fi twemminha. Ix-xrara li qabbad Pawlu mill-ħuġġieġa fuq ir-ramla kibret fi lsien tan-nar. Fi ftit żmien il-fjamma kienet se titħeġġeġ f'nirien ta' mħabba u emmna.

*Il-proża poetika fuq l-istorja tal-Mellieħa tissokta f'ħarġa oħra.*



Għanqud ħarrub f'siġra tal-ħarrub, Selmun



Il-Gżejjer ta' San Pawl

Central
SHOE STORE
68, Borġ Olivier Street
Mellieħa
Tel: 21 523530

GIUSEPPI'S
WINE BAR
26/27, St. Helen Str., Mellieħa
Tel: 21 574882 / 9949 3579

Design & Decor
202 - Main Street,
Mellieħa - MLH 03
Tel: 21 523269
For a wide variety of Gifts,
Candles, Lamps,
Picture frames,
Occasional furniture
& Curtain rails.

SPORTS
EXPERIENCE
Trophies & Awards
Pitkali Road, Attard
Tel:
(00356) 21 438877
Fax:
(00356) 21 438876
Email:
sportexp@maltanet.net

# Banda Ġermaniża fil-Mellieħa

Kunċert mill-'Youth Wind Orchestra' minn Zwickau ġewwa l-Ġermanja bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Mużikali Imperial u Kunsill Lokali tal-Mellieħa nhar il-Ġimgħa 15 ta' Ġunju 2012 fil-Pjazza tal-Parroċċa.







# Qassis, li ħafna ħabbew

Sammy Borg

Kien it-Tnejn 9 ta' Lulju meta ħafna Melleħin tnikktu, meta semgħu l-Qniepen tal-Knisja Parrokkjali b'dawk in-noti kiebja jħabbru li Qassis kien miet. Kulħadd baqa' mibluh Dun Nazzaren ħalliena, mar id-Dar tal-Missier tas-Sema. Jien bħal ħafna oħrajn tnikkitt, tlift ħabib u Saċerdot, li ħdimt ħafna miegħu speċjalment fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ħsibt għalhekk li f'dan il-fuljett inġib id-diskors li kont għamilt fil-11 ta' Jannar 1986 fil-Knisja Parrokkjali fejn kienet saret lejla Mużika Letterarja biex ingħata ġieħ u ringrazzjament lil Mons. Ġużeppi Schembri u Dun Nazzaren, li kienu spiċċaw is-servizz tagħhom fil-Mellieħa.

## Minn fostkom Għalikom

Għeżież Rev, Monsinjur, Kappillani, Saċerdoti Reliġjużi u Poplu. Insellmilkom.

Se nibda dan il-messaġġ tiegħi bil-kliem sabiħ ta' Ġesù, is-Saċerdot il-Kbir, mill-vanġelu ta' San Mattew, meta qal "Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom u jagħtu glorja lil Missiekom li hu fis-smewwiet."

U dan eżattament li ġabna hawn il-lejla biex flimkien bl-għemejjel tajba li għamiltu f'dawn is-snin kollha li ħdimtu fostna nagħtu qima u glorja lil Missier tagħna u nitolbu għalikom.

Intom ġejtu magħżula minn fost il-Poplu t'Alla biex taqduh wieħed bħala Kappillan u l-ieħor bħala saċerdot. Għandna x-xorti wkoll li dan is-saċerdot li l-lejla ġejna nagħtu din it-tislima ġie magħżul minn fostna l-Melleħin. Ġie magħżul minn fostna biex ikun għalina. Ġie mogħti lilna minn familja li bħal ħafna oħra Melleħin kellha l-problemi tagħha, familja numeruża, il-missier kien jaqla' x'jiekol il-ġurnata tax-xogħol, u ħafna minn fost ħutu kellhom iħallu din l-art biex marru jaħdmu u jgħixu f'artijiet oħra.

Ġie magħżul minn fostna, mhux għax kien kbir, jew ta' pożizzjoni tajba, imma għax kien umli, jitlob, jgħix ħajja sempliċi, imrobbi fl-imħabba t'Alla u ħabib ta' ħafna u hawn ta' min isemmi l-kliem ta' San Pawl lill-Korintin, "Alla għażel id-dgħajfa tad-dinja biex iħawwad il-qawwija."

Wara li ġie magħżul minn fostna, il-Providenza t'Alla riedet li għal dawn l-aħħar tnax-il sena jiġi mogħti lilna biex jaħdem hawn fostna.

Hu ġie fostna bħalma l-Evanġelista qal għal Ġesù, "Ma ġiex biex ikun moqdi iżda biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra." Dan li kellu quddiemu Dun Nazzaren meta beda l-ħidma tiegħu hawn fostna. Fostna ħadem bħala Viċi Kappillan u dan ix-xogħol għamlu bl-ikbar dedikazzjoni u f'ħidma kontinwa mal-Kappillan. Il-Konċilju dwar din il-għaqda jgħid hekk, "Għalhekk bejn il-Kappillan u l-Viċi tiegħu għandu jkun hemm relazzjonijiet t'aħwa, karità ma' xulxin u rispett reċiproku. Kappillan u Viċi jwieżnu lil xulxin bil-pariri, bl-għajnuna u bl-eżempju u flimkien jagħmlu x-xogħol fil-Parroċċa għalenija fil-fehma u bil-ħeġġa tagħhom."



Id-Djaknu Dun Joe Caruana, illum Kappillan qed jippreżenta rigal lil Dun Nazzaren hekk kif spiċċa l-ħidma tiegħu bħala Viċi Kappillan fil-Mellieħa – Diċembru 1985

Din il-kwotazzjoni żgur li applikat għall-ħidma ta' Dun Nazzaren mal-Kappillan u bħala Viċi fil-Parroċċa.

Iż-żminijiet tal-lum jitolbu li s-Saċerdot jgħix mal-Poplu, jgħix mal-familja kollha tal-bnedmin li hu wkoll ħareġ minnha, f'għaqda sħiħa mal-knisja jagħti xhieda tal-verità, jaħdem biex isalva u mhux biex jikkundanna, li jħobb aktar milli jistenna li jkun maħbub u li jwassal il-Kelma t'Alla u l-grazzja tas-Sagramenti lil ħutu l-bnedmin, speċjalment lil dawk li jkun jaħdem fosthom.

Is-Saċerdot jista' jilħaq din il-ħidma mill-Knisja fejn il-fidili jiġu biex jisimgħu l-Kelma t'Alla u l-ispjegazzjoni tagħha għall-ħajja ta' kuljum. Is-Saċerdot iħabbibhom m'Alla permezz tal-qrar u jagħmilhom ħaġa waħda permezz tal-Ewkaristija. Din il-ħidma Dun Nazzaren wettaqha f'dan it-tempju fejn ħafna minna u oħrajn li telqu qabilna ġew u semgħuh u ħadu sehem miegħu fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa.

Barra dawk li setgħu jiġu f'dan it-Tempju kien hemm oħrajn li minħabba l-inkapaċità tagħhom jew il-mard, ma setgħux jiġu, iżda dan is-Saċerdot sibnieh idur mar-Raħal tagħna u ta' kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar kien iżur numru kbir sewwa minnhom. Kien iwasslilhom lil Ġesù Ewkaristija u jgħidilhom kelma ta' faraġ.

Dun Nazzaren ħadem ukoll fil-ħidma pastorali ta' tagħlim u formazzjoni ta' tfal u żgħażagħ, anzi din kellha tkun l-ikbar ħidma tiegħu fostna. Fil-bidu tal-ħidma tiegħu kellu jiffaċċja problema li kienet qiegħda tkidd ħafna lil dawk li kellhom għal qalbhom il-pastorali u t-tagħlim tat-tfal u żgħażagħ. Din kienet il-post addattat fejn tlaqqagħhom u torganizzahom. Il-post li kif jgħallem il-Konċilju, li għandu jkun l-estensjoni tal-Knisja. Dan il-lokal tfaċċa quddiemna f'Ġunju tas-sena elf disa' mija u sitta u sebgħin meta nxtrat id-dar li llum huwa ċ-Ċentru Parrokkjali. Bil-ħidma u għajnuna u tant sagriffiċċji flimkien mal-Kappillan Dun Ġużepp Schembri, Dun Mosè Debono u Dun Nazzaren stajna naraw din il-ħolma sseħħ.

Dun Nazzaren fehem u ħadem biex il-Parroċċa jkollha post li jilqa' fih il-familja kollha u għalhekk flimkien mad-direzzjoni taċ-Ċentru ħasbu biex f'dan il-post isir xogħol ta' kostruzzjoni li kważi nbena mill-ġdid. Ħadem biex ikun mgħammar b'kollox, xejn lussu. Iżda dak kollu li hu meħtieġ għandek issibu. Biex seta' sar dan ix-xogħol kollu saru ħafna sagrifiċċji, spejjeż u enerġija. Imma kif nistgħu naraw illum dawn l-isforżi ma kenux ta' xejn għax b'dan il-post il-Parroċċa ħadet ħajja oħra.

Dun Nazzaren fiċ-Ċentru kompla jaħdem f'ħidma qaddisa bħal dik li saħħaħ sewwa l-ewwel tagħlim li jingħata liċ-ċkejknin bħala tħejjija xierqa għall-ewwel Tqarbina u għall-Griżma tal-Isqof. Bil-għaqal u bl-eżempju tiegħu sab lil min jgħinu. Irnexxilu jiġbor miegħu u jifforma grupp Kateketiku li jistħoqqlu kull ammirazzjoni.

Il-ħidma ta' dan is-Saċerdot estendiet ruħha fil-ħidma fost iż-żgħażagħ. Kif nafu fiż-żminijiet tal-lum li taħdem fost iż-żgħażagħ mhux faċli. Iżda meta s-Saċerdot bl-għajnuna tal-Id Moħbija jirnexxilu jdaħħal lil Kristu fost iż-żgħażagħ, kull forza materjalista bħal tgħib u tisparixxi.

Dawn huma fatti għax iż-żgħażagħ fiċ-Ċentru joffru ħafna servizz li jestendi u jinfirex mal-Parroċċa u hawn donnha toħroġ waħedha li ma jistax ikollok Parroċċa ħajja jekk ma jkollokx Ċentru ħaj u organizzat li minn ġo fih il-membri kollha tal-Parroċċa jistgħu jikbru fit-tagħlim u l-formazzjoni u jiffurmaw karattri nsara u ċittadini serji. Għax x'jiswa li jkollok raħal jew belt sabiha mdawra b'dak kollu li tista' toffri n-natura, djar sbieħ u toroq sbieħ, jekk in-nies li jkunu joqogħdu m'għandhomx rispett lejn xulxin, nieqsa mill-imħabba u tolleranza.

F'dawn l-aħħar ġimgħat il-Mellieħa messietha x-xorti li għat-tielet darba wieħed minn uliedha s-Saċerdoti jiġi maħtur Kappillan. Kulħadd inħasad u ħass għal din il-firda minn wieħed mir-rgħajja Spiritwali li kellu.

F'Dun Nazzaren rajna sseħħ sottomissjoni u ubbidjenza lejn il-Missier Spiritwali tiegħu l-Arċisqof li għażlu biex ikun Kappillan fil-Parroċċa ta' Ħal Kirkop. Għax kif jgħallem il-Konċilju



**Dun Nazzaren waqt quddiesa quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali f'għeluq il-25 sena mill-ftuħ uffiċjali – 18 ta' Ġunju 2002**

s-saċerdot għandu jfittex li jagħti s-sehem tiegħu fil-ħidma Pastorali tad-djoċesi kollha anzi tal-Knisja kollha.

U hawnhekk nixtieq ngħid kelma lil dawk il-lajċi li għandhom għal qalbhom il-valuri nsara biex nitgħallmu nkunu bħal dan is-Saċerdot li għaraf fis-skiet u mingħajr ħafna storbju, il-valuri tat-tagħlim u formazzjoni fost it-tfal u ż-żgħażagħ.

Biex is-sehem tagħna jikber f'din il-ħidma speċjalment meta naraw in-nuqqas ta' vokazzjonijiet jikber.  Is-siewi tal-ħidma tagħna jidher fid-digriet tal-Konċilju dwar l-Appostolat tal-Lajċi meta qal, "li l-lajċi, għaliex għandhom sehem mill-uffiċċju ta' Kristu saċerdot u Re, għandhom sehem attiv tagħhom fil-ħajja u l-ħidma tal-Knisja.  Fi ħdan il-komunitajiet tal-knisja il-ħidma tagħhom hija hekk meħtieġa li mingħajrha l-appostolat tar-rgħajja nnifsu ħafna drabi ma jistax jilħaq l-effett sħiħ tiegħu."

Nistieden iż-żgħażagħ biex iwieġbu għas-sejħa t'Alla u jiddedikaw ħajjithom għat-tagħlim u tixrid tal-kelma t'Alla.

Jien ċert li Dun Nazzaren ma setax jagħmel dan ix-xogħol kollu mingħajr l-Id il-Leminija t'Alla li dejjem kienet miegħu u l-għajnuna t'Ommna Marija.  Żgur ukoll li Dun Nazzaren sab mill-Kappillan  il-veru ħabib, sab fih Missier li għenu biex ikabbar dak kollu li wettaq fostna.

Jien nawguralkom u nifirħilkom f'isem il-Poplu tal-Mellieħa għall-ħatriet ġodda li ġejtu mogħtija, nixtiqilkom kull suċċess fil-ħidma pastorali li se twettqu fil-Parroċċi li ġew afdati lilkom.  Jien nirringrazzjakom tax-xogħol anke moħbi li wettaqtu fostna l-Melleħin u llum tistgħu tgħidu mal-Appostlu Missierna San Pawl "Ħdimna u għexna imma mhux aħna iżda Kristu li għex u ħadem fina."

*Il-President u l-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Imperial jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*

CLD
Caruana Light Decorations
Mob: 7994 1401




Tower Ladder Services
Elton Cauchi (Baliena)
Mobile: 9984 4678

# Il-Parroċċa tal-Mellieħa maż-Żmien



**Clifford Galea**
**EMAS, Dip.LCM, B.A (Hons) History, PGCE, M.A Baroque Studies**

Ħafna jitkellmu dwar l-oriġini ta' ħaġa jew oħra. Ovvjament il-parroċċa tar-raħal hija l-aktar ħaġa għażiża għall-poplu, jerġa' dari aktar mil-lum. Illum il-ġurnata nħossni parti mill-Melleħin, apparti kollox għandi residenza hawn u qed nagħmel ħafna ħbieb. Ma nistax ngħid li ma laqgħunix l-għeżież Melleħin, tant li sirt familjari ma' ħafna minnkom u ta' dan jien grat lejkom.

Lura fl-1436 meta l-Isqof Senatore de Mello semma l-għaxar parroċċi tal-kampanja, il-Mellieħa kienet waħda minnhom. Għalhekk f'dan is-Santwarju twaqqfet il-paroċċa tal-Mellieħa li kellha t-truf tagħha sal-Mosta. F'dawk iż-żminijiet il-gżejjer Maltin kienu ta' sikwit jiġu attakkati mill-pirati ta' Barbarija u mit-Torok. Il-Mellieħa messha sehemha wkoll minn dan il-flaġell. Fl-1551 sar attakk kbir minn xi għaxart elef Tork fuq il-gżira tagħna, taħt it-tmexxija ta' Dragut, u l-Mellieħa ġiet attakkata wkoll. Dawk il-Melleħin li rnexxielhom jaħarbu minn dan il-madmad, kollha ħarbu lejn l-Imdina u f'postijiet oħra wara s-swar.

Wara dan il-ħbit, il-Mellieħa ġiet imneħħija minn parroċċa u bdiet tagħmel man-Naxxar, peress li l-abitanti kollha Melleħin kienu telqu mill-Mellieħa u marru joqogħdu f'postijiet oħra għall-kenn.

Fl-1565 wasal l-Assedju l-Kbir, u l-Maltin kollha ħtiġilhom jieħdu kenn fil-Birgu, l-Isla u l-Imdina. It-Torok ukoll inġabru madwar dawn il-fortizzi u għalhekk Don Garcia de Toledo seta' nhar is-7 ta' Settembru, jiżbarka l-qawwiet ta' għajnuna li ġab minn Sqallija, l-hekk imsejjaħ "grande soccorso". Don Garcia żar ukoll dan is-Santwarju.

Wara li għadda l-Assedju l-Kbir u beda jgħaddi ż-żmien, in-nies reġgħu bdew jinżlu joqogħdu fil-Mellieħa. Fl-1584 dan is-Santwarju beda jieħu ħsiebu Patri Agostinjan biex iwaqqfu f'kunvent tal-Ordni tiegħu. Bit-tħabrik ta' dan l-imsemmi reliġjuż u l-patrijiet sħabu, is-Santwarju ġie 'l quddiem ħafna, u ma kinitx nieqsa d-devozzjoni tal-fidili lejh. B'danakollu fl-1587, is-Santwarju ġie issa fdat f'idejn is-saċerdot Dun Bennard Cassar, u fl-1603 Dun Bennard ġie maħtur Rettur.

Fl-1614 reġa' sar ħbit ieħor mill-furbani, u l-Mellieħa ġiet attakkata bl-aħrax. Minkejja l-qlubija tal-bdiewa Melleħin immexxija mir-Rettur li offrew reżistenza qawwija, it-Torok irnexxielhom jidħlu fis-Santwarju, fejn għamlu ħsara lix-xbieha mirakoluża.

Jingħad li hawn ġrat ħaġa tal-għaġeb. Wieħed Tork, li ħabat bis-sejf għax-xbieha tal-Madonna, intlaqat minn marda qalila. Meta reġa' lura f'artu u ntebaħ li l-marda kienet kastig, talab u qala' l-maħfra, u l-fejqan, u b'turija ta' ħajr, bagħat ħafna xemgħa lill-Madonna tal-Mellieħa. Dan irrapurtah l-Isqof Balaguer fil-viżita pastorali tiegħu.

Ftit wara li sar dan il-ħbit mit-Torok, bi tpattija, il-Gran Mastru Alof de Wignacourt min-naħa tiegħu personali beda jmur iżur dan is-Santwarju Mellieħi kull nhar ta' Sibt. Minn hawn il-qima lejn dan is-Santwarju bdiet tikber, u fl-1669 f'din il-knisja ġiet iffurmata l-Konfraternità tar-Rużarju, u l-grazzji bdew jinqalgħu ta' spiss.

Fl-1688 is-Santwarju twaqqaf f'benefiċjali. L-ewwel benefiċjat kien it-twajjeb Dun Ġan Pawl Bartolo, li nħatar fl-1690. Imbagħad, fl-istess sena, ċertu Sqalli, Mario De Vasi, neguzjant tal-inbid minn Sirakuża, kabbar u żejjen il-knisja, għamel l-istatwa li hemm fil-kripta t'isfel, kif ukoll bena dar għar-rettur u kmamar fejn jistrieħu l-pellegrini. Fl-1747 dan is-Santwarju reġa' ġie mkabbar.

Fl-1844, fi żmien l-Isqof Caruana, il-Mellieħa reġgħet saret parroċċa, bil-bolla tal-Papa Girgor XVI, minkejja li l-Parroċċa tan-Naxxar irreżistiet għal din id-deċiżjoni tal-Isqof ta' dak iż-żmien. L-ewwel Kappillan kien Dun Pawl Le Brun. B'hekk il-parroċċa Melleħija reġgħet issaħħet u llum il-ġurnata hija popolari ħafna anke mal-Knisja Maltija tant li meta jkollna viżti Papali, mill-ewwel tkun inkluża fil-lista ta' viżti li jsiru, minħabba d-devozzjoni li l-parroċċa Melleħija għandha. Jien nieqaf hawn billi nawgura minn qalbi lilkom ilkoll il-festa t-tajba mimlija mħabba u ġid ad unur il-padruna tagħna Marija Bambina. Awguri!

# Attard Skip Hire

## Skip Hire & Hiab Service

**John Attard**



Mellieħa

**Ġbir ta' Karozzi Skrappjati**

Mobile: 99460397 • 99820454

# J & G Discount

Detergent Shop

Triq it-Tgħam, Il-Mellieħa
Tel: 21522658
Mob: 79057948

**Opening Hours**

Mon-Fri:
8:30 – 1:00
4:00 – 7.30
Sat: 8.30 – 2:00

***Free Delivery***



**beautymood**
hair • beauty salon

27, St. Helen Street, Mellieha
T: 2152 3514 | 7932 8666
facebook.com/BeautyMoodHairBeautySalon

open hrs.
Mon. - 9.00-14.00
Tue. - Sat. - 9.00 - 18.00

We moved to new premises further down the road



# V. Debono

*Ironmongery*

Colour Tinting
and
Hardware Store

Tel: 21523892

**No.8,
Triq l-Għoljiet,
il-Mellieħa**



# Marċi Brijużi 2012/2013




| | | |
|---|---|---|
| The Golden Anniversary Sam and Tessie Vella | A. Borg | 6.43 |
| Olyton | P. Schembri | 3.59 |
| Blue Lagoon | J. Mamo | 6.12 |
| Expressions of Aragon | J. N. Sammut | 4.37 |
| 28th March 1928 | C. Muscat | 5.46 |
| Stephanie, Krista u Jeremy | J. Cini | 4.41 |
| Francesca | D. Quattromani | 5.44 |
| Kaburi | A. Farrugia | 6.20 |
| Kelly | J. J. Pace | 7.02 |
| 21th September 1930 | N. N. | 2.47 |
| Ta' L-Iljun | J. Mamo / J. Mamo | 6.06 |
| Lill-Banda Imperial | K. Scerri / A. Sammut | 1.33 |



# Viva San Fermin

Jos. F. Cachia

Tista' ssejħilha bluha! Tista' tgħidilha ġenn! Hemm min jaraha bħala test ta' saħħa, jew test tal-qlubija kif ukoll li tkattar il-virilità. Oħrajn isemmu siwi terapewtiku! Ħudha kif trid! Jibqa' l-fatt li l-ġirja tal-barrin ta' San Fermin tat fama dinjija lill-belt ta' Pamplona, f'Navarra, Spanja, l-iktar f'dawn l-aħħar snin tal-użu tal-internet!



L-istatwa ta' San Fermin ħierġa mill-knisja għall-Purċissjoni f'Pamplona

Lebsin qomos u qliezet twal bojod silġ, b'maktur aħmar daqs id-demm, imdawwar ma' għonqhom, żgħażagħ u oħrajn mhux daqstant żgħażagħ Spanjoli, jew minn artijiet oħrajn, jiġru l-ġirja mal-barrin matul it-toroq ta' din il-belt. Ġirja li għalkemm f'dak li hu tul hija iqsar minn kilometru u bħala ħin tieħu biss xi tliet minuti, fiha bosta perikli u tassew hi test ta' kuraġġ jew ġenn, skont kif taraha.

San Fermin, skont leġġendi medjevali, kien iben gvernatur Ruman ta' Pamplona, illi wara li sar nisrani telaq lejn Franza biex ixerred il-fidi tiegħu. Hemm żewġ verżjonijiet dwar il-martirju tiegħu. L-ewwel waħda hi li qatgħulu rasu f'Amiens, Franza, l-oħra hi li miet marbut imkaxkar mat-toroq ta' Pamplona. Ħadd ma jaf sew meta ntagħżel bħala qaddis patrun ta' Pamplona, jew għaliex il-festa tiegħu tiġi ċċelebrata fis-sebgħa ta' Lulju. Li hu żgur hu li mis-sena 1591, ilha ssir purcissjoni solenni bl-istatwa tiegħu madwar il-belt. L-istatwa toħroġ fl-għaxra ta' filgħodu. Hija tal-injam, għandha mill-15-il seklu u turi qaddis b'wiċċ samrani, għalkemm l-ebda Spanjol ma jgħidlek "b'wiċċ iswed!"

Il-belt ta' Pamplona magħrufa wkoll bħala "Irunja" bl-ilsien Bask, bħal bosta bliet oħrajn fi Spanja, taf isimha lil xi mexxej Ruman famuż. F'dan il-każ lill-ġeneral kbir Pompei. Peress li kienet il-kapitali tar-renju medjevali ta' Navarra, fiha ċittadella mdawra bis-swar però llum hi belt moderna, b'ħafna bini għoli, ġonna u sistema ta' trasport mill-aqwa. Tinsab ukoll fil-famuż Camino de Santiago. Fil-katidral gotiku hemm midfunin ir-Re Karlu III u r-Reġina Leonora, eks-slaten ta' Navarra. Hemm ukoll xi binjiet oħrajn ta' siwi arkeoloġiku jew storiku, però l-iktar inħawi magħrufa x'aktarx huma l-Plaza de Santo Domingo u l-Plaza de Toros, xi disa' mitt metru 'il bogħod minnha.

Dan għaliex kull sena, għal tmint ijiem sħah, bejn is-sebgħa u l-erbatax ta' Lulju, issir il-ġirja tal-barrin bejn dawn iż-żewġ *plazas*. Kmieni fis-sebgħa neqsin kwart ta' filgħodu jibdew idoqqu diversi baned iduru madwar Pamplona, iqajmu lil min ikun għadu rieqed, bid-daqq tal-marċi tagħhom. Ma tantx issib min ikun għadu ma fetaħx għajnejh għaliex bosta jkunu dawk li diġà ħarġu fit-toroq, jew f'xi gallerija sabiex jaraw aħjar (u bla periklu) x'ser jiġri lil dawk il-bravi (jew imġienen) li jisfidaw lill-barrin.

Dawn il-*mozos* ikunu jew mil-lokal stess, jew minn bliet jew irħula oħrajn Spanjoli. Iżda jkun hemm mijiet oħrajn minn għexieren t'artijiet minn kull kontinent. Bosta huma dawk li ma jsibux fejn jorqdu taħt saqaf, u jgħaddu ljieli sħah "reqdin" fuq bankini, fit-toroq, fil-ġonna, jew fl-"ibliet" tat-tined li jinbtu sa mill-ewwel jiem ta' Lulju. Iltqajt ma' Maltin li qattgħu ljieli hekk f'Pamplona!

Tarahom ġuvintur Skandinavi, b'ġilda bajdanija u xagħarhom ġinġell jitħalltu ma' Sud Amerikani somor. Ġappuniżi, mgħobbijin kameras jiddiskutu Sanfermines (kif inhi magħrufa wkoll il-festa) ma' studenti minn universitajiet Amerikani. Il-"borma umana" tkun waħda mħawda sew, kemm fl-*encierro* (ġirja mat-*toros*), kif ukoll fil-ħafna attivitajiet oħrajn li jsiru matul it-tmint ijiem tal-festa. Mimlijin bil-kuraġġ, u ħafna minnhom mifqugħin bl-alkoħol, u/jew drogi, jitilqu quddiem il-barrin,wara li jinfetħu l-bibien tal-*corallinos*, iżda ma jafux x'jistennew matul it-triq,

Min ikun xortih tajba jiġri t-tmien mitt metru

mingħajr xkiel u jerġa' jagħmilha għal iktar minn darba. Oħrajn, jew għax jiżolqu, jew għax jaqgħu fuq oħrajn li jkunu żelqu, jew għax il-barrin jiġru wisq iktar minnhom, jispiċċaw feruti mill-qrun jew is-saqajn tat-*toros*. Mhux l-ewwel darba li kien hemm min ħalla ħajtu!



Waqt il-ġirja mal-barrin

L-*encierro* jibda mill-Corallinos de Santo Domingo mnejn ikunu ġew imwassla l-barrin minn dawk li jrabbuhom apposta u tintemm fil-Plaza de Toros, fejn jinżammu magħluqa sa iktar tard wara nofs in-nhar biex jiġġieldu fil-*corrida*. Kull jum jintelqu barrin minn *ranches* differenti. Sitt *toros bravos* (tal-ġlied) u sitt *toros mansos* jiġu mitluqa ġol-Plaza de Santo Domingo, u jibdew ġirja sfrenata 'l quddiem. Jiltaqgħu mal-*mozos*, (kif jissejħu dawk li jiġru) u jtajru lil kulmin isibu fin-nofs. Sakemm ma jinfirdux mill-bqija tal-"merħla" ma jattakkaw lil ħadd iżda jekk xi wieħed jinfired mill-bqija allura jibda juża l-qrun ippuntati tiegħu. Min jaqa' jaf li jekk jibqa' wiċċu 'l isfel u ma jiċċaqlaqx mhux ser ibati wisq. Jistenna lil xi ħadd jiġbed l-attenzjoni tat-*toro* lil hinn minn fuqu. Id-devoti jemmnu li San Fermin ikun ġie u salvah!

Suppost li hemm ħafna regoli stretti biex ma jweġġgħux nies. In-nisa u t-tfal ma jitħallewx jiġru, imma jkollhom jaraw kollox minn xi gallerija jew fuq xi bejt, u li biex jitilgħu hemm ikunu ħallsu mhux ftit! Ħadd ma jista' jmiss jew jittanta lit-*toros* waqt il-ġirja, għax b'hekk jista' jiġbed lit-*toro* għal fuq ħaddieħor. L-istess jekk barri jaqbeż lil xi ħadd, din il-persuna mhux suppost li jiġri wara l-barri. Iżda peress li mhux wieħed jew tnejn ikunu mimlijin bl-alkoħol jew bid-droga isiru ħafna abbużi. Kuljum tara l-ambulanzi jġorru lill-feruti lejn xi sptar, għalkemm din is-sena, 2012, weġġgħu 4 biss gravi u xi 32 oħra ngħataw kura ħafifa!

Il-ġirja tibda bl-isparar ta' murtalett *rocke*t li jħabbar illi t-*toros* ikunu bdew jinħarġu fil-*plaza*. Il-ħoss tat-tieni murtalett ifisser li l-barrin u t-*toros* kollha jkunu jiġru mat-toroq ta' Pamplona. Interessanti l-fatt li ċertu Etxebarri, dak li beda din id-drawwa tal-isparar tal-murtalett fl-1931, ġie ffuċillat



It-toros jibqgħu għaddejjin

mal-bidu tal-Gwerra Ċivili Spanjola, fl-1936. Mal-wasla tagħhom fil-Plaza de Toros f'inqas minn tliet minuti wara l-ewwel murtal, jiġi sparat ieħor biex jgħarraf lil kulħadd li ma fadalx *toros* fit-toroq. Din is-sena l-awtoritajiet ħabbru li l-*encierro* kienet ħadet inqas ħin, (2 minuti u 23 sekonda nhar it-Tlieta 10 ta' Lulju 2012) meta tqisha ma' tal-aħħar snin!

Malli t-*toros* jingħalqu fl-istalel tagħhom tinfetaħ xatba oħra, u fl-arena jiġu mitluqa għadd ta' baqar fejn isibu żgħażagħ li jittantaw iwaqqfuhom billi jinġemgħu fi gruppi kbar. Oħrajn jaqbżu minn fuqhom u jkun hemm diversi logħob mal-mewt. Saret moda llum ukoll li wara l-*encierro*, it-tfal ikollhom min jilbes ta' *toro* ħalli huma wkoll jduqu l-gost (jew ġenn) ta' Sanfermines.

Wara nofs in-nhar issir il-*corrida* fejn il-*matadors* joqtlu lit-*toros* li jkunu ħadu sehem fil-ġirja. Min jifhem jgħidlek li t-*toros* ikunu ġew affetwati mill-ġirja u li ma jiġġildux daqs *toros bravos* oħrajn fi bliet oħra ta' Spanja. Mhux l-ewwel darba li *matadors* ta' fama ġew ibbuwjati! Dawk li huma kontra l-*corrida* ġieli għamlu protesti qawwija fl-arena u fit-toroq!

L-*encierro* jista' jkun li hi l-iktar ħaġa li tiġbed mijiet t'eluf lejn Pamplona, imma San Fermin mhux *toros* biss. Hija festa li tibqa' għaddejja lejl u nhar. Il-konsum tal-inbid, birra u alkoħol (u drogi), jiżdied sew. Tara kjuwijiet jinġabru mal-bibien tal-ħwienet, bars u kull fejn jinbiegħ ikel, tradizzjonali jew mhux.



Il-maskaruni msejħin Ġganti qabel il-Festa ta' San Fermin

Baned iduru jdoqqu mat-toroq. Kull min jaf idoqq xi strument jagħti sehmu u bosta jiżfnu mar-ritmi ta' kull tip ta' mużika. Maskaruni m'ogħla sular, jduru u jittantaw ix-xemx għaddejja. Mill-galleriji jinxteħtu bramel sħaħ ta' ilma fuq il-miġemgħa. Fil-pjazez isiru wkoll kompetizzjonijet ta' sports tradizzjonali Bask. Ma rridx ninsa nsemmi li l-kriminalità u l-abbużi jiżdiedu sew ukoll, u hawn ta' min ifaħħar ix-xogħol siewi tal-Pulizija, u tal-Guardia Civil biex jgħinu fiż-żamma tal-ordni. Il-kenniesa wkoll ikollhom jitħabtu biex inaddfu u ġieli jkollhom jużaw il-forza biex ineħħu minn nofs, nies reqdin jew fis-sakra.

Imma bħal kull festa oħra, iddum kemm iddum, fl-aħħar jasal it-tmiem. F'nofs il-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Lulju ssir purċissjoni *aux flambeaux*, li fiha jieħdu sehem eluf kbar ta' nies. Is-sindku ta' Pamplona jiddikkjara l-għeluq tal-festa ta' dik is-sena u jistieden lil kulħadd għall-festa tas-sena ta' wara.



Il-folol ikantaw l-innu Pobre De Mi f'għeluq il-festa

In-nies ikantaw l-Innu ta' Sanfermines (magħruf wkoll bħala Pobre De Mi li tfisser "Imsejken Jien"), u kulħadd jibda jaħseb biex imur lura lejn daru, kemm jekk hi biss kantuniera 'l bogħod mill-Plaza Consistorial, kif ukoll jekk tinsab eluf ta' kilometri 'l bogħod. Jibqa' biss it-tifkira li ma tmut qatt ta' San Fermines u t-tama li xi darba terġa' tmur Pamplona.

Il-kittieb famuż Amerikan, Ernest Hemingway, fil-ktieb tiegħu "The Sun Also Rises" tal-1926, ta fama dinjija lil San Fermines, mar għal disa' drabi bejn l-1923 u l-1959, minkejja li darba minnhom, kien ġie ferut f'riġlejh waqt l-*encierro*.

**Referenzi**

Mitchener J.A., (1968), *Iberia*. New York: Random House Incorporation.
Simones D. Et al., (2003), *Spain*. Victoria: Lonely Planet Publications.
Inman N., (2003), *Spain*. London: Dorling Kindersley Ltd.
Għejun oħra ta' materjal siewi kienu l-*websites*: www sanfermin.com, u www.rtvesanfermines2012.es, u l-istazzjon televisiv Bask ETB.



# Il-Kwadru tat-twelid tal-Madonna fil-Knisja ta' San Publiju Floriana



Mario Fenech

Wieħed mill-kwadri li hemm fil-Knisja Arċipretali ta' San Publiju fil-Floriana huwa dak li ħafna nies jirreferu għalih bħala l-Kwadru ta' Sant'Anna.

Dan il-kwadru huwa xogħol tal-artist Antonio Zammit li kien twieled f'Bormla fis-sena 1830 u miet nhar is-7 t' April 1864. Tgħallem l-arti għand l-artist magħruf Tumas Madiona u għalkemm miet ta' età żgħira huwa kien laħaq għamel ħafna xogħlijiet f'numru ta' knejjes.



Fost dawn il-knejjes hemm il-Kolleġġjata ta' San Lawrenz fil-Birgu, il-Kolleġġjata tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Bormla, il-Knisja Parrokkjali ta' San Bartilmew f'Ħal Għargħur, il-Katidral tal-Imdina, il-Bażilika ta' Marija Bambina fl-Isla, il-Knisja Arċipretali ta' Santa Marija fiż-Żebbuġ Għawdex u l-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt fost oħrajn.

Il-kwadru li għażilt għal dan l-artiklu huwa l-uniku xogħol ta' dan l-artist li hemm fil-Knisja tal-Floriana, u fih l-artist jagħtina xena sabiħa ta' qdusija u ġabra.

Dan irnexxielu jagħmlu permezz ta' dija li tidher ħierġa minn sħab fil-parti ta' fuq tat-tila. Is-sħab abjad jagħtina l-ħsieb tal-Ġenna filwaqt li d-dija hija l-Barka tat-Trinità Qaddisa nieżla għal fuq il-figura ta' Sant'Anna.

Il-qaddisa narawha bilqegħda fuq tron sempliċi filwaqt li qegħda żżomm lil Marija Bambina f'ħoġorha.

Fuq in-naħa tax-xellug tal-kwadru l-artist pinġa l-figura ta' San Ġwakkin għarkupptejh fl-art b'rasu baxxuta qiegħed jammira din il-Ħlejqa Divina, filwaqt li mara twajba qegħda fuq in-naħa l-oħra tat-tila wkoll għarkupptejha qegħda żżomm il-faxex f'idejha għal-lest biex it-tarbija titpoġġa fil-fisqija.

Fil-parti ta' fuq tal-kwadru sitt anġli, tlieta fuq kull naħa tad-dija, qegħdin josservaw din ix-xena sabiħa.

L-anġli tan-naħa tax-xellug jidhru qegħdin iferrxu petali ta' ward 'l isfel filwaqt li f'idejn l-anġli li hemm fuq in-naħa l-oħra tat-tila, l-artist pinġa stillarju bi tnax-il stilla mdawra miegħu f'idejn anġlu u ġilju sabiħ f'idejn anġlu ieħor.

Dawn huma żewġ simboli importanti li dejjem narawhom fi kwadri u fuq statwi tal-Madonna. Dawn iż-żewġ simboli jirrappreżentaw is-safa tal-Qalb Bla Tebgħa tal-Madonna u l-Inkurunazzjoni tagħha mill-Kori Kollha tal-Anġli.

Il-kuluri ta' dan il-kwadru huma mirquma b'mod interessanti bl-attenzjoni tal-kuluri ċari fuq ix-xbieha ta' Sant'Anna u Marija Bambina. Il-kulur kemmxejn skur li hemm fil-fond tat-tila jirrappreżenta t-triq mudlama tal-ħajja tagħna l-bnedmin u li għandna nirrikorru lejn il-Madonna bħala d-dawl tal-ħajja tagħna.

Huwa għalhekk li għandna dejjem nagħtu ġieħ b'mod xieraq lil Dik li nisslet lill-Iben t'Alla fuq din l-art mingħajr l-ebda tebgħa tad-dnub. Omm Alla u Omm il-Bnedmin kollha.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.



# Keiko Holmes
## *Mara Ġappuniża tagħmel ġid kbir*

**Eddie Camilleri**

Smajna u qrajna fuq il-ħruxija li wrew il-Ġappuniżi fil-gwerra li għaddiet mal-priġunieri li waqgħu f'idejhom matul il-gwerra. Se nġib fil-qosor xi stejjer li rrakkontaw dawk li daqu l-ħruxija tal-kastigi tagħhom u baqgħu ħajjin. Mara Ġappuniża, bl-isem ta' Keiko Holmes, taf kemm kienet qawwija l-mibegħda li kellhom l-Ingliżi u l-Amerikani li ġarrbu l-moħqrija ta' dawk li kienu għassa mal-priġunieri fejn kienu jinżammu. Baqgħu jissemmew għax huma kienu każi ħorox imma kienu nies tajbin u lill-priġunieri ttrattawhom tajjeb. Biex ngħidu kollox irridu ngħidu u niftakru li n-nies Ġappuniżi tal-ibliet ta' Hiroshima u Nagasaki daqu l-morr tal-bombi nukleari li ntużaw fil-gwerra.

Kienu bombi ta' qirda tremenda u telfien ta' eluf ta' nies. Kemm hi kerha l-gwerra u x'ħalliet warajha, ħlief biki u ħerba. U din il-mara Ġappuniża, Kieko Holmes, daħlet b'kuraġġ ta' ġgant biex tressaq l-għedewwa lejn xulxin u turi l-imħabba lil kulħadd, li l-Ġappuniżi huma bnedmin bħall-oħrajn.

Hemm minnhom li ġabu ruħhom ta' nies ħorox u bla rispett. Li se taqraw f'dawn l-inċidenti juru eżempji sbieħ u ta' min jimitahom u jagħmel bħalhom u hemm stejjer oħrajn li juru l-ħruxija u ta' min jistmerrhom u lanqas biss joħlom bihom ma għandu għax iqanqlu l-mibegħda u jġeddu l-feriti tal-gwerra.

Se nagħti xi stejjer koroh li ġraw u oħrajn sbieħ li għandna nagħmlu bħalhom.

Mela l-imbierka Keiko Holmes flimkien mar-raġel tagħha bdew jorganizzaw laqgħat bejn dawk li huma priġunieri u l-Ġappuniżi u jeħduhom għand xulxin. Tgħidx kemm sabu oppożizzjoni għax kien hemm min qal, "Dawn il-laqgħat mhux isiru biex iqarrbu l-għedewwa lejn xulxin imma biex iġeddu l-weġgħat li sofrew fil-gwerra. Imma Keiko ma qatgħetx qalbha imma sew hi u kemm ir-raġel tagħha kienu stqarrew li x-xogħol li kienu jagħmlu kien xogħol ta' ġid u kien se jtaffi l-ħruxija tal-gwerra.

Veru li kien hemm priġunieri li kienu jiftakru f'dawk is-snin ta' moħqrija imma kien hemm oħrajn li ferħu ħafna lil xulxin.

Se nagħti l-istejjer li juruna minn x'hiex għaddew dawn il-priġunieri. Dawn u oħrajn bħalhom kellmet Keiko bil-ħlewwa u stednithom biex imorru għal dawn il-laqgħat tal-Agape, li hi u żewġha kienu jorganizzaw. Min kien jaċċetta li jmur kien jipprova jagħmel pass lejn is-sewwa. Keiko fetħet il-bieb li kien magħluq.

Derek Gilbert għamel snin sħaħ jobgħod lill-Ġappuniżi. Imma f'Marzu tas-sena 2000 meta mar għall-Agape u kif qal hu stess meta beda jiltaqa' man-nies Ġappuniżi, sab li kienu nies bħall-oħrajn. Kienu jitkellmu bħala ħbieb u jikkundannaw dak kollu li kien ħażin. Fost dawn in-nies, Gilbert iltaqa' ma' wieħed li kien għassa miegħu fil-kamp. Dan il-Ġappuniż talab maħfra lil Gilbert. Gilbert ħafirlu u kif stqarr Gilbert stess, ħass ferħ kbir u inqas piż kbir ta' mibegħda.

Priġunier ieħor li aċċetta l-istedina ta' Keiko kien Jack Buttrwort. Dan ukoll kien priġunier ieħor f'Taiwan. Imma dan il-priġunier jgħid li l-Ġappuniż li kien għassa miegħu salvalu ħajtu. Kif? Ra li Jack kien fi stat ħażin ħafna bid-debbulizza li kellu. Tah pillola li tatu enerġija u saħħa mill-ġdid u saħħtu bdiet tieħu forza u deher li ġej għall-aħjar. B'dik il-pillola li tah is-suldat li kien hemm miegħu, Jack reġa' ħa saħħa ġdida u fi żmien qasir ġie għal li kien qabel. Dan kien każ ieħor fejn l-Agape ħalliet il-ġid.

Keiko kienet ċerta li l-Agape kienet missjoni ġejja mis-sema u kienet qegħda tħalli ġid u ġid kbir. Ġid kbir għax kienet ġejja mis-sema. L-għedewwa kienu jaħfru lil xulxin u għalhekk daħlet il-barka ta' Alla u l-paċi tal-Mulej.

Ġriet u tħabbtet Keiko biex tkellem lill-familjari tal-priġunieri Ingliżi biex tistedinhom jiġu għal xi Agape li kienet torganizza minn żmien għal żmien. Fis-sena 1988 marret iżżur mina fejn kienu mietu ħafna priġunieri Ingliżi.

Ħdejn dan iċ-ċimiterju mina sabet ġnien sabiħ u nfurmat il-familji tas-suldati li nqatlu. Għaddew is-snin u Keiko xejn ma qatgħet qalbha u fl-1992 bil-għajnuna ta' ħafna nies, Keiko rnexxielha torganizza pellegrinaġġ ta' dawk li kienu priġunieri u reġgħu lura d-dar.

Ħafna nies ħadu sehem u tassew ħadu pjaċir bil-laqgħat mal-Ġappuniżi. Ferħu l-Ingliżi għax ħafru u ferħu l-Ġappuniżi u bkew għax ferħu bil-maħfra. Tant ferħu li ħafna minnhom bkew bil-ferħ qaddis.

Bil-maħfra niftakru li meta ndaħħlu 'l Alla fl-inkwiet tagħna, Alla żgur jagħtina l-għajnuna li neħtieġu f'dak iż-żmien. Alla jaf kollox, jaf x'għandna bżonn. Ma jippretendix ħlas għall-għajnuna li jagħtina. Dejjem insibuh magħna. Ħa nsemmi xi ħaġa oħra u nuri l-Agape x'ħalliet ta' ġid warajha u napprezzaw ukoll il-ġid li għamlet Keiko u r-raġel tagħha magħha meta ressqu l-għedewwa lejn xulxin, l-Ingliżi lejn il-Ġappuniżi, u l-Ġappuniżi lejn l-Ingliżi.

## Rebħa Kbira

Każ ieħor kien ta' Roy Blackler li għall-istedina ta' Keiko aċċetta li jieħu sehem fl-Agape. Lil Keiko qalilha ċar u tond li ltaqa' kemm iltaqa' ma' Ġappuniżi xejn ma għamillu ġid. Imma Keiko, li kienet taf kemm Blackler kien iebes, ħaditu għand familja Ġappuniża li kellha t-tfal żgħar. Ġurnata minn dak iż-żmien li Roy kien għand din il-familja, it-tifla ż-żgħira ħaditu magħha fejn ix-xmara ħalli jitimgħu l-ħut.

F'ħin minnhom il-Ġappuniża misset idejn Roy u Roy mess idha wkoll. Dan il-ġest tant impressjona lil Roy, li kif qal hu stess, għall-ewwel darba f'ħafna snin ħassu ferħan li ħafer u nesa t-tbatija li sofra f'idejn il-Ġappuniżi. Kienu ħorox, imma t-tfal tagħhom kienu bħat-tfal tagħna, xejn iżjed u xejn inqas. Priġunier ieħor kien famuż u ta' min isemmih biex naraw kemm ix-xogħol li kienet tagħmel Keiko kien perikoluż.

Mela wieħed fost in-nies li stiednet għall-pellegrinaġġ kien Jack Caplass. Dan kien magħruf għax fis-sena 1998 kien ħaraq il-bandiera Ġappuniża quddiem l-imperatur Akihito meta l-imperatur Ġappuniż mar Londra.

It-tifla ta' dan Jack, Monique kienet wissiet lil Keiko biex toqgħod attenta għal missierha għax anke l-pulizija sigrieta Ingliża kienet wissietu biex jikkalma u r-rabja li kellu għall-Ġappuniżi kellu jinsieha u jżomm il-kalma bħala bniedem ċivilizzat u li tassew jixtieq il-paċi. Il-paċi b'hekk biss tasal u mhux bil-kwistjonijiet. Keiko stednitu biex imur Agape imma dejjem qal le għax ma riedx jiltaqa' mal-Ġappuniżi imma wara li mar, ġie lura qawwi u sħiħ.

U każ ieħor li nixtieq nagħlaq bih hu tas-Sur Paris, mill-Belt Valletta, li kien priġunier tal-Ġappuniżi. Dan Paris, li miet ftit ilu ta' 91 sena, kien baħri fuq il-frejgata Ingliża, HMS Exeter li kienet intilfet meta ġiet mgħarrqa fil-battalja fil-Lvant Imbiegħed.

Is-Sur Paris kien inqabad priġuner flimkien ma' tmien baħrin oħra Maltin li għal xi żmien kienu priġunieri flimkien. Dan is-Sur Paris jgħid kemm kienu neqsin mill-ikel. L-ikliet kienu jkunu dejjem ross u kienu jiġu msawtin. Dan Paris kien jiġbor ftit biċċiet tal-lasktu wżat li s-suldati Ġappuniżi kienu jarmu u minnu kien jagħmel xi qorq jew xi sandli u kien jagħtihom lil sħabu. Dawn kienu ipattulu billi kienu jagħtuh xi ikla ross.

Kulħadd kien iħallas ta' fqir li kien. Paris jgħid li meta ġie lura mill-Ġappun ġab miegħu par minn dawn is-sandlijiet li kien jagħmel mill-biċċiet tal-lastku. Dan is-sandli kien tah lis-sindku tal-Belt bħala tifkira taż-żmien li għamel bħala priġunier fil-Ġappun. Paris jgħid ukoll li kemm dam priġunier iltaqa' ma' raġel Skoċċiż li kien priġunier miegħu u dan kien għamillu kuruna u tahielu.

Paris qal li l-kuruna ħalliha lill-familja tiegħu. Issa, wara din il-kuruna hemm storja. Inħadmet minn priġunier Skoċċiż, ingħatat lill-priġunier Malti f'kamp ta' konċentrament Ġappuniż. Ħlas għall-kuruna kien kikkra ross u fuq kollox il-kuruna għandha l-barka ta' Alla u l-familja li wirtitha tiftakar minn x'hiex għadda n-nannu fl-aħħar xhur tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Tfakkarhom f'dawk li kienu priġunieri miegħu u daqu t-tbatija. Il-familja ta' Paris tiftakar f'dawn l-imsejknin li mietu. Ix-xogħol ta' Keiko u l-pellegrinaġġi li kienet tagħmel jibqgħu jissemmew. L-Agape ta' Keiko miktubin fl-istorja u fil-kotba ta' Alla. Alla ma jinsiehomx. Alla jgħożż il-karità li nagħmlu ma' ħutna fil-bżonn.

# Tislima lil Dun Nazzarenu Caruana

**Eddie Camilleri**



Dun Nazzarenu Caruana

Kien saċerdot umli. Għallimtu fl-iskola Primarja, bqajt insegwih għal ħafna snin fl-iskola fejn kien imur u anke wara meta sar saċerdot. Kien dejjem attent għad-dmirijiet li kien iġorr bħala kappillan. Niftakar meta Mons. Arċisqof Mercieca sejjaħlu biex isir kappillan tal-parroċċa ġdida tal-Immakulata Kunċizzjoni, il-Ħamrun. Imbagħad Ħal Għaxaq u wara Ħal Lija u dan l-aħħar, l-Imqabba.

Kollha kellhom il-problemi tagħhom imma bl-għajnuna t'Alla, il-Kappillan Nazzarenu dejjem irranġa l-problemi li sab mill-aħjar li seta' u fl-opinjoni tiegħi, il-parroċċi baqgħu jaħdmu u l-festi titulari baqgħu jsiru. U prova ta' din l-armonija rajnieha fil-funeral tiegħu. Rajna r-rispett tas-saċerdoti u tal-poplu li kien preżenti. Kull fejn mar ħadem għall-paċi u fl-aħħar ta' ħajtu rajna l-paċi taħdem u dehret ċara kull fejn kien kappillan. Alla hekk ried. Kien jixraqlu u hawn il-Mellieħa dehret u nħasset ukoll.





# Kemm Nixtieq!

Ġanni Camilleri

Kemm nixtieq narak bħal dari
Raħal ċkejken bi ftit nies!
Konna lkoll qaqoċċa waħda
Kull filgħodu għall-quddies.

Kemm nixtieq nara l-għelieqi
Maħdumin mill-Melleħin,
Min bl-imgħażqa jew b'lexxuna,
Mill-ħaxix kollha mnaddfin!

Kemm nixtieq nara l-imrieħel
Jirgħu qalb pjanuri ndaf,
Bir-ragħaj magħhom jindokrahom
U isimhom ilkoll jaf!

Kemm nixtieq nara l-familja
B'dawk it-tfal jilagħbu tard,
Filgħaxija wkoll jitolbu
Speċjalment fejn kien hemm mard!

U fejn huma d-djar ta' dari?
Għalkemm żgħar, kellhom il-kenn,
Mill-perikli li hawn fostna
Bogħod mill-ħsejjes u mill-ġenn.

Ħafna nies kienu bla skola
Ftit li xejn kienu jaqraw,
Iżda l-paċi kienet f'qalbhom
Jgħinu 'l min batut jaraw.

Kemm nixtieq inħoss il-paċi
Li gawdew il-Melleħin!
Għax minkejja l-ħajja sempliċi
Kienu dejjem ferħanin.

Il-familja llum qed tbati
Għax ftit ħin tagħti 'l Mulej,
Biex titkellem miegħu u tfaħħru
Għax kull m'għandha, minnu ġej.

Għax x'jiswew id-djar lussużi
Fejn il-paċi u l-ferħ neqsin?
Mhux aħjar tgħix ġewwa girna
Bogħod mill-ħsejjes, mill-ħażin.

**Evergreen**

*New Discount Mini Market* - under new Management

**Triq Napuljun Caruana Dingli • Tel: 2152 2738**

**Free Delivery**

**Ħinijiet tal-Ftuħ:** Kuljum mis-6.00am sas-6.00pm ma nagħlqu xejn. Fis-Sajf mis-6.00am sas-1.00pm u mit-3.30pm sas-6.00pm. L-Erbgħa mis-6.00am sas-1.00pm u s-Sibt mis-6.00am sas-2.00pm. Ħanut fejn il-mara tad-dar issib kollox bl-irħas prezzijiet

# Kurt's Discount Store




12 Main Street
Mellieha

Mob: 9927 0088
Tel: 21520665

FREE DELIVERIES





ALCOTT

SPACE FOR
YOUR STYLE



Dazzle

16, Main Str, Mellieha
21520686

# Attivitajiet



## Jum it-Tifkira 2011



## Esebizzjoni: "Il-Festa, Vetrina Tagħna l-Maltin"



## Kunċert tal-Milied mill-Kor Imperial



# Frankie Waberitta

Sor Emma Camilleri

Frankie kien il-*watchman* tagħna s-sorijiet f'Hongue. Post fil-Kenja 'l bogħod elf kilometru minn Nairobi. Dan Frankie ried jiżżewweġ imma ma kellux flus biex jixtri l-mara. Ġie ħdejna u qal lil Sor Susanna li jixtieq jikteb ittra lil Maltin biex jgħinuh. Sor Susanna qaltlu biex jikteb kemm irid. Kiteb lil Sor Rosalia u kitbilha hekk:

"Għażiża Sor Rosalia, Jien jisimni Frankie u nixtieq niżżewweġ bil-Knisja imma m'għandix flus. Missier it-tfajla talabni tagħha kemm jiswew 14-il baqra. Jien naqla' biss 500 xelin fix-xahar (għaxar liri). Dawk iservuni biex niekol biss u mhux biex infaddal biex nixtri lil Pawlina. Nixtieq li din l-ittra turiha lill-kbir ta' Malta, lill-Isqof u lin-nies kollha. Naf li intom qalbkom tajba u se tgħinuni żgur." Inselli għalikom Frankie.

Niftakar li kien iddobba xi ħaġa minn Malta imma ma kellux biżżejjed biex jixtri l-mara. Għadda ftit taż-żmien sakemm bena l-għarix u ssetilja fl-għalqa tiegħu. Darba stedinna biex immorru naraw l-għarix u l-għalqa tiegħu. Jien u Susanna ftehimna li mmorru dak inhar stess. Domna sejrin mhux ħażin, nitbandlu min-naħa għall-oħra fil-*jeep*. Frankie kien joqgħod qalb l-għelieqi. Minn fejn bdejna ngħaddu qatt ma kienet għadha għaddiet karozza. Bdejna nsuqu bl-amment qalb il-ħaxix għoli. F'nofs l-għelieqi naraw ġej wieħed ixejjer u jagħmlilna s-sinjali biex inkomplu deħlin 'il ġewwa. Kien Frankie. X'ħin lemaħna beda jgħajjat lil Pawlina li konna wasalna aħna.

Dan Frankie kien bniedem ferrieħi u ottimista u ma jaqtax qalbu. Lil Sor Susanna kien iħobbha wisq u jirrispettaha. Tant kien jirrispettaha li semma l-għalqa tiegħu għaliha. Qasam tank mill-kbar min-nofs, iddrittah u waħħallu miegħu biċċa zokk biex ikun fil-għoli u żebgħu abjad. Qegħdu fil-bidu tal-għalqa tiegħu u b'ittri kbar suwed kiteb: "*Camilleri Farm*".

Sadattant waslet Pawlina tifraħ bina b'tarbija fi ħdanha u Frankie riedna bilfors nieħdu ritratt flimkien ħdejn it-tabella. Tgħidx kemm feraħ. Ir-ritratti jħobbuhom wisq. Dak il-ħin bdiet nieżla x-xita u bdejna ngħaffġu fil-ħamrija u nċafalsu fit-tajn u bqajna mexjin wara Frankie. Ried jurina l-għalqa u kull erba' passi beda jwaqqafna biex jurina x'kien hemm miżrugħ. Għalih li morna aħna s-sorijiet fl-għalqa tiegħu kienet xi ħaġa li ġġib għira lil dawk kollha li bdew jarawna deħlin fl-għalqa tiegħu u wisq iżjed fl-għarix tiegħu. Hu kollox sew kien ħafi jgħaffeġ fil-ħamrija, imma Susanna, Prassede u jien konna bis-sandli u bil-kalzetti. Kull sandlija saret tiżen kilo bil-ħamrija li weħlet magħha, imma Frankie ma nkwetax. Minkejja kollox u bix-xita nieżla Frankie baqa' jurina u jwaqqafna bil-paċenzja kollha x'kien hemm miżrugħ. Fl-aħħar wasalna f'nofs l-għalqa fejn kellu l-għarix. Dawn in-nies iħennu ħafna għal xulxin. Ħabib tiegħu talbu biex jibni għarix fl-għalqa tiegħu u Frankie kkuntentah. Sid l-għarix ma kienx hemm u Frankie ma kkonfonda xejn daħħalna f'dan l-għarix biex narawh. Bieb ma kienx hemm, kulma kien hemm xkora mdendla. Dawn in-nies m'għandhomx x'jisirqulhom. L-art tal-ħamrija, fin-nofs ftit ħatab u fuqu landa mġemmda, sodda biz-zkuk tas-siġar bi ftit xkejjer fuqha u ftit 'il fuq minn rasu meta jkun mimdud, kien hemm biċċa plastik imwaħħla ma' biċċa zokk biex jekk tagħmel ix-xita ma jixxarrabx. Dak kulma kellu fl-għarix.

Issa ried jurina daru, l-ikbar ambizzjoni li kellu, l-ewwel ma wriena l-gallinar tat-tiġieġ. Kellu fih papri, tiġieġ u serduk. Kellu fuqu ferħ kbir b'dan il-ġid kollu. Jien, fejn l-annimali ma nixba' qatt, imma Susanna qaltli li se jurina xi ħaġ'oħra li għadha mhix lesta. Erġajna morna warajh, biex jurina l-bir li kien qiegħed iħaffer imma Susanna qaltli li ma kienx se jsib xortih għax għalkemm kien diġa' ħaffer fil-fond kien għadu ma sabx ilma. Fi ħsiebu jsemmih: *Camilleri Water Project*. Dak il-ħin ammirajt l-isforzi, it-tbatija u l-ottimiżmu tiegħu. Kemm ibatu dawn in-nies biex jgħixu!

Kien imiss li jeħodna fil-villa tiegħu. L-għarix tiegħu kien aħjar minn ta' sieħbu għax kien maqsum fi tlieta. Dħalna minn bieb baxx u dejjaq u sibna mejda żgħira bi tvalja u tliet siġġijiet. L-art bħal tal-ieħor tal-ħamrija u lanqas biss indenja ruħu jillivellaha. Kollha ħotob u ħofor. Susanna għemżitni u bil-Malti qaltli: "Ħares lejn il-mejda, is-siġġijiet u l-bieb ta' barra, dawk kollha biċċiet tal-injam li aħna nkunu warrabna."

Jien issugrajt ngħidlu biex nara t-taqsim l-ieħor u hu kollu ferħan daħħalni fil-kċina. Fiha kellu armarju tal-qasab li għamel hu wkoll, kien qisu qafas tal-ġbejniet. Kien fih nofs tużżana tazzi waħda mhix bħall-oħra u qalilna li dawk rigali tat-tieġ minn nies differenti.

Sadattant Pawlina marret ġiebet erba' bottijiet tal-landa mill-kbar u mliethom sax-xfar bit-te. Is-sorijiet xorbuh imma jien ma flaħtx nixorbu u Frankie riedni nixorbu. Susanna qaltlu li ħafna likwidu mhux tajjeb għalija għax marida bil-kliewi. Is-sorijiet l-oħra xorbuh kollu u Pawlina reġgħet marret timlielhom il-bott.

Frankie reġa' ftakar f'xi ħaġ'oħra, telaq jiġri ġewwa u narawh ġej lura b'kenur. Qalilna li dak ukoll kien qalgħu fit-tieġ. Jien kelli kurżità kbira biex nara l-kamra tas-sodda. Ma ridtx nitlaq minn hemm qabel nara x'kien fiha dik id-daqsxejn ta' kamra. Staqsejt lil Frankie jekk nistax nidħol f'dik il-kamra. Riedni nidħol imma qalli biex nidħol bil-mod. Jiena obdejt u meta kont fid-daħla tal-bieb biex nidħol fil-kamra tas-sodda ndunajt għala. Dik it-toqba ta' kamra tas-sodda kienet tesa' sodda waħda mill-injam li jsib barra. F'kull rokna tal-kamra kien hemm erba' qrejjaq fuq il-bajd.

Qabel tlaqna minn hemm, Susanna fettlilha ssaqsi lil Frankie jekk lill-mara kienx fdieha, jiġifieri jekk kienx ħallas id-dota kollha. Qalilha li lil missierha baqagħlu jagħtih kemm jiswew tliet baqriet. Pawlina għadha ma rathom qatt nies żewġha.

Missierha ma riedx li tmur tarahom qabel ma żewġha jħallas id-dota kollha. Il-ftit flus li jkollu jagħtihom lil Susanna biex iżżommhomlu għax inkella jew jonfoqhom jew jagħtihom lil min jitlobhomlu. L-għada narah ġej bi ftit xelini ġo borża tal-karti biex inżommhomlu.

Nawguralkom il-festa t-tajba u ġurnata bnazzi.

J. Vella

Għal kull xogħol ta' kisi, żebgħa u tikħil fuq il-fil.

200, Triq Vincenzo Ciappara,
Il-Mellieħa - Malta
**Mob: 9949 5126**

IR-RAZZETT

FRESH FRUIT & VEGETABLES

244, Main Street, Mellieħa - Malta
Tel: 21 521473
Mobile: 9944 6545

FREE DELIVERIES



# Il-mibki J.J. Camilleri

## *Ma kienx Mellieħi, imma.....*



**Philip Borg**



**Ma kienx Mellieħi. Kien Mosti, iżda jħobb kulma huwa Malti u fl-aħħar snin kien sar midħla sew tal-Mellieħa. F'xi żmien kien jgħallem ma' Salvu Buttigieg u Ġorġ Fenech. Jien nofsi Mellieħi u kont inħobb inġibu miegħi meta niġi għall-festa kull sena. J.J. Camilleri kien edukatur għomru kollu, awtur magħruf u mimli tagħrif storiku fuq elf ħaġa madwarna, iżda kien umli u twajjeb.**

Wara li mietet martu Josephine f'Settembru 2005, is-"Sir" – kif kien magħruf ma' ħafna, u jien konna niltaqgħu aktar spiss u nattendu flimkien laqgħat, wirjiet, kunċerti, festi u kulfejn, hu jew jien konna nkunu mistednin. Fl-aħħar snin ħdimna wkoll flimkien fis-sotto-kumitat tal-kultura tal-Kunsill Lokali waqt li hu serva wkoll fis-sotto-kumitat tal-Librerija Pubblika.

Kien iħobb lil Għawdex – martu kienet Għawdxija, u żort il-gżira oħtna bosta drabi miegħu. Ħarstu kienet tistrieħ malli naslu Marsalforn ... aktarx b'ħafna tifkiriet taż-żogħżija u n-namur. Kull meta konna ngħaddu mill-Mellieħa kien jirrakkuntali li jiftakar il-karettuni miġbuda mill-bgħula jġorru n-nies lejn l-Għadira fis-sajf u fix-xitwa l-passiġġieri sal-Marfa. Niftakru jgerger kif il-ħafna ħwienet u tabelli u arbli u vetturi u storbju u ġiri u dħaħen u ġenn tal-lum qatlu ħafna mill-ġmiel u s-sliem naturali ta' raħal kwiet u twajjeb, raħal verġni jfewwaħ bi frott ir-raba' u l-fwieħa tal-baħar mill-bajja sbejħa li qisha tirxoxta kull sajf...

Niftakru jogħxa jgħidli kif snin twal ilu, vjaġġ lejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, għal ħafna Maltin kien qisu safra sabiħa. "Bejn it-tul tat-triq u l-hena tal-Mulej taħt dawk is-siġar fid-daħla lejn is-Santwarju... l-arja nadifa u ż-żiffa li tmellsek minn fuq l-Għadira!" Mur għidlu lill-ħabibi l-JJ li dawk is-siġar ukoll sabu sehemhom dis-sena!

Fl-2007 in-neputi Kevin Debono kien stedinni nippreżenta xi programmi għall-Vitorja fuq l-istazzjon tal-komunità tal-Għaqda Piroteknika Marija Bambina, immexxi minn Toni Caruana. Kont ġibtu miegħi u ntervistajtu fuq l-Istorja bikrija tal-inħawi u fuq id-devozzjoni Marjana. Għamilt żewġ programmi miegħu u kieku seta' kien jibqa' sejjer jirrakkonta fuq il-Mellieħa u l-Melliħin. Tista' tgħid qattajna ġimgħa ġejjin u sejrin il-Mellieħa... u kull darba kien donnu jgerger "kemm sejrin malajr?"

Sena wara sena konna nkunu mistednin tal-Banda Imperial għall-kunċert tal-festa u għall-festa nnifisha. Kien donnu dara l-programm tiegħi li noqgħod nitgħaxxaq nisma' ż-żewġ innijiet sbieħ fuq il-planċier fiż-żewġt itruf tal-pjazza. Jien nintilef fil-ħsibijiet tal-hena tat-tfulija ma' missieri Ġużeppi u n-nanna Ġużeppa ta' Selmun. Ħabibi l-JJ jomgħod fis-skiet il-kliem ħlejju ta' Nikol Biancardi u tal-avukat George Zammit u mbagħad ifendi battuta minn tiegħu... kull darba kien itenni "sabiħ dan l-innu, is-sena d-dieħla ngħidilhom idaħħluni fil-kor!". L-ewwel ġimgħa ta' Settembru kienet saret appuntament ta' kull sena għalih u għalija. Kien jibda jfakkarni hekk kif tgħaddi Santa Marija. Fit-tjubija tiegħu kien juri l-ferħ tiegħu billi jistqarr ma' kulħadd "fi xjuħiti sirt ukoll ċittadin onorarju tal-Mellieħa!"

Kien raġel twajjeb, mimli għerf iżda umli u modest f'kulma jgħid jew jagħmel. Fuq kull ħaġa jew persuna li nafu, il-JJ Camilleri kellu aneddotu jew xi dettal storiku kif ukoll xi battuta lesta biex jislet tbissima. Darba xtaqt intella' serata f'ġieħu flimkien ma' ħbiebi tal-Għaqda Talent Mosti, li kienet l-għaxqa tiegħu, u ridt aktar tagħrif dwar ħajtu u l-karriera twila li kellu bħala edukatur. Kemm kemm staqsejtu meta twieled u mill-ewwel qatagħli fil-qasir: *"uuuh daqs kemm ilu! Kif tridni niftakar?"*

Bqajt nissikkah iżda għalxejn. Kien twajjeb imma daqshekk ieħor determinat jekk jisħel idaħħal xi ħaġa f'rasu! Ir-rakkonti tiegħu bħala għalliem, kap ta' skola u assistent direttur, kienu mimlijin episodji kif kien

irnexxielu jibdel xi tifel li ma jridx jaf bi skola għal tifel li kapaċi jagħmel kulma jaraw għajnejh. L-osservazzjoni tal-qagħda soċjali tat-tfal u l-familji tagħhom kienet parti essenzjali mill-kuxjenza tiegħu. Iktar ma sirt nafu, iktar fhimt il-kontenut soċjali qawwi fil-ħafna kotba tiegħu – uħud minnhom kienu wkoll *text-books* tal-Malti għal min jaf kemm eluf ta' studenti!



Ħaġa li ftit jafu, il-JJ kien iħobb ipitter u għamel bosta pitturi biż-żejt ta' xeni tipiċi Maltin, l-aktar il-kampanja u xi bini antik jew kappella qadima mitlufin qalb is-sejjieħ u l-ħarrub. Għall-integrità tiegħu serva f'diversi awtoritajiet u kummissjonijiet nazzjonali. Kien għal żmien twil eżaminatur f'sejħiet pubbliċi u jibqa' miftakar bħala wieħed milli stinkaw biex fl-Università ta' Malta tiffunzjona sew il-fakultà ġdida tal-edukazzjoni sa mis-snin sebgħin.

L-għaxqa tiegħu jikteb artikli b'tagħrif storiku għall-każini tal-Mosta u kulfejn jistednuh, inkluż il-Każin tal-Imperial. Il-festa ta' Marija Assunta kienet waqt ta' ferħ kbir kull sena. Kiteb l-innu l-kbir għas-Soċjetà Santa Marija, iżda ma naqasx li jikkontribwixxi mill-ħila letterarja tiegħu lis-Soċjetà Nicolò Isouard ukoll. Kien iħobb jgħidli li l-festa tal-Bambina kellha rabta ma' dik ta' Santa Marija. Dejjem lest b'xi ħlieqa.. "kos hux, f'Awwissu nfakkru meta l-Madonna temmet ħajjitha u mbagħad, appena tliet ġimgħat wara niċċelebraw it-twelid tagħha..." Bi tbissima kien jgħid li hemm xi żball fil-kalendarju...

Joseph John Camilleri kien Mosti ġenwin u maħbub. L-antiki tamparu kienu jsibuh bħala "il-Pjola" għall-plejer magħruf Taljan li kien fit-tim li rebaħ it-Tazza tad-Dinja fl-1938. Il-ġenerazzjoni ta' wara, ħafna minnhom studenti tiegħu, baqgħu jafuh bħala "is-Sir". B'mod ġenerali madwar il-pajjiż kollu baqa' magħruf bħala l-"J.J." – kien ifissirha b'ċajta... "ġej, ġej u ma jasal qatt!"

Il-J.J. fl-aħħar wasal... u telaqna wkoll fil-5 ta' Lulju li għadda fil-għomor ta' 84 sena! Il-kittieb u l-poeta jmut, iżda xogħlu jibqa' għal dejjem! Is-sliem Ġuż, grazzi tal-wirt sabiħ li ħallejtilna f'kitbietek u bl-eżempju ta' ħajtek!




Abela Norbert Joiners

Craftmanship furniture for clients' special requirements!

59, Taraġ il-Baqquniera,
Triq in-Naħal, Il-Mellieħa - Malta
Tel: 2152 3853, 9947 6620

Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd



# It-Tixrid tat-Talba tar-Rużarju mid-Dumnikani

Raphael Micallef

Kull ordni reliġjuża ssibilha xi devozzjoni speċjali li din tkun indirizzata lill-Omm tagħna tas-sema "Marija". Fl-Ordni Dumnikana tirrisplendi bil-kbir id-devozzjoni lejn ir-Rużarju Mqaddes u din ġejja tradizzjonalment mill-Qaddis Fundatur San Duminku ta' Gusman, tant li dan insibuh ikkonfermat fil-Kungress Mondjali Marjan li kien sar f'Ruma fl-1904 mill-Ġeneral tal-Ordni ta' dak iż-żmien, il-Venerabbli Patri Ġjaċint McCormier. Għalhekk il-leġiżlaturi, persważi mill-qawwa tar-rużarju fil-kostituzzjoni, ordnaw biex b'ħilithom kollha tinxtered din id-devozzjoni u jkunu veri appostli tagħha.

Id-Dumnikani mhux biss fil-predikazzjoni tagħhom, huma magħrufa biex ikabbru din id-devozzjoni tar-rużarju iżda wkoll bil-kilba mħeġġa, taw prominenza fit-tixrid tagħha f'tant perjodiċi u kotba, f'għaqdiet bħal konfraternitajiet imwaqqfa sa mill-eqdem żminijiet tal-Knisja. Il-Papa Sistu IV fl-1478, kif ukoll il-Papa Benedittu XV kienu żejnu lill-knisja tad-Dumnikani ta' Kolonja b'ħafna indulgenzi b'digrieti tal-Kongregazzjoni tas-Santu Uffiċċju.

Kienu wkoll id-Dumnikani li taw bidu lid-devozzjoni tas-Sibtijiet bi tħejjija għall-festa tar-Rużarju bi ħmistax-il Sibt mis-Seklu XVII wara r-rebħa ta' Luigi XIII, Re ta' Franza, f'Rockville kontra l-Ugonotti. Il-Papiet kollha f'kull żmien taw prominenza fid-devozzjoni tar-rużarju iżda l-aktar fosthom mhux ta' min ma jsemmix il-Papa Dumnikan, San Piju V (1504-1572), il-Papa magħruf tar-Rużarju, b'mod speċjali l-konnessjoni mal-battalja ta' Lepanto.

Kien dan il-Papa li ħareg l-ewwel enċiklika fuq ir-rużarju. Dan kien iffissa l-ġurnata tas-7 ta' Ottubru b'dedika lill-Madonna tar-Rużarju. Kien id-Dumnikan, il-Beatu Alan de la Roche (1428-1479), li xerred din id-devozzjoni b'tant ħeġġa. Kien hu wkoll skont l-istorja li għaraf lil San Duminku bħala l-ewwel predikatur fit-tixrid ta'din id-devozzjoni lejn Marija Santissima li tat lilu fis-Seklu XIII fi żmien meta l-Knisja kienet ippersegwitata b'ereżija tal-Albiġiżi. Dumnikan ieħor, il-Beatu Anġeliku (Guido De Vecchio O.P.) 1387-1455, ipprietka lil Marija Omm tar-Rużarju bit-talent tal-pinzell.

Kienu n-Novizzi Dumnikani tal-Kunvent ta' San Duminku f'Fiesole li taw bidu lis-simbolika devozzjoni tax-xahar tal-fjuri f'Mejju u x-xahar t'Ottubru bħala x-xahar tar-Rużarju kif insibu li qal is-Saċerdot Emilio Campala fil-ktieb tiegħu (Loco Cit, Pagna 512 Vol 1.), id-Dumnikan Belġjan Patri Luke Hellemans, warajh Patri Ġjaċint Berghmans, il-magħruf fostna Patri E. Klimech fejn dan ħeġġeġ din id-devozzjoni, saħansitra fit-tħabrik tiegħu bena s-Santwarju ta' Fatima f'Malta kemm dan dam Provinċjal ta' din il-Provinċja Maltija.

Patri Dumnikan Marcell Vanni, li xerred ir-rużarju mal-Italja, Dumnikani oħra magħrufa bħal Patri Marie Joseph Lagrange, Dominique Pire, B Franġisku Coll, Patri Giuseppe Moran (1867) li kiteb "I Messi d'Ottobre" lid-Dumnikani Spanjoli, lill-famuż Predikatur Lacordaire li ħareġ iħeġġeġ bil-prietki tiegħu d-devozzjoni tar-rużarju. It-Terzjarju Dumnikan Beatu Bartolo Longo (Avukat), fundatur tas-Santwarju devot tal-Madonna ta' Pompei, fl-Italja, lit-Terzjarju Dumnikan ieħor S. Luigi M. Grigor de Montfort.

Santwarji dedikati lill-Madonna tar-Rużarju mxerrda madwar id-dinja jagħrfu lid-Dumnikani bħala Promoturi kbar tar-Rużarju bħal dak ta' Lourdes fejn fil-pjazza prinċipali hemm fuq il-bieb skolpita fl-irħam il-Madonna tar-Rużarju ma' Missierna San Duminku. Ġewwa Fatima, madwar dak is-Santwarju Marjan, tilmaħ fuq iċ-ċint statwetti ta' qaddisin fosthom ta' Dumnikani u tal-Fundatur tagħhom San Duminku. Mhux ta' min iħalli barra l-Papa Terzjarju Dumnikan, il-Beatu Ġwann Pawlu II li, marbut ħafna mal-Madonna speċjalment f'din id-devozzjoni tar-rużarju, żied ħames posti ġodda, magħrufa "tad-Dawl".

Fil-knejjes kollha f'Malta u Għawdex għandek issib altar iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju u lil Missierna San Duminku jirċievi l-kuruna tar-Rużarju u xejn inqas il-Knejjes u l-Kappelli tad-Dumnikani f'pajjiżna kollha ddedikati lill-Madonna, fost oħrajn is-Santwarju tal-Madonna tar-Rużarju ta' Fatima f'Gwardamanġa.

L-Ordni Dumnikana għandha protezzjoni speċjali minn Ommna Marija taħt dan it-Titlu. Lil din l-Ordni Marija Santissima riedet tforniha b'arma setgħana u mhux qerrieda, superjuri għal kull arma oħra biex teqred l-umanità, arma li tista' tiġi reċitata minn kulħadd, għorrief u mhux, bis-sempliċità tagħha, b'saħħitha u debboli, suldati fuq kull azzjoni.

Ir-Rużarju huwa garanzija ta' predestinazzjoni Eterna. Għalhekk waqt li nħarsu lejn San Duminku b'ammirazzjoni, nħarsu wkoll lejn il-kuruna tar-rużarju fejn dan il-Fundatur qiegħed jurina li jirrakkomanda biex ngħidu.



*Modern Multicultural Cuisine*
*A la Carte • Pizzeria • Daily Specialities*
*Casual Dining with a difference*
*OPEN AIR DINING*
*Opening Hours:*
*Lunch: 11.00am till 3.00pm*
*Dinner: 6.00pm till 10.30pm*
*(Closed Wednesday)*

THE HILLTOP RESTAURANT




*The Hilltop Restaurant G. Borg Olivier Street, Mellieħa*
*For reservatrions call + 356 2152 1101 or +356 9944 5484*
*E-mail: reservations@thehilltopmellieha.com*
*Website: www.thehilltopmellieha.com*

Paws 'n' Claws
Pet Shop
Veterinary & Grooming
Selling Best Food
Accessories & Toys
Triq L-Għorgħar, Mellieħa Mob:7982 4046 / 9988 3434
*(ħdejn il-Barriera tal-Blu l-antika)*

**SPECIAL OFFERS AVAILABLE IN STORE**



Opening hours:
Mon – Tues 07.00 – 18.00
Wed 07.00 – 13.00
Thurs - Fri 07.00 – 18.00
Sat 07.00 – 14.00
Sun Closed

**Ġo Ġo**
MINI MARKET
**Mario & Joanne Vella**
Snajjin Street
Mellieħa, Malta
Tel: 21521445
**Free Deliveries**

# Il-Bar tal-Każin tal-Banda Imperial

*Għal xarba ġenwina mal-ħbieb*
*jew għal ikla ġenwina*
*(tistgħu tordnaw fniek u laħam taż-żiemel)*

***7, Pjazza tal-Parroċċa, il-Mellieħa***
***Tel: 2152 3467***

*Il-familja Gauci*
*tawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.*





## *Tifkira tas-Sebgħin Anniversarju ta' Malta fit-Tieni Gwerra Dinjija*

# Attakki mill-Ajru fuq il-Mellieħa matul l-1941 u l-1942

kitba ta' Charles Debono



## Introduzzjoni

Matul din is-sena Malta qed tikkommemora s-sebgħin anniversarju tal-għoti tal-*George Cross* fil-15 ta April 1942 u l-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija fil-15 ta' Awissu 1942. Dan l-artiklu jittratta attakki li saru fuq il-Mellieħa matul is-snin 1941 u 1942. Matul l-1942 l-intensità tal-attakki fuq Malta kienu iktar determinati bil-għan li jeqirdu l-potenzjal tal-gżira li kienet xewka f'dahar l-Assi. Għalkemm il-Mellieħa hija 'l boghod mill-Port il-Kbir u fejn kien hemm l-ajrudromi, u ma kienx jiġbed l-attenzjoni tal-ajruplani tal-għadu, xorta minn xi daqqiet tfaċċaw ajruplani u waddbu xi bombi fuq ir-raħal. L-iktar attakk li kien sar fuq il-Mellieħa kien dak tal-25 ta' April 1942, fejn il-Kamp tal-Għadira kien ġie attakkat tliet darbiet fl-istess ġurnata.

Dan l-artiklu se jkompli mal-ewwel wieħed, li deher sentejn ilu fejn kien jitratta attakki li saru fuq il-Mellieħa matul l-1940.



Ritratt ta' attakk fuq HMS Illustrious meħud minn fuq ajruplan Ġermaniż.

## Attakki matul l-1941

Għall-aħħar ta' Diċembru 1940 elementi minn *Fliegerkorps X* ġew trasferiti fi Sqallija sakemm il-korp tal-ajru Ġermaniż kien preparat biex jibda l-ħidma tiegħu kontra l-gżejjer Maltin. L-Assi saru jafu li fil-bidu ta' Jannar 1941 kien salpa konvoj Ingliż minn Ġibiltà, fejn wieħed mill-bastimenti merkantili tiegħu kien destinat li jasal Malta biex jinforza l-gżejjer Maltin. Bastimenti navali tal-Flotta tal-Mediterran, li kienu jinkludu l-*aircraft carrier* HMS Illustrious salpaw minn Lixandra, l-Eġittu, fejn uħud minnhom kellhom jiltaqgħu mal-konvoj. Waqt li kienu fiċ-ċentru tal-Mediterranan, il-*Luftwaffe* ippreparat serje ta' attakki biex tgħarraq l-HMS Illustrious, però fl-10 ta' Jannar l-*aircraft carrier* irnexxielha tasal Malta.



Junkers Ju87 Stuka jiddajvja fuq l-Isla.

Sitt ijiem wara l-Ġermaniżi bdew l-ewwel attakki tagħhom fuq Malta li baqgħu magħrufa bħala l-Blitz tal-Illustrious.[1] Fil-15 ta' Jannar 1941 ġie senjalat li ajruplani tal-għadu kienu għaddew minn fuq il-Mellieħa, li però kienu qed jisparaw fuqhom il-kanuni ta' kontra l-ajruplani. Xahar wara, eżattament fil-11 ta' Frar ġie rrapurtat li fil-5.00pm ajruplani tal-għadu immaxingjaw ix-Xemxija. Erbat ijiem wara *splinters* minn bombi dehru jaqgħu fuq il-Mellieħa.[2]

Fis-snin għoxrin u tletin tas-seklu l-ieħor (1920s u 1930s) fil-Bajja tal-Mistra kienu jsorġu ajruplani tal-baħar u dan baqa' sejjer anki fl-ewwel xhur tal-gwerra. Infatti fl-istess post kienu jsorġu ajruplani tal-baħar tat-tip Sunderland Mk I. Dawn ġibdu l-attenzjoni ta' ajruplani tal-ġlied tal-għadu, meta fis-7 ta' Marzu, żewġ Messerschmitt Bf109Es tas-7/JG 26 immaxingjaw Sunderland L2164 fejn l-ajruplan sofra diversi ħsarat. Is-Surġent A.S. Jones

Farmer's Fresh
Green Grocer



Fresh Fruit & Vegtables Daily

78, Main Street, Mellieħa
Tel: 21521599

Open Monday till Saturday
7.00am till 8.00pm
Sunday 8.00am till 1.00pm

Hunter's Snack Bar

Vjal il-Ħelsien, Ħaż-Żebbuġ
Mob: 9927 2785
Prop. Darren Micallef

For good food @ Cheap Prices

SALA IMPERIAL

(mgħammra b'arja kundizzjonata)

Ideali għal riċevimenti tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u għal kull attività soċjali oħra.

***Għal aktar informazzjoni avviċinaw lill-membri tal-Kumitat, jew ċemplu fuq in-numri tat-telefown:***

**21 523467 u 21 520536**



Sunderland L2164 jaqbad.

mall-ewwel mar fuq wieħed mill-*machine-guns* Vickers K tal-istess ajruplan, fejn ipprova jwaqqa' l-ajruplan, li però wassal minflok għall-mewt tiegħu fil-post fejn kien.

Tlitt ijiem wara, reġgħu tfaċċaw ajruplani tal-ġlied tal-għadu fejn din id-darba għamlu attakk iktar determinat. Messerschmitts ittajru fil-baxx u immaxingjaw Sunderland T9046, qabel ma reġgħu dawwru ħarsithom lejn L2164, fejn din id-darba safa attakkat serjament u tħalla jaqbad. Sar attentat biex l-ajruplan jinġibed lejn il-bajja, però kien kollu għalxejn għax leħaq għereq f'baħar baxx.[3]



Sunderland L2164 maqsum fi tnejn.

Xahrejn wara, fit-12 ta' April 1941 ġie rrapurtat li fil-10.40pm waqgħu bombi 'il barra mill-Qammieħ, filwaqt li l-għada ajruplani tal-għadu waddbu bombi fl-inħawi tal-Bajja tal-Għadira. Fid-29 ta' April għal ħabta tas-7.30pm waqt attakk mill-ajru, kanuni ta' kontra l-ajruplani bdew jisparaw fuq ajruplani tal-għadu, wieħed minnhom, tat-tip Junkers Ju88 mid-9/LG 1 intlaqat u beda jaqbad. Il-bdoti qabżu bil-paraxut u kollha nqabbdu minnufih, mentri l-ajruplan ikkraxxja fin-*Naval Firing Range* tal-Kamp ta' Għajn Tuffieħa.[4] Ġie rrapurtat ukoll li balla ta' kanun ta' kontra l-ajruplani waqgħet fit-Triq il-Mitħna l-Qadima li tagħti għal Miżieb.[5]

Episodju simili ġara fis-6 ta' Mejju meta fis-6.30pm balla oħra ta' kanun ta' kontra l-ajruplani waqgħet din id-darba fil-Bajja tal-Armier. Disat ijiem wara, fil-15 ta' Mejju 1941 ġie rrapurtat li fil-4.45am, twaddbu ħames bombi inċendjarji fuq Tal-Bisqra, fejn tqabbat ukoll xi tiben.

Matul ix-xahar ta' Mejju, elementi minn *Fliegerkorps X* bdew iħallu Sqallija, uħud lejn il-Libja u l-kumplament taru lejn l-Ewropa tal-Lvant biex jippartecipaw fl-Invażjoni mill-Assi tal-Unjoni Sovjetika, li bdiet fit-22 ta' Ġunju. Matul ix-xhur tas-sajf ir-*Regia Aeronautica* kompliet weħidha bl-attakki tagħha fuq Malta, però l-Ġermaniżi kellhom jerġgħu jirritornaw lejn Sqallija għall-aħħar tal-1941, din id-darba *Fliegerkorps II* kellha l-ordni biex tinnewtralizza lil Malta. Għall-aħħar tal-1941 naraw li fit-23 ta' Novembru twaddbet bomba f'Tal-Migduma, li però ma splodietx.



Junkers Ju88 eskortat minn żewġ Messerschmitt Bf109Fs fi triqithom biex jibbumbardjaw lil Malta.

## Attakki matul l-1942

L-ewwel attakk li sar fuq il-Mellieħa fis-sena l-ġdida kien fid-19 ta' Jannar 1942 meta filgħodu kmieni ġie rrapurtat li waqgħet bomba f'għalqa f'Għajn Żejtuna.[6] Disat ijiem wara, fit-28 ta' Jannar, żewġ Messerschmitt Bf109Fs tfaċċaw fuq il-Mellieħa għal ħabta tas-6.13am, segwiti iktar tard minn tlieta u sittin Junkers Ju88s u wieħed u għoxrin Junkers Ju87 Stukas, meta għal ħabta tat-7.57am attakkaw il-Kampijiet tal-Għadira u Għajn Tuffieħa, li però kkawżaw ftit ħsarat.[7]

Fl-aħħar ġurnata tal-istess xahar, il-31 ta' Jannar 1942, ajruplani tal-għadu waddbu sittax-il bomba



Il-Junkers Ju88 li kkraxxja fin-Naval Firing Range tal-Kamp ta' Għajn Tuffieħa.



Junkers Ju88 f'ajrudrom fi Sqallija.

f'għelieqi fl-Aħrax tal-Mellieħa u splodew kollha, li però ma kinux rappurtati vittmi. Fix-xahar ta' wara, fit-22 ta' Frar erba' bombi waqgħu bejn Il-Blata u Selmun, li però ma kkaġunaw l-ebda imwiet jew ħsara.

Xahrejn wara, matul il-Blitz ta' April 1942, fis-7 tal-istess xahar, waqt li kanuni ta' kontra l-ajruplani kienu qed jisparaw fuq ajruplani tal-għadu, balla minn kanun minnhom waqgħet u splodiet fi Triq l-Għolja, fejn żewġ suldati tal-Ewwel Battaljun tal-*King's Own Malta Regiment* (KOMR) u persuna ċivili ġew feruti. Sebat ijiem wara, fl-14 ta' April, ajruplani tal-għadu waddbu ħames bombi fl-inħawi tal-Għadira, li però ma kkaġunaw l-ebda feruti jew ħsara.[8]

## L-ikbar attakk fuq il-Mellieħa, 25 ta' April 1942

Kif għedna minn Jannar sa' April 1942 kienu diġà saru diversi attakki fuq il-Mellieħa però l-ikbar attakk li qatt sar fuq ir-raħal tal-Mellieħa kien dak tal-25 ta' April 1942. Matul din il-ġurnata kienu saru tliet attakki, filgħodu, f'nofs inhar u filgħaxija. L-ewwel tinwiħa tas-sirena instemgħet fis-6.40am fejn numru ta' ajruplani tal-għadu tfaċċaw fuq il-Bajja tal-Għadira u waddbu diversi bombi fuq il-kamp, fejn tkissru tank tal-ilma u numru ta' barrakki. Matul dan l-attakk tilfu ħajjithom żewġ rekluti,[9] Anthony Baldacchino u Nazzareno Grech.[10] F'dan l-attakk kienu twaddbu ħafna bombi inċendjarji, li waqgħu kemm fuq il-kamp kif ukoll fuq ir-raħal li ġew f'numru ta' toroq.



Junkers Ju88.

Ajruplani tal-għadu reġgħu tfaċċaw fuq il-Mellieħa għal ħabta tas-12.50pm fejn twaddbet bomba ta' kalibru kbir fuq il-Kamp tal-Għadira. Numru ta' bombi inċendjarji waqgħu fil-Wied ta' Għajn Żnuber u fl-għelieqi viċin ir-raħal, li però ma kkawżaw l-ebda feruti. L-aħħar attakk tal-ġurnata sar fis-5.45pm meta numru ta' ajruplani tal-għadu waddbu bombi f'għelieqi fil-viċinanzi tal-Mellieħa, fuq il-Kamp tal-Għadira, Kamp ta' Għajn Tuffieħa, l-Irdum ta' Bajda u l-Miżieb, li però ma kkawżaw l-ebda imwiet jew feruti[11]

## Iktar attakki fuq il-Mellieħa

Fit-28 ta' April ġie rrapurtat li filgħodu waqgħet bomba fil-Kamp tal-Għadira.[12] L-għada sar attakk ieħor, fejn erba' ajruplani tat-tip Cant Z.1007 eskortati minn erbgħa u għoxrin Macchi C202 ġew rrappurtati li attakkaw il-Kamp tal-Għadira mingħajr ma kkawżaw imwiet jew feruti.[13] Fit-30 ta' April ġie rrappurtat waqgħu xi bombi fuq il-Mellieħa, fejn tilef ħajtu Joseph Debono.[14]



Cant Z.1007.

Fid-9 ta' Mejju twaddbu xi bombi inċendjarji fuq Selmun. Sitt ijiem wara, ajruplani tal-għadu waddbu bombi fuq il-blat ta' Għajn Żnuber. It-Taljani rriturnaw fuq il-Mellieħa fil-15 ta' Mejju, meta għal ħabta tad-9.15am tfaċċaw tliet Savoia Marchetti SM84, eskortati minn 30 Macchi C.202 fi triqithom lejn San Pawl il-Baħar, li però waddbu xi bombi fuq Forti Campbell.[15] Bombi oħra waqgħu Għajn Żejtuna.[16] Fil-lejl tat-30/31 ta' Mejju ajruplan tal-għadu waddab bomba fil-wied faċċata tal-Għassa tal-Pulizija, fejn ġew milquta tliet idjar.[17]



Fiat BR20M.

Fis-17 ta' Ġunju għal ħabta tas-1.30am tfaċċa fuq il-Mellieħa ajruplan Taljan tat-tip Fiat BR20M, fejn fetħu n-nar fuqu kanuni ta' kontra l-ajruplani. L-ajruplan beda jwaddab il-bombi u wħud minnhom ġew fuq ir-raħal.[18] Matul il-lejl tat-28/29 ta' Lulju 1942 disa' Junkers Ju87 Taljani attakkaw post mhux speċifikat fl-inħawi tal-Għadira, li probabbilment kienet il-postazzjoni tas-*searchlight* f'Tal-Bisqra.

Wara li waslu ħames bastimenti merkantili tal-Konvoj ta' Santa Marija bejn t-13 u l-15 ta' Awwissu 1942, Malta bdiet terġa' tqum fuq saqajha. Minn Malta bdew jergħu jsiru attakki fuq konvojs li kienu jibgħatu l-Assi lejn il-Libja. L-Assi reġgħu għamlu attentat tal-aħħar biex almenu jwaqqfu dil-ħsara li



Heinkel He-111.

bdiet issir minn Malta f'Ottubru tal-istess sena.

Fil-11 ta Ottubru, dehru numru ġmielu ta' ajruplani tal-għadu għaddejin minn fuq il-Mellieħa li kienu jikkonsistu minn sittax-il Junker Ju88 eskortati minn sbatax-il Reggiane Re2001 u ħamsa u għoxrin Macchi C202. Huma kienu diretti lejn l-istazzjon tar-radar tas-Salini, però xi bombi waqgħu fuq il-Mellieħa wkoll.[19] Fit-12 ta' Ottubru għall-ħabta tat-8.00pm ajruplani tal-għadu waddbu numru ta' bombi inċendjarji f'għelieqi f'Għajn Tuffieħa li ma kkaġunaw l-ebda imwiet jew ħsara. Fl-14 ta' Ottubru ajruplan Ġermaniż tat-tip Heinkel He111 deher fuq il-Mellieħa u waddab xi bombi fuq Għajn Tuffieħa.[20] L-għada (15 ta' Ottubru) waqgħet bomba fuq Ġnien Ingraw li kkawżat il-mewt ta' tifel ta' 6 snin, filwaqt li żewġ persuni oħra sfaw feruti. Ħames bombi oħra waqgħu fl-inhawi tat-Torri tal-Aħrax, fejn ġie ferut bagħal. Fis-16 ta' Ottubru reġgħu dehru ajruplani tal-għadu, fejn waqgħu xi bombi fi Triq is-Salib.[21]

F'din il-minisensiela ta' artikli dwar attakki fuq il-Mellieħa, li apparti l-Kamp tal-Għadira li kien jiġi attakkat frekwentament, ftit li xejn waqgħu bombi fuq ir-raħal innifsu. Bombi tal-għadu waqgħu wkoll fuq il-kampanja u l-għelieqi Melleħin. Fatt kurjuż ukoll li rajna kien il-balal tal-kanuni ta' kontra l-ajruplani li ma kinux jisplodu fl-arja u jaqgħu f'xi żona abitata.

(L-awtur huwa Storiku u Kuratur tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra, fil-Forti Sant'Jiermu, il-Belt Valletta, parti mis-Sezzjoni Marittima u Storja Militari ta' Heritage Malta).

**Referenzi**

1 Philip Vella, *Malta: Blitzed but not Beaten*, (Malta, 1985), pp 22-24.
2 WP
3 Anthony Rogers., *Battle over Malta: Aircraft losses & crash sites 1940-42*, (Great Britain, 2000), p 77 and Christopher Shores and Brian Cull with Nicola Malizia, *Malta: The Hurricane Years 1940-41*, (Great Britain, 1987), pp 165-166
4 Rogers, *op cit*, p 82.
5 WP.
6 NAM, MIG 129/42, Malta Police Reports on Air Raids from 1st January to 31st December 1942.
7 Rollo, p 239.
8 NAM, MIG 129/42
9 *The Sunday Times of Malta*, 22nd April 1951, p 5.
10 John A. Agius. Roll of Honour: Civilians.
11 NAM, MIG 129/42.
12 NAM, MIG 129/42.
13 Shores, Cull, Malizia, p 226.
14 Agius.
15 Shores, Cull, Malizia, *op cit*, p 271.
16 NAM, MIG 129/42.
17 Ibid.
18 Rogers, *op cit*, p 173.
19 Shores, Cull, Malizia, p 578.
20 Shores, Cull, Malizia, p 607.
21 Ibid.

HB MOTORS

Vehicle Repairs & Services
Tel: 21 520429
Mob: 9986 8092
20, Triq il-Għasel, il-Mellieħa
Nixtiequ l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha

# Il Bagno

*We offer a selection of wall and floor tiles in different sizes, starting from €7.50 per meter. We also have mirrors, bathroom cabinets, Grohe mixers & fittings, water heaters, etc... Clearance sale on various bathrooms accessories like, shower cubicles, cabinets, mirrors & more...*

**For more information visit our showroom at 37, Main Street, Mellieħa or call us on 2152 4585 or 7986 5292**








# Marianna Stationery

**Pjazza tal-Parroċċa**
**Il-Mellieħa**
**Tel: 21 523468 / 21 522267**

Issibu: Gazzetti, *Cards*, *Stationery*, Rigali, Ganutell, *Pergamano*, Eċċ.



# SANTA MARIA Service Station

Prop. B. & O. Farrugia

**Car wash**
**Valeting**
**Internal Steam**
**Vulcanising & Wheel Balancing**
**Batteries & Car Accessories**
**Car Repairs & Servicing**





## *Sebgħin anniversarju tal-għotja tal-George Cross lil Malta*

# Inċident relatat maċ-ċerimonja tal-*George Cross* fil-Mellieħa

**kitba ta' Charles Debono**

Sebgħin sena ilu, eżattament fil-15 ta' April 1942, Malta ngħatat il-*George Cross* mir-Re Ġorġ VI tal-Ingilterra għal qlubija li wriet u kienet għadha turi kontra l-attakki qliel tal-Assi, jiġifieri t-Taljani u l-Ġermaniżi. L-ewwel attakk fuq Malta sar fil-11 ta' Gunju 1940 u minn dik il-ġurnata 'il quddiem Malta sabet ruħha fuq il-front tal-gwerra. Bl-intervent tal-Ġermaniżi fil-Mediterran l-attakki mhux talli żdiedu talli saru ħafna iktar qliel.

Is-sena 1942 kienet l-agħar tal-gwerra għal Malta fejn numru sostanzzjali ta' Maltin tilfu ħajjithom filwaqt ħafna bini safa mġarraf. L-agħar xahar tal-gwerra għal Malta kien April, li baqa' magħruf il-Blitz ta' April 1942. Matul dan ix-xahar kienu twaddbu 6,727 tunnellata ta' bombi, filwaqt li 339 nies ċivili u 208 nies tas-servizz tilfu ħajjithom.[1] Dan kien ix-xahar fejn il-*Luftwaffe*, il-Qawwa tal-Ajru Ġermaniża kienet determinata li tinnewtralizza lil Malta bħala preludju għall-invażjoni, li fortunatament qatt ma seħħet.

Kien għalhekk li r-Re Ġorġ VI tal-Gran Brittanja kien ta l-*George Cross* lil Malta, biex jonora lil din il-gżira għas-sehem qalbieni tal-gwarniġġjun u l-popolazzjoni ta' dawn il-gżejjer fil-gwerra kontra l-Assi. Għalkemm il-*George Cross* ingħata fil-15 ta' April 1942, iċ-ċerimonja saret fit-13 ta' Settembru tal-istess sena. Dan minħabba li kif għedna qabel matul ix-xahar ta' April kienu għadhom għaddejjin attakki qliel. Wara li saret iċ-ċerimonja fi Pjazza San Ġorġ, quddiem il-Palazz tal-Gvernatur, li fiha ħadet sehem ukoll il-banda tal-Ewwel Battaljun tal-*King's Own Malta Regiment*, li kien stazzjonat fil-Mellieħa, saru ċerimonji simili f'kull belt u raħal tal-gzejjer Maltin.

Iċ-ċerimonja tal-għotja tal-*George Cross* fil-pjazza tal-Mellieħa saret nhar it-Tnejn, 28 ta' Settembru 1942. Magħha hemm marbut inċident kurjuż li jixhed il-mod kif kienu jaħsbuha l-Melleħin u l-awtoritajiet f'dawk il-ġranet koroh tal-gwerra. Matul iċ-ċerimonja li saret fil-Mellieħa ġie rrappurtat li raġel ta' 28 sena li kien joqgħod fi Triq il-Parroċċa, li miegħu kellu lil oħtu ta' 8 snin, fejn waqt li kienu jsegwu ċ-ċerimonja simbolika, ġie nnutat li t-tifla kellha bandiera Taljana f'idejha. Skont l-istħarrig li sar jidher li mat-tifla kien hemm ukoll tifel li jiġi t-tifel ta' ħuha. Meta r-raġel ra l-bandiera ħadielha minn idha minnufih. Jidher li l-bandiera kienet inxtrat mit-tifel xi ġranet qabel mingħand raġel ta' 62 sena li kellu ħanut fil-pjazza tal-parrocca, fejn dan kellu għal bejgħ diversi bnadar ta' pajjiżi differenti. Kien anki magħruf is-simpatiji li kellhom iż-żewġ irġiel. Ir-raġel tal-ħanut kien magħruf li kellu simpatija pro-Taljana, filwaqt li r-raġel l-ieħor kien pro-Ingliż.[2]


THE GEORGE CROSS AT MELLIEHA

L-artiklu li deher fuq it-*Times of Malta*, tal-Ġimgħa 2 ta' Ottubru 1942, fejn jitkellem fuq iċ-ċerimonja tal-għotja tal-George Cross, li saret fil-Mellieħa nhar it-Tnejn, 28 ta' Settembru 1942.

Dan l-inċident juri kif għalkemm Malta għaddiet minn dik it-tbatija kollha xorta kont għadek issib nies li kienu favur l-għadu. Din hija sitwazzjoni fejn dak li jkun ried joqgħod attent kif jitkellem minħabba li faċilment seta' jiġi inkriminat li kien favur l-għadu. Dan l-inċident juri wkoll li l-awtoritajiet kienu attenti għal xi possibiltà ta' infiltrazzjoni mill-għadu. Ma rridux ninsew li dan l-inċident seħħ erba' xhur wara l-episodju ta' Carmelo Borg Pisani, li kien ġie minn Sqallija biex jispjuna għat-Taljani, għax kien jemmen li Malta hija parti mill-Italja. Hu kien inqabad mal-ewwel u wara li għadda ġuri nstab ħati ta' tradiment u ġie mgħallaq f'Novembru 1942.

(L-awtur huwa Storiku u Kuratur tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra, fil-Forti Sant'Jiermu, il-Belt Valletta, parti mis-Sezzjoni Marittima u Storja Militari ta' Heritage Malta).

**Referenzi**:

[1] Philip Vella, *Malta: Blitzed but not beaten*, (Malta, 1985), p 112.

[2] Okkurrenzi tal-Pulizija.



# Min irreklama f’din il-pubblikazzjoni

A. F. Skip Hire ... 91
A. Vella Borg & Sons Ltd ... 126
Abela Norbert Joiners ... 137
Ahead Stationeries ... 140
Attard Skip Hire ... 122
B. Grima & Sons Ltd ... 8
Bavaria ... 91
Beachaven Lido Discotheque ... 100
Beauty Secrets ... 146
Beautymood ... 122
Bella Veduta Grocery & Confectionery ... 9
BOV ... 43
Carmel Vella & Sons Ltd ... 13
Carmel Vella Limited ... 74
Caruana ConstrActive Co. Ltd ... 90
Caruana Light Decorations ... 120
Cash & Carry ... 78
Central Shoe Store ... 116
Christopher Sciberras Car & Truck Batteries ... 36
Clifford Motoring School & Motorcycle Towing ... 113
Commando Bar & Restaurant ... 20
D’Yummies Take Away ... 24
Dainty Clothing & Footwear ... 100
Dazzle ... 132
Design & Décor ... 116
Dingli Butcher ... 45
Dome Jewellery ... 130
dpproperties ... 103
Drifter 24 hour service ... 23
Drive Well! ... 47
Easygas Malta Ltd ... inside back
Evergreen ... 131
Fairplay Bingo ... 7
Farlex Bar & Restaurant ... 108
Farmer’s Fresh Green Grocer ... 142
Fieldsports ... 102
Foto Creative Ltd ... 30
GasanMamo Insurance ... outside back
George’s Bakery ... 17
Gillieru Restaurant ... 42
Giuseppi’s Wine Bar ... 116
Glamorous Unisex Salon ... 88
Ġo Ġo Mini Market ... 139
Green Valley ... 36
Greystone Pub & Restaurant ... 35
Half Way Inn ... 100
HB Motors ... 145
Herbies Jewellery Ltd ... 43
Home Essentials ... 11
Horace Enterprises Ltd ... 109
Housewife Fresh Chicken ... 25
HSBC ... 55
Hunter’s Snack Bar ... 142
Il Bagno ... 146
Il-Bar tal-Każin tal-Banda Imperial ... 140
Il-Qasrija ... 113
Ir-Razzett Fresh Fruit & Vegetables ... 135
J & G Discount Detergent Shop ... 122
J. Vella ... 135
JDS Furniture Ltd ... 14, 15
Jevon’s Discount Supermarket ... 24
JIMCAM ... 88
Joe Gauci Metal Works ... 72
John Bray & Son Funeral Directors ... 102
John Buttigieg Cikkies Fruit & Vegetables ... 31
Joseph Debono for Middle Sea ... 6
Julie’s Unisex Hair Salon ... 88
Kafè Borg ... 104
Karizia Travel Agency ... 6
Kurt’s Discount Store ... 132
Manuel Bezzina Co. Ltd ... 11
Manuel’s Garage Co. Ltd ... 72
Marianna Stationery ... 146
Mario Gauci Fruit & Vegetable Seller ... 111
Maritim Antonine Hotel Spa Malta ... 50
Mellieħa Garage ... 45
Middlehill Store ... 45
MT Service Station ... 108
Nella’s ... 53
Paradise Bay Lido ... 55
Paradise Bay Resort ... 47
Paws ‘n’ Claws Pet Shop ... 139
Pergola Club Hotel Spa ... 46
Philip Borg Ltd ... 10
Philip Attard (Hawker) ... 53
Popeye Village ... 66
QLED ... 94
Ramla Bay Resort ... 67
Raymond Bajada ... 88
Riviera Hotel ... 79
ROCS Group ... inside front
ROCS Travel ... 2
Sala Imperial ... 17
Sammy Buttigieg Cikkies Fruit ... 37
Santa Marija Service Station ... 146
Schere ... 95
Sea View Bar ... 104
Seabank Resort & Spa ... 54
Selmun Bar & Restaurant ... 19
Shoppers Discount Supermarket ... 26
Silhouette Photo Studio ... 12
Solana Hotel ... 46
Sports Experience ... 116
Stardust ... 107
Steffie’s Hair Studio ... 42
Super Line Feeds & Garden Centre ... 137
Ta’ Kanani ... 23
Ta’ Peter ... 104
Ta’ Soldi Restaurant ... 78
Tal Blue Developments Ltd ... 126
The Arches ... 51
The Hilltop Restaurant ... 139
Tony’s Bakery ... 104
Tower Ladder Services ... 120
V. Debono Ironmongery ... 122
Vanmar Co. Ltd ... 10
View Point Restaurant ... 27

**Filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min għoġbu jirreklama f’din il-pubblikazzjoni, nappellaw lil kulħadd sabiex jagħmel użu mill-prodotti u s-servizzi reklamati.**

easygas
MALTA LTD

For Cleaner & Cheaper Energy!

Valletta Road, Luqa

(T) 2122 6126
(M) 7922 2112
(E) easygasmalta@hotmail.com




GasanMamo Insurance Ltd hi awtorizzata mill-MFSA.

59, Triq G Borg Olivier, Mellieħa | Tel: 2152 3672 | insurance@gasanmamo.com | www.gasanmamo.com